PARLAMENT EWROPEW

*2009 - 2014*

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0003/2013**

11.12.2012

*****I**

# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili
(COM(2011)0934 – C7-0519/2011 – 2011/0461(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Elisabetta Gardini

Rapporteur għal opinjoni (*): Michèle Striffler, Committee on Development

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

## WERREJ

**Paġna**


ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

NOTA SPJEGATTIVA.......... 60

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP.......... 64

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI.......... 75

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN.......... 102

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS .......... 116

PROĊEDURA.......... 132

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili**
**(COM(2011)0934 – C7-0519/2011 – 2011/0461(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0934),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 196 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0519/2011),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0003/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jirrimarka li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġiżlattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġiżlattiva u li dan ma jistax jiġi stabbilit sakemm jintlaħaq qbil rigward il-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020;

3. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva"[1]; itenni li jinħtieġu biżżejjed riżorsi addizzjonali fil-QFP li jmiss sabiex l-Unjoni tkun tista' tilħaq il-prijoritajiet eżistenti tal-politika tagħha u twettaq il-kompiti l-ġodda previsti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll sabiex tindirizza sitwazzjonijiet mhux mistennija; jisfida lill-Kunsill, f'każ li ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet politiċi jew mill-proġetti tiegħu jista' jiġu abbandunati totalment, minkejja l-garanzija ta' valur miżjud Ewropew tagħhom; ***jindika li anke b'żieda ta' 5 % fil-livell tar-riżorsi għall-QFP li jmiss meta mqabbel mal-livell tal-2013, tkun tista' ssir biss kontribuzzjoni limitata għall-kisba tal-objettivi u l-impenji miftiehma tal-Unjoni u l-prinċipju tas-solidarjetà tal-Unjoni;***

4. Ifakkar li fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 bit-titolu "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva"[1], il-Parlament Ewropew identifika l-protezzjoni ċivili (Artikolu 196 TFUE)

[1] Testi adottati, P7_TA(2011)0266.

bħala wieħed mill-oqsma fejn id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona ta lill-Unjoni prerogattivi ġodda sinifikanti u jfakkar f'dan il-kuntest fl-Artikolu 311 TFUE li jesiġi li l-Unjoni taħseb biex ikollha l-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha;

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) ***Minħabba ż-żieda*** sinifikanti fin-numri u s-severità ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem fl-aħħar snin ***u f'sitwazzjoni fejn diżastri*** fil-futur x'aktarx se jkunu aktar estremi u kumplessi b'konsegwenzi kbar u fuq żmien itwal, li jirriżultaw b'mod partikolari, minn tibdil fil-klima u interazzjoni potenzjali bejn bosta perikli naturali u teknoloġiċi***, approċċ integrat*** għall-ġestjoni tad-diżastri ***kull ma jmur qed isir aktar importanti***. L-Unjoni għandha tappoġġja, tikkoordina u tissupplimenta azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili bil-għan li jkun hemm titjib fl-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. | (1) ***Kien hemm żieda*** sinifikanti fin-numri u s-severità ta’ diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem fl-aħħar snin. ***Id-diżastri*** fil-futur x'aktarx se jkunu aktar estremi u kumplessi b'konsegwenzi kbar u fuq żmien itwal, li jirriżultaw b'mod partikolari, minn tibdil fil-klima***, li għandu effett sproporzjonat fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw,*** u interazzjoni potenzjali bejn bosta perikli naturali u teknoloġiċi. ***Hemm bżonn urġenti, għalhekk, li tiġi abbandunata s-sistema ta’ koordinazzjoni ad hoc u li jsir progress lejn mekkaniżmu effiċjenti Ewropew*** għall-ġestjoni tad-diżastri ***msejjes fuq approċċ integrat.*** L-Unjoni għandha tappoġġja, tikkoordina u tissupplimenta azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili bil-għan li jkun hemm titjib fl-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-protezzjoni li għandha tiġi assigurata taħt il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni għandha primarjament tkopri persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull diżastru naturali u kkawżat mill-bniedem, inklużi atti ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġis tal-baħar u emerġenzi akuti tas-saħħa, li jseħħu fi ħdan jew barra l-Unjoni. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili u kwalunkwe għajnuna oħra f'emerġenza tista' tkun meħtieġa f'dawn id-diżastri kollha biex tikkomplementa l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-pajjiż affettwat. | Il-protezzjoni li għandha tiġi assigurata taħt il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni għandha primarjament tkopri persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull diżastru naturali u kkawżat mill-bniedem, inklużi atti ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġis tal-baħar u emerġenzi akuti tas-saħħa, li jseħħu fi ħdan jew barra l-Unjoni. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili u kwalunkwe għajnuna oħra f'emerġenza tista' tkun meħtieġa f'dawn id-diżastri kollha biex tikkomplementa l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-pajjiż affettwat ***u tal-awtoritajiet kompetenti tiegħu,inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali, li huma l-aktar qrib biex jittrattaw il-problemi***. |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Skont l-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma marbuta jaġixxu b'mod konġunt fi spirtu ta' solidarjetà jekk Stat Membru jkun l-oġġett ta' attakk terroristiku jew il-vittma ta' diżastru naturali jew ikkawżat mill-bniedem. Il-Mekkaniżmu għandu jkollu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi jalloka r-riżorsi u l-kapaċitajiet tiegħu skont kif ikun meħtieġ.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili jikkostitwixxi espressjoni viżibbli ta' solidarjetà Ewropea billi jiżgura kontribuzzjoni prattika u f'waqtha għall-prevenzjoni u għat-tħejjija għal diżastri u r-reazzjoni għal diżastri ewlenin u l-imminenza tagħhom. ***Għalhekk,*** din id-Deċiżjoni ma ***għandhiex*** taffettwa ***d-drittijiet*** u l-obbligi reċiproċi tal-Istati Membri fit-trattati bilaterali jew multilaterali, li jirreferu għall-materji koperti b'din id-Deċiżjoni***, u lanqas ir-responsabbiltà tal-Istati Membri biex jipproteġu persuni, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom***. | (4) Il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili jikkostitwixxi espressjoni viżibbli***, konkreta u importanti*** ta' solidarjetà Ewropea billi jiżgura kontribuzzjoni prattika***, integrata, effikaċi*** u f'waqtha għall-prevenzjoni ***konsistenti*** u għat-tħejjija għal diżastri u r-reazzjoni għal diżastri ewlenin u l-imminenza tagħhom. ***Madankollu, peress li hija primarjament ir-responsabilità tal-Istati Membri li jipproteġu n-nies, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom kontra d-diżastri u li jiżguraw li s-sistemi ta' ġestjoni tal-emerġenzi tagħhom għandhom kapaċitajiet biżżejjed,*** din id-Deċiżjoni ma ***għandha*** taffettwa ***la dik ir-responsabilità u lanqas id-drittijiet*** u l-obbligi reċiproċi tal-Istati Membri fit-trattati bilaterali jew multilaterali, li jirreferu għall-materji koperti b'din id-Deċiżjoni |

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tkompli tenfasizza li r-responsabilità primarja għall-protezzjoni ċivili hija tal-Istati Membri.*

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-Mekkaniżmu għandu jikkunsidra b'mod xieraq il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali, u jagħmel l-aħjar użu ta' sinerġiji permezz ta' | (5) Il-Mekkaniżmu għandu jikkunsidra b'mod xieraq il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali, u jagħmel l-aħjar użu ta' sinerġiji permezz ta' |

| | |
|---|---|
| inizjattivi rilevanti tal-Unjoni, bħall-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), il-Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u l-Ambjent Komuni għall-Iskambju tal-Informazzjoni (CISE). | inizjattivi rilevanti tal-Unjoni, bħall-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), il-Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u l-Ambjent Komuni għall-Iskambju tal-Informazzjoni (CISE)***, kif ukoll il-Fondi koperti mir-Regolament (UE) Nru ..../..... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... [li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxu dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni], u l-istrumenti tal-azzjoni esterna.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali ta' politika għal azzjonijiet tal-Unjoni rigward il-prevenzjoni tar-riskju tad-diżastri mmirati għall-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni u reżiljenza kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom u bit-trawwim ta' kultura ta' prevenzjoni. Pjanijiet għall-ġestjoni tar-riskju huma essenzjali biex jiżguraw approċċ integrat għal ġestjoni ta' diżastri, bir-rabta bejn azzjonijiet ta' prevenzjoni tar-riskju, ta' tħejjija u ta' reazzjoni. Għaldaqstant, il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali għall-komunikazzjoni u l-implimentazzjoni ***tagħhom***. | (6) Il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali***, integrat*** ta' politika għal azzjonijiet tal-Unjoni rigward il-prevenzjoni tar-riskju tad-diżastri mmirati għall-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni u reżiljenza kontra d-diżastri***, u r-reazzjoni għalihom,*** bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom u bit-trawwim ta' kultura ta' prevenzjoni. Pjanijiet għall-ġestjoni tar-riskju huma essenzjali biex jiżguraw approċċ integrat għal ġestjoni ta' diżastri, bir-rabta bejn azzjonijiet ta' prevenzjoni tar-riskju, ta' tħejjija u ta' reazzjoni. Għaldaqstant, il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali ***għal tħejjija,*** komunikazzjoni***, rekwiżiti minimi ta' kontenut*** u l-implimentazzjoni ***ta' tali pjanijiet***. ***Il-Kummissjoni għandha*** |

***tiżviluppa u taġġorna linji gwida għall-istruttura ta' tali pjanijiet, sabiex tiffaċilita l-komparabilità u l-kompatibilità tagħhom***.

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-prevenzjoni ***hija ta' importanza kruċjali għall-protezzjoni kontra d-diżastri u*** teħtieġ aktar azzjoni kif *mitluba* fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 u fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Settembru 2010 fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem". | (7) ***Il-miżuri effikaċi ta' prevenzjoni huma essenzjali għall-ħarsien effikaċi tal-popolazzjoni*** kontra d-diżastri. Il-prevenzjoni teħtieġ aktar azzjoni kif *mitlub* fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 u fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Settembru 2010 fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem"***, inklużi l-kunsiderazzjoni xierqa tal-impatti tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa ta' azzjoni adegwata ta' adattament***. |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Billi tagħti kontribut għal żvilupp ulterjuri ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija, l-Unjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ ta' reazzjoni għad-diżastri u jwissu liċ-ċittadini tal-UE. Dawn is-sistemi għandhom iqisu u jibnu fuq is-sorsi u s-sistemi eżistenti ***u futuri*** tal-informazzjoni. | (9) Billi tagħti kontribut għal żvilupp ulterjuri ***u integrazzjoni aħjar*** ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija, l-Unjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ ta' reazzjoni għad-diżastri u jwissu liċ-ċittadini tal-UE. Dawn is-sistemi għandhom iqisu u jibnu fuq is-sorsi u s-sistemi eżistenti tal-informazzjoni u ***tat-telekomunikazzjonijiet kif ukoll jinkoraġġixxu approċċi innovattivi***. ***Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili u s-servizzi nazzjonali ta' protezzjoni ċivili għandhom jikkooperaw mill-qrib.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-iżvilupp ta' moduli addizzjonali tal-għajnuna tal-protezzjoni ċivili, li jkunu magħmulin mir-riżorsi ta' Stat Membru wieħed jew aktar, li jimmiraw li jkunu kompletament interoperabbli, huwa segwit fuq livell tal-Unjoni sabiex jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' reazzjoni rapida tal-protezzjoni ċivili. Il-moduli għandhom ikunu organizzati fil-livell tal-Istati Membri u soġġetti għad-direzzjoni u l-kmand tagħhom. | (12) L-iżvilupp ta' moduli addizzjonali tal-għajnuna tal-protezzjoni ċivili ***fuq bażi volontarja***, li jkunu magħmulin mir-riżorsi ta' Stat Membru wieħed jew aktar, li jimmiraw li jkunu kompletament interoperabbli, huwa segwit fuq livell tal-Unjoni sabiex jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' reazzjoni rapida tal-protezzjoni ċivili. Il-moduli għandhom ikunu organizzati fil-livell tal-Istati Membri u soġġetti għad-direzzjoni u l-kmand tagħhom. ***Għandha tingħata attenzjoni speċjali f'dan ir-rigward lill-kapaċitajiet ta' protezzjoni ċivili fiż-żoni tal-fruntiera tal-Istati Membri.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*In-natura volontarja tal-iżvilupp ta' moduli għandha tiġi ċċarata.*

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-Mekkaniżmu għandu jagħmel possibbli l-mobilizzazzjoni u l-faċilitazzjoni għall-koordinazzjoni ta' interventi ta' għajnuna. Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi, kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall- | (13) Il-Mekkaniżmu għandu jagħmel possibbli l-mobilizzazzjoni u l-faċilitazzjoni għall-koordinazzjoni ta' interventi ta' għajnuna. Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi, kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall- |

| | |
|---|---|
| emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta' lezzjonijiet miksuba mill-interventi. | emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa ***fil-ġestjoni tal-emerġenzi,*** sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta' lezzjonijiet miksuba mill-interventi ***billi tippromwovi eżempji ta' prattika tajba***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-Mekkaniżmu għandu jagħmel possibbli l-mobilizzazzjoni u l-faċilitazzjoni għall-koordinazzjoni ta' interventi ta' għajnuna. Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi, kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall-emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta' lezzjonijiet miksuba mill-interventi. | (13) Il-Mekkaniżmu għandu jagħmel possibbli l-mobilizzazzjoni u l-faċilitazzjoni għall-koordinazzjoni ta' interventi ta' għajnuna. Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi ***koordinat ma' strutturi nazzjonali, reġjonali u lokali eżistenti***, kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall-emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta' lezzjonijiet miksuba mill-interventi. |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Sabiex ikun hemm titjib fl-ippjanar ta' operazzjoni għar-reazzjoni *tad-diżastri* u biex tiġi żgurata d-disponibilità ta' kapaċitajiet ewlenin, hemm bżonn li jiġu żviluppati xenarji ta' referenza għat-tipi ewlenin ta' diżastri, it-tfassil ta' kapaċitajiet ewlenin eżistenti disponibbli fl-Istati Membri, jiġu żviluppat pjanijiet ta' kontinġenza għall-użu tal-kapaċitajiet u tiġi żviluppata l-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet impenjati minn qabel tal-Istati Membri. L-eżerċizzju ta' ppjanar ta' kontinġenza għandu jintuża wkoll biex jiddetermina jekk hemmx nuqqasijiet fil-kapaċitajiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi disponibbli fl-Istati Membri li jistgħu jimtlew b'kapaċitajiet li jridu jiġu żviluppati b'appoġġ tal-Unjoni, li jiġu kondiviżi madwar l-Unjoni. | (14) Sabiex ikun hemm titjib fl-ippjanar ta' operazzjoni għar-reazzjoni *għal diżastri* u biex tiġi żgurata d-disponibilità ta' kapaċitajiet ewlenin, hemm bżonn li jiġu żviluppati xenarji ta' referenza għat-tipi ewlenin ta' diżastri, it-tfassil ta' kapaċitajiet ewlenin eżistenti disponibbli fl-Istati Membri, jiġu żviluppat pjanijiet ta' kontinġenza għall-użu tal-kapaċitajiet u tiġi żviluppata l-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet impenjati minn qabel tal-Istati Membri. L-eżerċizzju ta' ppjanar ta' kontinġenza għandu jintuża wkoll biex jiddetermina jekk hemmx nuqqasijiet fil-kapaċitajiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi disponibbli fl-Istati Membri li jistgħu jimtlew b'kapaċitajiet li jridu jiġu żviluppati b'appoġġ tal-Unjoni, li jiġu kondiviżi madwar l-Unjoni. ***Ix-xenarji ta' referenza u l-pjanijiet ta' kontinġenza, madankollu, għandhom jiġu trattati b'ċerta flessibilità biex ikun permess li jsiru aġġustamenti għall-pjanijiet ta' reazzjoni skont il-ħtiġijiet tas-sitwazzjoni ta' diżastru partikolari.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Id-diversi faċilitajiet permanenti tal-Istati Membri madwar id-dinja, speċjalment il-bażijiet u l-pjattaformi militari, għandhom iservu wkoll ta' bażijiet ta' appoġġ biex jiffaċilitaw il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***pożizzjonar minn qabel tal-loġistika u r-riżorsi u l-operazzjonijiet ta' reazzjoni għal diżastri tal-UE.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) B'rispett għall-interventi ta' għajnuna bħala reazzjoni għal diżastri 'l barra mill-Unjoni, il-Mekkaniżmu għandu jiffaċilita u jappoġġja azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri u l-Unjoni bħala entità sħiħa sabiex tiġi promossa l-konsistenza f'ħidma internazzjonali tal-protezzjoni ċivili. In-Nazzjonijiet Uniti, fejn tkun preżenti, għandha rwol ta' koordinament komprensiv għall-operazzjonijiet ta' għajnuna fil-pajjiżi terzi. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili pprovduta skont il-Mekkaniżmu għandha tiġi kkoordinata man-Nazzjonijiet Uniti u partijiet oħra internazzjonali rilevanti ***biex*** kemm jista' jkun tkabbar l-użu tar-riżorsi disponibbli u tevita kwalunkwe duplikazzjoni inutli tal-isforzi. Il-koordinazzjoni mtejba tal-għajnuna tal-protezzjoni ċivili permezz tal-Mekkaniżmu hija prerekwiżit għall-appoġġ tal-isforz tal-koordinazzjoni globali u l-iżgurar ta' kontribut komprensiv tal-Unjoni għall-isforz globali ta' għajnuna. F'diżastri ewlenin fejn l-għajnuna tingħata sew taħt il-Mekkaniżmu kif ukoll taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-effikaċja, il-koerenza u l-komplementarjetà tar-reazzjoni komprensiva tal-Unjoni, b'rispett għall-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja. | (15) B'rispett għall-interventi ta' għajnuna bħala reazzjoni għal diżastri 'l barra mill-Unjoni, il-Mekkaniżmu għandu jiffaċilita u jappoġġja azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri u l-Unjoni bħala entità sħiħa sabiex tiġi promossa l-konsistenza f'ħidma internazzjonali tal-protezzjoni ċivili. In-Nazzjonijiet Uniti, fejn tkun preżenti, għandha rwol ta' koordinament komprensiv għall-operazzjonijiet ta' għajnuna fil-pajjiżi terzi. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili pprovduta skont il-Mekkaniżmu għandha tiġi kkoordinata man-Nazzjonijiet Uniti u partijiet oħra internazzjonali rilevanti***, partikolarment NGOs umanitarji, bil-għan li*** kemm jista' jkun tkabbar l-użu tar-riżorsi disponibbli u tevita kwalunkwe duplikazzjoni inutli tal-isforzi. Il-koordinazzjoni mtejba tal-għajnuna tal-protezzjoni ċivili permezz tal-Mekkaniżmu hija prerekwiżit għall-appoġġ tal-isforz tal-koordinazzjoni globali u l-iżgurar ta' kontribut komprensiv tal-Unjoni għall-isforz globali ta' għajnuna. F'diżastri ewlenin fejn l-għajnuna tingħata sew taħt il-Mekkaniżmu kif ukoll taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-effikaċja, il-koerenza u l-komplementarjetà tar-reazzjoni komprensiva tal-Unjoni***, kif ukoll kunsiderazzjoni xierqa għal NGOs umanitarji u l-involviment tagħhom***, b'rispett għall-Kunsens Ewropew dwar l- |

Għajnuna Umanitarja.

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) ***Id-disponibilità*** ta' mezzi adegwati ta' ***ħtiġijiet għat-trasport teħtieġ titjieb*** biex ***tappoġġja*** l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tappoġġja u tissuplimenta l-isforzi tal-Istati Membri billi tiffaċilita *konsorzjonament* tar-riżorsi tat-trasport tal-Istati Membri u tikkontribwixxi, fejn neċessarju, għall-iffinanzjar ta' mezzi addizzjonali ta' trasport suġġetti għal ċerti kriterji. | (16) ***Jeħtieġ li l-aċċessibilità tat-trasport fir-reġjuni kollha tal-UE u d-disponibilità u l-veloċità*** ta' mezzi adegwati ta' ***trasport jitjiebu*** biex ***jappoġġaw*** l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tappoġġja u tissupplimenta l-isforzi tal-Istati Membri billi tiffaċilita ***l-koordinament u*** *l-konsorzjament* tar-riżorsi tat-trasport tal-Istati Membri u tikkontribwixxi, fejn neċessarju, għall-iffinanzjar ta' mezzi addizzjonali ta' trasport suġġetti għal ċerti kriterji. ***Fil-każ ta' diżastru barra t-territorju tal-Unjoni, il-kwistjoni tad-disponibbiltà tal-mezzi tat-trasport għandha tqis is-sistemi eżistenti (NU, NATO u l-Istati Membri).*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Meta l-użu ta' kapaċitajiet militari jitqies xieraq għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili, il-kooperazzjoni mal-persunal militari għandha ssegwi l-modalitajiet, il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill jew mill-korpi kompetenti tiegħu biex l-assi u l-kapaċitajiet militari rilevanti għall-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili jkunu disponibbli għall-Mekkaniżmu. | ***(19) L-użu ta' mezzi militari taħt sorveljanza ċivili bħala l-aħħar rimedju sikwit jikkostitwixxi kontribut importanti għar-reazzjoni għal diżastri.*** Meta l-użu ta' kapaċitajiet militari ***bħala l-aħħar rimedju*** jitqies xieraq għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili, il-kooperazzjoni mal-persunal militari għandha ssegwi l-modalitajiet, il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill jew mill-korpi kompetenti tiegħu ***kif ukoll il-linji gwida tan-NU dwar l-użu tar-riżorsi militari u tal-protezzjoni ċivili barranin*** |

| | |
|---|---|
| | ***fil-qafas tal-operazzjonijiet ta' sokkors f'każ ta' diżastru (Linji gwida ta' Oslo, rev. 1.1 tal-2007)*** biex l-assi u l-kapaċitajiet militari rilevanti għall-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili jkunu disponibbli għall-Mekkaniżmu. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu ta' riżorsi militari jista' jagħti kontribut importanti għar-reazzjoni għal diżastri partikolarment għal assi speċjalizzati, trasport strateġiku jew inġinerija tqila. Madankollu, dak għandu dejjem ikun bħala l-aħħar rimedju b'konformità mal-linji gwida ta' Oslo dwar l-użu tar-riżorsi militari u tal-protezzjoni ċivili barranin fil-qafas tal-operazzjonijiet ta' sokkors f'każ ta' diżastru (rev. 1.1 tal-2007).*

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Sabiex jiġu ssupplementati d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, is-setgħa li tadotta atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-twaqqif u l-ġestjoni taċ-Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza u filwaqt li jiġi speċifikat il-funzjonament tas-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Tagħrif f'Emerġenza; filwaqt li jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-identifikar tal-moduli u r-rekwiżiti ġenerali għall-funzjonament u l-interoperabilità tagħhom; filwaqt li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għar-riżorsi disponibbli għal intervent ta' assistenza; filwaqt li jiġi speċifikat il-funzjonament tal-kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall-emerġenzi (EERC), bħala konsorzjament volontarju, l-għanijiet ta' kapaċità għall-EERC, ir-rekwiżiti ta' interoperabilità u kwalità għal kapaċitajiet fl-EERC, u l-proċess għaċ-ċertifikazzjoni u*** |

***reġistrazzjoni tal-kapaċitajiet; filwaqt li jiġu speċifikati l-modalitajiet għall-indirizzar tal-lakuni ta' kapaċità; filwaqt li jiġu definiti l-għan, il-kontenut, l-organizzazzjoni, u l-grupp fil-mira tal-programm ta' taħriġ u n-netwerk ta' taħriġ; filwaqt li tiġi speċifikata l-proċedura għar-reazzjoni għal diżastri kbar jew diżastri kbar imminenti ġewwa u barra l-Unjoni; filwaqt li jiġi speċifikat il-funzjonament tat-timijiet ta' esperti u l-kundizzjonijiet tal-għażla, l-assenjazzjoni u l-waqfien ta' tim ta' esperti; filwaqt li jiġi speċifikat il-livell tad-dettall tal-informazzjoni dwar it-tagħmir u r-riżorsi ta' trasport u filwaqt li jiġu speċifikati l-proċeduri għall-identifikazzjoni ta' tali tagħmir u riżorsi għall-forniment ta' riżorsi addizzjonali tat-trasport; filwaqt li tiġi speċifikata l-proċedura biex jintalab u tittieħed deċiżjoni dwar l-għoti ta' appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għat-trasport; u filwaqt li jiġu adottati programmi ta' ħidma annwali. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

*Ġustifikazzjoni*

*Miżuri dettaljati għall-funzjonament tal-Mekkaniżmu, li huma ta' applikazzjoni ġenerali u li huma maħsuba biex jissuplementaw l-att bażiku, għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati u mhux permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. L-abbozz ta' rapport jirrevedi l-proposta tal-Kummissjoni f'miżura kbira, u jintroduċi atti delegati fejn il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jkunu ssodisfati.*

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat implimentattivi. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni. | (21) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat implimentattivi ***fir-rigward tal-proċess ta' ġestjoni għaċ-ċertifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-kapaċitjiet tal-EERC u tal-applikazzjonijiet għall-finanzjament minn pajjiżi terzi***. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-iskop tal-atti ta' implementazzjoni għandu jkun definit b'mod ċar fil-premessa.*

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili (minn issa 'l quddiem 'il-Mekkaniżmu') għandu ***jappoġġja, jikkoordina u jissupplimenta azzjonijiet ta' Stati Membri*** fil-qasam tal-protezzjoni ċivili ***bil-għan li jkun hemm titjib*** fl-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u | 1. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili (minn issa 'l quddiem 'il-Mekkaniżmu') għandu *jkollu l-għan li **jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Unjoni*** fil-qasam tal-protezzjoni ċivili ***u li jiffaċilita l-koordinazzjoni biex titjieb*** l-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r- |

| | |
|---|---|
| dawk *kkawżati* mill-bniedem. | reazzjoni għal diżastri naturali u dawk *ikkawżati* mill-bniedem ***u għall-emerġenzi***. |

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-protezzjoni li għandha tiġi assigurata taħt il-Mekkaniżmu għandha primarjament tkopri l-persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull diżastru naturali ***u*** kkawżat mill-bniedem, inklużi atti ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġis tal-baħar u emerġenzi akuti tas-saħħa, li jseħħu fi ħdan jew barra l-Unjoni. | 2. Il-protezzjoni li għandha tiġi assigurata taħt il-Mekkaniżmu għandha primarjament tkopri l-persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull diżastru naturali ***jew*** ikkawżat mill-bniedem, inklużi atti ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġis tal-baħar u emerġenzi akuti tas-saħħa, li jseħħu fi ħdan jew barra l-Unjoni. |

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***L-intervent tal-Unjoni jsaħħaħ il-kapaċità*** għall-prevenzjoni, għat-tħejjija u għar-reazzjoni tal-Istati Membri biex jiffaċċjaw diżastri ewlenin u jnaqqas it-telf uman ***u*** materjali. L-għan ***ta' din id-Deċiżjoni ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti minn Stati Membri li joperaw waħedhom u jista' jinkiseb aħjar fuq livell tal-Unjoni fid-dawl tal-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta***. | 3. ***Il-miżuri ta' appoġġ, ta' koordinazzjoni u supplimentari tal-Unjoni jsaħħu l-kapaċità*** għall-prevenzjoni, għat-tħejjija u għar-reazzjoni tal-Istati Membri biex jiffaċċjaw diżastri ewlenin u jnaqqas ***speċjalment*** it-telf uman***, iżda wkoll it-telf ambjentali*** u materjali. ***Huwa possibbli li fuq livell tal-Unjoni ssir ħidma lejn*** l-għan ***biex il-Mekkaniżmu jsir aktar effiċjenti u effikaċi, u jiġu mobilizzati r-riżorsi aktar malajr, filwaqt li l-Istati Membri jibqgħu jżommu r-responsabbiltà individwali tagħhom***. |

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Mekkaniżmu mhux se jaffettwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri biex iħarsu l-persuni, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom kontra diżastri u l-addottar tas-sistemi tagħhom ta' ġestjoni għall-emerġenzi b'kapaċitajiet suffiċjenti biex jippermettuhom ilaħħqu b'mod adegwat ma' diżastri ta' skala u natura li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija u mħejjija għalihom. | 5. Il-Mekkaniżmu mhux se jaffettwa r-responsabbiltà ***primarja*** tal-Istati Membri biex iħarsu l-persuni, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom kontra diżastri u l-addottar tas-sistemi tagħhom ta' ġestjoni għall-emerġenzi b'kapaċitajiet ***u riżorsi*** suffiċjenti biex jippermettuhom ilaħħqu b'mod adegwat ***u konsistenti*** ma' diżastri ta' skala u natura li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija u mħejjija għalihom. |

**Emenda 23**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Deċiżjoni se tapplika għal azzjonijiet bir-reazzjoni għal konsegwenzi avversi immedjati ta' diżastru ewlieni tkun xi tkun in-natura tiegħu, fi ħdan jew barra l-Unjoni, ***fejn issir*** talba għal għajnuna skont din id-Deċiżjoni. | 2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal azzjonijiet bir-reazzjoni għal konsegwenzi avversi immedjati ta' diżastru ewlieni tkun xi tkun in-natura tiegħu, fi ħdan jew barra l-Unjoni, ***inklużi l-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 28(1)***, ***fejn tkun ittieħdet deċiżjoni għal intervent fuq*** talba għal għajnuna skont din id-Deċiżjoni. |

**Emenda 24**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Din id-Deċiżjoni tikkunsidra l-ħtiġijiet speċjali tar-reġjuni jew gżejjer iżolati, l-aktar periferiċi u oħrajn tal-Unjoni fil-każ ta' diżastru. | 3. Din id-Deċiżjoni *għandha* tikkunsidra ***r-riżorsi u*** l-ħtiġijiet speċjali tar-reġjuni jew gżejjer iżolati, l-aktar periferiċi u oħrajn tal-Unjoni ***kif ukoll tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej assoċjati magħha*** fil-każ ta' |

| | |
|---|---|
| | diżastru. |

**Emenda 25**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom ***u*** billi titħaddan kultura ta' prevenzjoni; | (a) li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom**,** billi titħaddan kultura ta' prevenzjoni ***u billi titjieb il-kooperazzjoni bejn il-protezzjoni ċivili u s-servizzi kompetenti l-oħrajn***; |

**Emenda 26**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) li jittejjeb l-istat ta' tħejjija tal-Unjoni ***biex tirrispondi*** għad-diżastri; | (b) għat-titjib tal-istat ta' tħejjija ***tal-Istati Membri u*** tal-Unjoni ***biex jirrispondu*** għad-diżastri; |

**Emenda 27**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) għaż-żieda tas-sensibilizzazzjoni u t-tħejjija tal-pubbliku għal diżastri kbar.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-istħarriġ speċjali 383 tal-Ewrobarometru dwar il-Protezzjoni Ċivili li sar fi Frar-Marzu 2012 sab li ċ-ċittadini tal-UE ġeneralment jesprimu livell għoli ta' preokkupazzjoni dwar id-diżastri naturali u d-diżastri kkaġunati mill-bniedem, iżda għandhom livell baxx ta' għarfien dwar l-azzjonijiet tal-UE f'dan il-qasam. 75 % qalu li huma preokkupati dwar it-tixrid ta' żejt u l-inċidenti nukleari, u 67 % dwar l-għargħar u t-terremoti. 38% biss fl-UE27 kienu jafu dwar ir-rwol ta' koordinament tal-UE ta' azzjonijiet tal-protezzjoni ċivili fl-UE u barra minnha.*

**Emenda 28**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Progress lejn il-ksib tal-għanijiet speċifiċi kif imniżżla fil-paragrafu 1 se jkun ivvalutat permezz ta' indikaturi li jkopru fost oħrajn: | 2. Progress lejn il-ksib tal-għanijiet speċifiċi kif imniżżla fil-paragrafu 1 għandu jkun ivvalutat permezz ta' indikaturi ***komuni*** li jkopru fost oħrajn: |

**Emenda 29**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' prevenzjoni tad-diżastri li hu mkejjel bin-numru tal-Istati Membri li għandhom pjanijiet ta' ġestjoni ***ta' diżastri*** kif imniżżel ***fl-Artikolu 4***; | (a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' prevenzjoni tad-diżastri li hu mkejjel bin-numru tal-Istati Membri li għandhom pjanijiet ta' ġestjoni ***tar-riskju*** kif imniżżel ***fl-Artikolu 6***; |

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu użat fil-proposta huwa "pjan għall-ġestjoni tar-riskju" u għalhekk it-terminoloġija ta' dan il-punt għandha tiġi allinjata.*

**Emenda 30**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-progress fiż-żieda tal-livell ta' prontezza għal diżastri mkejjla bin-numru ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni disponibbli għal interventi ta' emerġenza skont il-Mekkaniżmu u l-istadju tal-interoperabilità tagħhom; | (b) il-progress fiż-żieda tal-livell ta' tħejjija għal diżastri mkejjla bin-numru ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni disponibbli għal interventi ta' emerġenza skont il-Mekkaniżmu u l-istadju tal-interoperabilità tagħhom***, kif ukoll l-effikaċja tas-sistemi*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija***; |

**Emenda 31**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-progress fit-titjib tar-reazzjoni għal diżastri *mkejjla* bil-ħeffa u l-iskala ta' koordinazzjoni ta' interventi skont il-Mekkaniżmu u l-adegwatezza tal-għajnuna pprovduta għall-ħtiġijiet fuq l-art. | (c) il-progress fit-titjib tar-reazzjoni għal diżastri *mkejla* bil-ħeffa u l-iskala ta' koordinazzjoni ta' interventi ***u servizzi*** skont il-Mekkaniżmu u l-adegwatezza tal-għajnuna pprovduta għall-ħtiġijiet fuq l-art. |

**Emenda 32**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. "diżastru" tfisser kwalunkwe sitwazzjoni li jkollha jew li jista' jkollha impatt negattiv fuq *persuni,* l-ambjent ***jew*** il-proprjetà***;*** | 1. "diżastru" tfisser kwalunkwe sitwazzjoni ***- ikkawżata mill-bniedem jew marbuta ma' fenomeni naturali -*** li jkollha jew li jista' jkollha impatt negattiv fuq *il-persuni,* l-ambjent***,*** il-proprjetà ***jew il-wirt kulturali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jkun hemm distinzjoni bejn id-diżastri kkwawżati mill-bniedem (inkwiet politiku, kunflitti armati) minn dawk marbuta ma' fenomeni naturali, għax il-problemi u r-regoli ta' intervent ta' salvataġġ (umanitarji u protezzjoni ċivili) jvarjaw skont il-kuntest.*

**Emenda 33**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. "prevenzjoni" tfisser kwalunkwe azzjoni fil-prevenzjoni ta' riskji jew fit-tnaqqis ta' ħsara *lil persuni*, lill-ambjent ***jew lill-*** | 5. "prevenzjoni" tfisser kwalunkwe azzjoni fil-prevenzjoni ta' riskji jew fit-tnaqqis ta' ħsara *lill-persuni*, lill-ambjent***, lill-*** |

| | |
|---|---|
| ***proprjetà*** bħala riżultat ta' diżastri; | ***proprjetà jew lill-wirt kulturali*** bħala riżultat ta' diżastri; |

**Emenda 34**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. "pjan għall-ġestjoni tar-riskju" tfisser strument ta' *ippjanar* imħejji minn Stat Membru biex jipprevedi r-riskji, jistma l-impatti tagħhom, u għall-iżvilupp, l-għażla u l-implimentazzjoni ta' *mizuri* li jnaqqsu, jadattaw u *jnaqqsu r-riskji* u l-impatti tagħhom b'mod kosteffettiv, kif ukoll għat-twaqqif tal-qafas għall-integrazzjoni ta' setturi differenti jew strumenti ta' ġestjoni għal riskji speċifiċi ta' periklu *f'pjan* ġenerali komuni; | 9. "pjan għall-ġestjoni tar-riskju" tfisser strument ta' *ppjanar* imħejji minn Stat Membru biex jipprevedi r-riskji ***potenzjali***, jistma l-impatti tagħhom, u għall-iżvilupp, l-għażla u l-implimentazzjoni ta' *miżuri* ***sostenibbli*** li jnaqqsu, jadattaw u *jimmitigaw ir-riskji* u l-impatti tagħhom b'mod kosteffettiv, kif ukoll għat-twaqqif tal-qafas għall-integrazzjoni ta' setturi differenti jew strumenti ta' ġestjoni għal riskji speċifiċi ta' periklu *fi pjan* ġenerali komuni; |

**Emenda 35**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. "appoġġ tal-istat ospitanti" tfisser kwalunkwe azzjoni li tittieħed fil-fażijiet ta' tħejjija u ta' reazzjoni *mill-pajjiż* li qed *jirċievi* l-għajnuna u mill-pajjiżi ta' tranżizzjoni biex jitneħħew ostakoli *prevvisti* għall-għoti u *l-uzu* ta' għajnuna internazzjonali; | 10. "appoġġ tal-istat ospitanti" tfisser kwalunkwe azzjoni li tittieħed fil-fażijiet ta' tħejjija u ta' reazzjoni *mill-pajjiżi* li qed *jirċievu* ***u jibagħtu*** l-għajnuna u mill-pajjiżi ta' tranżizzjoni***, kif ukoll mill-Kummissjoni,*** biex jitneħħew ostakoli *prevedibbli* għall-għoti u *l-użu* ta' għajnuna internazzjonali; |

*Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Appoġġ tal-Istat Ospitanti adottati mill-Kunsill ĠAI fit-2-3 ta' Diċembru 2010, u l-Linji Gwida tal-UE dwar l-Appoġġ tal-Istat Ospitanti adottati mill-Kumitat għall-Protezzjoni Ċivili, il-pajjiżi li jibagħtu assistenza u l-Kummissjoni wkoll għandhom rwol fl-iżgurar li t-tħejjija għad-diżastri u l-operazzjonijiet ta'*

*rispons jipproċedu bla problemi.*

**Emenda 36**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tieħu azzjoni għat-titjib tal-bażi ta' għarfien fuq riskji ta' diżastru u tiffaċilita l-qsim ta' għarfien, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni; | (a) tieħu azzjoni għat-titjib tal-bażi ta' għarfien fuq riskji ta' diżastru u tiffaċilita ***l-kooperazzjoni u*** l-qsim ta' għarfien, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni***, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fost l-Istati Membri fil-livell makroreġjonali jew subreġjonali, fejn it-territorji jaffaċċjaw riskji ta' diżastru simili***; |

**Emenda 37**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tappoġġja u tippromwovi l-valutazzjoni tar-riskju u t-tfassil tal-Istati Membri; | (b) tappoġġja u tippromwovi l-valutazzjoni tar-riskju u t-tfassil tal-Istati Membri ***u, filwaqt li tibni fuq il-Linji Gwida tagħha dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju u l-Immappjar għall-Ġestjoni tad-Diżastri, taġġorna b'kooperazzjoni mal-Istati Membri dawk il-linji gwida, partikolarment fl-oqsma ta' terminoloġija, metodoloġija, valutazzjoni tal-impatt u xenarji***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-2010, il-Kummissjoni adottat "Linji Gwida dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju u l-Immappjar għall-Ġestjoni tad-Diżastri". B'konformità mal-Punt 12 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Aktar Żvilupp tal-Valutazzjoni tar-Riskju għall-Ġestjoni ta' Diżastri fl-Unjoni Ewropea", adottati mill-Kunsill ĠAI fil-11-12 ta' April 2011, il-Kummissjoni, b'ħidma flimkien mal-Istati Membri, għandha taġġorna dwar il-linji gwida dwar il-valutazzjoni u l-immappjar tar-riskji.*

**Emenda 38**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) twaqqaf u taġġorna b'mod regolari l-analiżi tar-riskji naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem li l-Unjoni tista' taffaċċja billi tikkunsidra ***l-impatt fil-futur*** *tal-bidla* fil-klima; | (c) twaqqaf u taġġorna b'mod regolari l-analiżi ***u l-mappa*** tar-riskji naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem li l-Unjoni tista' taffaċċja billi tikkunsidra ***b'mod xieraq l-impatti probabbli*** *tat-tibdil* fil-klima***, u tressaq rakkomandazzjonijiet dwar il-mezzi ta' adattament tas-sistemi nazzjonali tal-protezzjoni ċivili biex jaffaċċjaw l-impatt tat-tibdil fil-klima***; |

**Emenda 39**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tippromwovi u tappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju tal-Istati Membri inklużi linji gwida dwar ***il-kontenut*** tagħhom u tipprovdi, fejn meħtieġ, inċentivi adegwati; | (d) tippromwovi u tappoġġja l-iżvilupp***, l-aġġornament*** u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju tal-Istati Membri inklużi linji gwida dwar ***l-istruttura*** tagħhom ***biex tiffaċilita l-komparabilità u l-kompatibilità tagħhom*** u tipprovdi, fejn meħtieġ, inċentivi adegwati; |

**Emenda 40**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-prevenzjoni ta' riskji u tappoġġja l-Istati Membri *fit-tqajjim ta'* informazzjoni pubblika, edukazzjoni u għarfien; | (e) tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-prevenzjoni ta' riskji u tappoġġja l-Istati Membri ***u l-awtoritajiet reġjonali u lokali*** fl-informazzjoni pubblika, l-edukazzjoni u ***sensitività u*** għarfien; |

**Emenda 41**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) tippromwovi l-użu tal-fondi tal-Unjoni għall-prevenzjoni sostenibbli ta' diżastri u tinkoraġġixxi l-Istati Membri u r-reġjuni jisfruttaw tali l-opportunitajiet ta' finanzjament;*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 6 | Artikolu 6 |
| Il-pjanijiet tal-ġestjoni f'każ ta' riskju | Il-pjanijiet tal-ġestjoni f'każ ta' riskju |
| 1. Sabiex tiġi żgurata ***kooperazzjoni effettiva fi ħdan il-Mekkaniżmu***, l-Istati Membri se jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet tagħhom *tal-ġesjtoni* f'każ ta' riskju. | 1. Sabiex tiġi żgurata ***l-effikaċja tal-Mekkaniżmu***, l-Istati Membri se jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet tagħhom *tal-ġestjoni* f'każ ta' riskju***, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti minimi ta' kontenut stabbiliti fil-paragrafu 1a***. |
| | ***1a. Il-pjanijiet ta' ġestjoni ta' riskju msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jipprovdu mill-inqas sintesi ta' informazzjoni minn pjanijiet nazzjonali jew reġjonali li jinkludu, iżda mhux limitati għar-riskji possibbli flimkien mal-mapep tar-riskju, il-kapaċitajiet disponibbli, u l-pjanijiet ta' kontinġenza fis-seħħ. Is-sottomissjoni ta' informazzjoni rigward kemm il-pjanijiet nazzjonali u dawk reġjonali, kif ukoll il-pjanijiet infushom u kwalunkwe dejta rilevanti, għandhom ikunu inkoraġġiti.*** |
| 2. Il-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju se jikkunsidraw il-valutazzjonijiet nazzjonali ta' riskju u valutazzjoni oħra rilevanti ta' riskju u se jkunu koerenti ma' pjanijiet | 2. Il-pjanijiet għall-ġestjoni tar-riskju għandhom jikkunsidraw il-valutazzjonijiet nazzjonali***, reġjonali u lokali*** ta' riskju u valutazzjoni oħra rilevanti ta' riskju u se |

| | |
|---|---|
| rilevanti oħrajn fis-seħħ f'dak l-Istat Membru. | jkunu koerenti ma' pjanijiet rilevanti oħrajn fis-seħħ f'dak l-Istat Membru, ***inkluż kwalunkwe pjan eżistenti dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima***. |
| 3. L-Istati Membri se jassiguraw li sa mhux aktar tard mill-aħħar ***tal-2016*** *li l-pjanijiet* tagħhom tal-ġestjoni f'każ ta' riskju jkunu lesti u kkomunikati lill-Kummissjoni ***fil-forma l-aktar aġġornata***. | 3. L-Istati Membri se jassiguraw li sa mhux aktar tard mill-aħħar ***tal-2014*** *il-pjanijiet* attwali tagħhom tal-ġestjoni f'każ ta' riskju jkunu lesti u kkomunikati lill-Kummissjoni . ***L-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjanijiet ta' ġestjoni ta' riskju tagħhom kull sentejn u jikkomunikaw dawk il-pjanijiet aġġornati lill-Kummissjoni.*** |
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jipprevedu, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali kkonċernati u ta' istituzzjonijiet speċjalizzati fit-tħejjija u l-aġġornament tal-pjanijiet ta' ġestjoni ta' riskju tagħhom.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) twaqqaf u timmaniġġa ċ-Ċentru Ewropew ta' Rispons għall-Emerġenza (ERC), *li jiżgura* kapaċità operattiva 24/7, u jservi lill-Istati Membri u l-Kummissjoni għar-raġunijiet tal-Mekkaniżmu; | (a) twaqqaf u timmaniġġa ċ-Ċentru Ewropew ta' Rispons għall-Emerġenza (ERC), ***f'kooperazzjoni mal-istrutturi nazzjonali u reġjonali eżistenti,*** *b'mod li dan ikollu* kapaċità operattiva 24/7, u jservi lill-Istati Membri u l-Kummissjoni għar-raġunijiet tal-Mekkaniżmu; |

**Emenda 44**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) timmaniġġa Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni dwar l-Emerġenzi (CECIS) biex tippermetti l-komunikazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni bejn l-ERC u l-punti ta' kuntatt operattivi | (b) timmaniġġa Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni dwar l-Emerġenzi (CECIS) biex tippermetti l-komunikazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni bejn l-ERC u l-punti ta' kuntatt operattivi |

| | |
|---|---|
| tal-Istati Membri; | tal-Istati Membri ***u tippromwovi l-konnessjoni tiegħu mal-pjattaformi ta' koordinament ta' kriżijiet tal-Kummissjoni u l-Kunsill***; |

**Emenda 45**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistemi ta' individwazzjoni, ta' avviż minn qabel u ta' allert għad-diżastri sabiex ikun hemm reazzjoni rapida, u għall-promozzjoni ***tal-interkonnessjoni u*** l-konnessjoni tagħhom mal-ERC u mas-CECIS. Dawk is-sistemi jikkunsidraw u jibnu fuq informazzjoni, sorsi ta' monitoraġġ u individwazzjoni eżistenti u tal-futur; | (c) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ***u l-integrazzjoni aħjar*** ta' sistemi ta' individwazzjoni, ta' avviż minn qabel u ta' allert għad-diżastri sabiex ikun hemm reazzjoni rapida, u għall-promozzjoni tal-konnessjoni tagħhom mal-ERC u mas-CECIS. Dawk is-sistemi jikkunsidraw u jibnu fuq informazzjoni, sorsi ta' monitoraġġ u individwazzjoni eżistenti u tal-futur; |

**Emenda 46**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – punt d – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jivvalutaw il-ħtiġijiet fi stat li qed jitlob għall-għajnuna, | – jivvalutaw il-ħtiġijiet fi stat ***jew reġjun*** li ***jkun*** qed jitlob għall-għajnuna, |

**Emenda 47**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – punt d – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jiffaċilitaw, meta jkun meħtieġ, il-koordinament tal-operazzjonijiet tal-għajnuna għall-emerġenzi fuq il-post u jikkoordinaw, meta jkun meħtieġ u xieraq, mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat li qed | – jiffaċilitaw, meta jkun meħtieġ, il-koordinament tal-operazzjonijiet tal-għajnuna għall-emerġenzi fuq il-post u jikkoordinaw, meta jkun meħtieġ u xieraq, mal-awtoritajiet ***nazzjonali jew reġjonali*** |

| | |
|---|---|
| jitlob l-għajnuna, | kompetenti tal-Istat li *jkun* qed jitlob l-għajnuna, |

**Emenda 48**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) *iwaqqfu u jżommu kapaċitià* għall-provvediment ta' appoġġ loġistiku u għajnuna għal timijiet ta' esperti, moduli u kapaċitajiet oħrajn ta' reazzjoni użati taħt il-Mekkaniżmu, ***kif ukoll għal*** atturi oħrajn fil-post; | (e) *twaqqaf u żżomm kapaċitià* għall-provvediment ta' appoġġ loġistiku u għajnuna għal timijiet ta' esperti, moduli u kapaċitajiet oħrajn ta' reazzjoni użati taħt il-Mekkaniżmu, ***li jsostni u jikkumplimenta l-isforzi ta'*** atturi oħrajn fil-post***, inklużi l-Istati Membri***; |

**Emenda 49**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) tiżviluppa u taġġorna, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-linji gwida dwar l-appoġġ tal-istat ospitanti, abbażi tal-esperjenza operattiva;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mal-Punti 13(c) u 14(a) tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Appoġġ tal-Istat Ospitanti, adottati mill-Kunsill ĠAI fit-2-3 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni, b'ħidma flimkien mal-Istati Membri, żviluppat linji gwida tal-UE dwar l-Appoġġ tal-Istat Ospitanti. Dawn jaf ikun hemm bżonn li jkomplu jiġu aġġornati fil-futur.*

**Emenda 50**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu fb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fb) tappoġġja l-ħolqien ta' programmi ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***valutazzjoni volontarja inter pares tal-istrateġiji ta' tħejjija tal-Istati Membri, ibbażati fuq kriterji predefiniti, li jippermettu li jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet biex isaħħu l-livell ta' tħejjija tal-Unjoni;*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 29a sabiex tistabbilixxi l-ERC, tiddefinixxi d-dmirijiet, il-funzjonament u l-istrutturi operazzjonali tiegħu, u biex tispeċifika l-proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-ERC fil-każ ta' diżastru kbir jew diżastru kbir imminenti ġewwa jew barra l-Unjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza huwa wieħed mill-elementi ewlenin tal-Mekkaniżmu, u t-twaqqif u l-operat tiegħu huma vitali għall-funzjonament xieraq tal-Mekkaniżmu. L-ERC huwa operattiv f'każ ta' kwalunkwe diżastru. Dawn id-dispożizzjonijiet jiffurmaw qafas ġenerali u mhumiex speċifiċi għal diżastru individwali partikolari. barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex relatati mal-implementazzjoni tal-att bażiku mill-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissupplementaw l-att bażiku; għandhom jiġu adottati, għalhekk, permezz ta' atti delegati.*

**Emenda 52**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a sabiex tispeċifika l-funzjonament u l-metiodi operattivi tas-CECIS.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni dwar l-Emerġenzi hija wieħed mill-elementi ewlenin tal-Mekkaniżmu, l-operat tagħha huwa vitali għall-funzjonament xieraq tal-Mekkaniżmu. is-CECIS hija operazzjonali f'każ ta' kwalunkwe diżastru. Dawn id-dispożizzjonijiet jiffurmaw qafas ġenerali u mhumiex speċifiċi għal diżastru individwali partikolari. barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex relatati mal-implementazzjoni tal-att bażiku mill-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissupplementaw l-att bażiku; għandhom jiġu adottati, għalhekk, permezz ta' atti delegati.*

**Emenda 53**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jiżviluppaw moduli, b'mod partikolari biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' prijorità ta' intervent jew ta' appoġġ taħt il-Mekkaniżmu. | 1. L-Istati Membri għandhom jaħdmu ***fuq bażi volontarja*** biex jiżviluppaw moduli, b'mod partikolari biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' prijorità ta' intervent jew ta' appoġġ taħt il-Mekkaniżmu. |

*Ġustifikazzjoni*

*In-natura volontarja tal-iżvilupp ta' moduli għandha tiġi ċċarata. It-test propost huwa konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti.*

**Emenda 54**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-identifikazzjoni tal-moduli u biex tispeċifika r-rekwiżiti ġenerali għall-funzjonament u l-interoperabilità tagħhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ripożizzjonament u emendar tal-Artikolu 30, paragrafu 1, punt (d) tal-proposta. Il-kundizzjonijiet għall-identifikar tal-moduli u r-rekwiżiti ġenerali għall-operat tal-moduli jiffurmaw qafas ġenerali u mhumiex speċifiċi għal diżastru individwali partikolari. barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex relatati mal-implementazzjoni tal-att bażiku mill-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissupplementaw l-att bażiku; għandhom jiġu adottati, għalhekk, permezz ta' atti delegati.*

**Emenda 55**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jikkunsidraw li jipprovdu, skont ma jkun meħtieġ, appoġġ ieħor tal-intervent li jista' jkun disponibbli mingħand is-servizzi kompetenti, bħalma huma persunal speċjalizzat u tagħmir biex jittrattaw emerġenza partikolari, inkluż għall-għan *tal-Artikolu16(.7),* u li *jsejħu għall-użu ta'* riżorsi li jistgħu jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u entitajiet rilevanti oħra. | 3. L-Istati Membri *għandhom* jikkunsidraw li jipprovdu, skont ma jkun meħtieġ, appoġġ ieħor tal-intervent li jista' jkun disponibbli mingħand is-servizzi kompetenti, bħalma huma persunal speċjalizzat u tagħmir biex jittrattaw emerġenza partikolari, inkluż għall-għan *tal-Artikolu 16(7),* u li *tappella* għal riżorsi li jistgħu jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u entitajiet rilevanti oħra. ***Kull Stat Membru għandu jirriserva d-dritt li jagħmel użu mill-kapaċitajiet preżenti fit-territorju tiegħu.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 9 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istati Membri jieħdu l-azzjonijiet neċessarji biex jiżguraw li l-istat *osptianti* jingħata appoġġ għall-għajnuna ***li tkun ġejja minn Stati Membri oħrajn***. | 7. L-Istati Membri ***u l-Kummissjoni*** *għandhom* jieħdu l-azzjonijiet neċessarji biex jiżguraw li l-istat *ospitanti* jingħata appoġġ għall-għajnuna. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pajjiżi li jibagħtu assistenza u l-Kummissjoni wkoll għandhom rwol fl-iżgurar li t-tħejjija*

*għad-diżastri u l-operazzjonijiet ta' rispons jipproċedu bla problemi. It-test propost huwa konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Appoġġ tal-Istat Ospitanti adottati mill-Kunsill ĠAI fit-2-3 ta' Diċembru 2010, u l-Linji Gwida tal-UE dwar l-Appoġġ tal-Istat Ospitanti adottati mill-Kumitat għall-Protezzjoni Ċivili,*

**Emenda 57**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 9 – paragrafu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***8a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a sabiex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-riżorsi applikabbli għall-esperti, il-moduli u l-interventi ta' għajnuna oħrajn li jagħmlu disponibbli l-Istati Membri skont il-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ripożizzjonament u emendar tal-Artikolu 30, paragrafu 1, punt (e) tal-proposta. Il-kundizzjonoijiet ġenerali għar-riżorsi disponibbli għall-intervent ta' għajnuna minn qafas ġenerali. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissupplementaw l-att bażiku; għalhekk għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati. Fir-rigward tal-atti ta' implementazzjoni, l-iskop tagħhom għandu jkun definit b'mod iktar preċiż.*

**Emenda 58**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħdmu flimkien biex itejbu l-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu. Għal dan il-għan: | 1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri *għandhom* jaħdmu flimkien biex itejbu l-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni ***għal diżastru*** taħt il-Mekkaniżmu. Għal dan il-għan: |

**Emenda 59**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-Istati Membri jidentifikaw u jelenkaw kapaċitajiet eżistenti ewlenin li jistgħu jkunu disponibbli għar-reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu għal dawn ix-xenarji u jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih; | (b) l-Istati Membri***, b'kooperazzjoni mar-reġjuni tagħhom,*** *għandhom* jidentifikaw u jelenkaw kapaċitajiet eżistenti ewlenin li jistgħu jkunu disponibbli għar-reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu għal dawn ix-xenarji u jinfurmaw lill-Kummissjoni *dwarhom* minnufih; |

**Emenda 60**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kuntatt mal-atturi non-governattivi tal-protezzjoni ċivili interessati u, fejn ikun possibbli, tirreġistra liema kapaċitajiet jistgħu jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-operazzjonijiet fl-ambitu tal-Mekkaniżmu;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-atturi non-governattivi tal-protezzjoni ċivili sikwit ikunu lesti li jipparteċipaw f'operazzjonijiet fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, u sikwit infushom jippossjedu riżorsi ta' protezzjoni ċivili. Meta jkunu lesti li jipparteċipaw, l-appoġġ tagħhom għandu jintlaqa' u, jekk ikun possibbli, jiġi inkorporat sa minn stadju bikri.*

**Emenda 61**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jidentifikaw u jiżguraw sinerġiji bejn iffinanzjar għal għajnuna materjali u għajnuna umanitarja pprovduti mill-Unjoni u l-Istati Membri fl-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni barra l-Unjoni. | 2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri *għandhom* jidentifikaw u jisfruttaw is-sinerġiji eżistenti bejn iffinanzjar għal għajnuna materjali u għajnuna umanitarja pprovduti mill-Unjoni u l-Istati Membri fl-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni barra l-Unjoni ***u biex jiġu indirizzati l-kriżijiet umanitarji***. |

**Emenda 62**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. *Tiġi mwaqqfa* Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi fil-forma ta' konsorzjonament volontarju ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Istati Membri. | 1. *Għandha titwaqqaf* Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Istati Membri***, li l-Istati Membri għandhom joqgħodu fuqha***. |

**Emenda 63**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni tiddefinixxi ħtiġijiet ta' kwalità għall-kapaċitajiet li jkunu se jiġu impenjati lill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. L-Istati Membri ***jkunu responsabbli biex*** jiżguraw ***il-kwalità tagħhom***. | 3. Il-Kummissjoni *għandha****, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri,*** tiddefinixxi ħtiġijiet ta' kwalità ***u interoperabilità*** għall-kapaċitajiet li jkunu se jiġu impenjati lill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. L-Istati Membri *għandhom* jiżguraw ***li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kapaċitajiet li jkunu se jiġu impenjati lill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi għandhom ikunu kapaċi jaħdmu flimkien. għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi kriterji ta' interoperabilità.*

**Emenda 64**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni tistabilixxi u | 4. Il-Kummissjoni *għandha* tistabilixxi u |

| | |
|---|---|
| timmaniġġa proċess għaċ-ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' kapaċitajiet li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli għall-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. | timmaniġġa proċess għaċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni ***u l-awditjar regolari*** ta' kapaċitajiet li l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħmlu disponibbli għall-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. |

**Emenda 65**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a sabiex tispeċifika:*** |
| | ***(a) il-funzjonament tal-EERC bħala konsorzjament volontarju;*** |
| | ***(b) l-għanijiet ta' kapaċità skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;*** |
| | ***(c) ir-rekwiżiti ta' interoperabilità u kwalità skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu; u*** |
| | ***(d) il-proċess ta' ċertifikazzjoni, reġistrazzjoni u awditjar regolari tal-kapaċitjiet skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-ripożizzjonament u l-emendar tal-Artikolu 30, paragrafu 1, punt (f) tal-proposta. Id-dettalji tal-funzjonament tal-EERC, id-definizzjoni tal-għanijiet ta' kapaċità , u t-twaqqif ta' rekwiżiti ta' interoperabilità u kwalità, u l-proċess għaċ-ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-kapaċitajiet jiffurmaw qafas ġenerali. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissupplementaw l-att bażiku; għandhom jiġu adottati, għalhekk, permezz ta' atti delegati. Fir-rigward tal-atti ta' implementazzjoni, l-iskop tagħhom għandu jkun definit b'mod iktar preċiż.*

**Emenda 66**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati għall-ġestjoni tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, reġistrazzjoni u awditjar regolari tal-kapaċitjiet skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ripożizzjonament u emendar tal-Artikolu 30, paragrafu 1, punt (f) tal-proposta. Id-dettalji tal-funzjonament tal-EERC, id-definizzjoni tal-għanijiet ta' kapaċità , u t-twaqqif ta' rekwiżiti ta' interoperabilità u kwalità, u l-proċess għaċ-ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-kapaċitajiet jiffurmaw qafas ġenerali. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissupplementaw l-att bażiku; għalghekk għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati. Fir-rigward tal-atti ta' implementazzjoni, l-iskop tagħhom għandu jkun definit b'mod iktar preċiż.*

**Emenda 67**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-kapaċitajiet reġistrati fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi *jkunu* disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi taħt il-Mekkaniżmu fuq it-talba tal-Kummissjoni permezz tal-ERC. L-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr dwar raġunijiet serji li jistgħu jwaqqfuhom milli dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli f'emerġenza speċifika. | 6. Il-kapaċitajiet reġistrati fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi *għandhom ikunu* disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi taħt il-Mekkaniżmu fuq it-talba tal-Kummissjoni permezz tal-ERC. L-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr dwar raġunijiet serji li jistgħu jwaqqfuhom milli dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli f'emerġenza speċifika. ***L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni deskrizzjoni qasira ta' dawn ir-raġunijiet serji.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeżistu ħafna ċirkustanzi li jistgħu, b'mod raġonevoli, ma jħallux li Stat Membru jkun jista' jibqa' jipparteċipa f'pul volontarja. Ma tidhirx irraġonevoli, għaldaqstant, li tintalab deskrizzjoni qasira tar-raġunijiet serji meta dawn jinqalgħu, ħaġa li żżid id-durabilità tal-ERC.*

**Emenda 68**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 12 | Artikolu 12 |
| L-indirizzar ta' nuqqasijiet tal-kapaċità | L-indirizzar ta' nuqqasijiet tal-kapaċità |
| 1. Il-Kummissjoni timmonitorja l-progress lejn l-iskopijiet ta' kapaċità u, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tidentifika nuqqasijiet fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. | 1. Il-Kummissjoni *għandha* timmonitorja l-progress lejn l-iskopijiet ta' kapaċità u, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tidentifika nuqqasijiet fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. |
| 2. Il-Kummissjoni ***tappoġġja*** l-Istati Membri fl-indirizzar tan-nuqqasijiet tal-kapaċità u biex jagħmlu tajjeb għal dawn in-nuqqasijiet bl-aktar mod xieraq u kosteffettiv, inkluż: | 2. Il-Kummissjoni *għandha* ***tgħin*** l-Istati Membri ***interessati*** fl-indirizzar tan-nuqqasijiet tal-kapaċità u biex jagħmlu tajjeb għal dawn in-nuqqasijiet bl-aktar mod xieraq u kosteffettiv, inkluż: |
| (a) billi tappoġġa lill-Istati Membri interessati fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni li mhumiex fi kwantitajiet suffiċjenti, *disponibbli* mill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi; or | (a) billi tappoġġa lill-Istati Membri interessati fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni li mhumiex *disponibbli, jew li huma disponibbli* fi kwantitajiet *mhux* suffiċjenti, mill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi; or |
| (b) tiżviluppa ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni fuq livell tal-Unjoni, fejn huwa iktar kosteffettiv, li *jista' jservi* bħala bafer komuni kontra riskji kondiviżi. | (b) ***tiffaċilita aċċess għal kapaċitajiet ta' reazzjoni jew tiżviluppahom*** fuq livell tal-Unjoni, fejn huwa iktar kosteffettiv, li *jistgħu jservu* bħala bafer komuni kontra riskji kondiviżi***, inklużi kapaċitajiet orizzontali li jagħtu sostenn lill-operazzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi f'termini ta' valutazzjoni, loġistika u koordinament, kif ukoll*** |

| | |
|---|---|
| | ***kapaċitajiet ta' reazzjoni fir-rigward ta' diżastri ta' probabbiltà baxxa/impatt kbir**.* |
| 3. Kwalunkwe *kapaċitajiet żviluppati* skont dan l-Artikolu *jkunu kkontrollati* u *ġestiti* mill-Istati Membri interessati. Il-Kummissjoni tiżviluppa mudelli għal ftehimiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri involuti. L-Istat Membru li jkun qed jiġġestixxi l-kapaċitajiet ikun responsabbli għar-reġistrazzjoni tagħhom skont il-proċeduri nazzjonali. | 3. Kwalunkwe *kapaċità żviluppata* skont dan l-Artikolu *għandha tkun ikkontrollata* u *ġestita* mill-Istati Membri interessati. Il-Kummissjoni *għandha* tiżviluppa mudelli għal ftehimiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri involuti. L-Istat Membru li jkun qed jiġġestixxi l-kapaċitajiet *għandu jkun* responsabbli għar-reġistrazzjoni tagħhom skont il-proċeduri nazzjonali. |
| 4. Dawn il-kapaċitajiet ikunu parti mill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. Dawn ikunu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi skont il-Mekkaniżmu u fuq it-talba tal-Kummissjoni permezz tal-ERC. Meta ma jintużawx skont il-Mekkaniżmu, dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli għar-raġunijiet nazzjonali tal-Istati Membri li qed jimmaniġġawhom. | 4. Dawn il-kapaċitajiet *għandhom* ikunu parti mill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. ***L-Istati Membri li jiġġestuhom għandhom jiżguraw li*** dawn ***il-kapaċitajiet*** ikunu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi skont il-Mekkaniżmu u fuq it-talba tal-Kummissjoni permezz tal-ERC ***wara talba għal assistenza permezz tal-ERC**. **L-Istati Membri li jiġġestixxu dawn il-kapaċitajiet jistgħu jirreferu għal kwalunkwe raġuni skont l-Artikolu 11(6) li tista' twaqqafhom milli jagħmlu dawn il-kapaċitajiet disponibbli f'emerġenza speċifika.*** Meta ma jintużawx skont il-Mekkaniżmu, dawn il-kapaċitajiet *għandhom* ikunu disponibbli għar-raġunijiet nazzjonali tal-Istati Membri li *jkunu* qed jimmaniġġawhom. |
| 5. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw viżibilità ***xierqa*** għall-kapaċitajiet żviluppati skont dan l-Artikolu. | 5. L-Istati Membri u l-Kummissjoni *għandhom* jiżguraw viżibilità għall-kapaċitajiet żviluppati skont dan l-Artikolu***, billi jintwerew, b'mod partikolari, l-emblemi nazzjonali u Ewropej**.* |
| 6. Il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn fuq il-progress li jkun sar rigward il-ksib tal-miri tal-kapaċità fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. | 6. Il-Kummissjoni *għandha* tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn fuq il-progress li jkun sar rigward il-ksib tal-miri tal-kapaċità fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. |
| 7. Il-Kummissjoni ***tista' tiddefinixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-modalitajiet li ġejjin*** fuq l-iżvilupp, il-ġestjoni, il-manutenzjoni u sabiex dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli lill-Istati | 7. Il-Kummissjoni ***għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a sabiex tispeċifika l-modalitajiet*** fuq l-iżvilupp, il-ġestjoni, il-manutenzjoni u sabiex dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli lill-Istati Membri kollha |

| | |
|---|---|
| Membri kollha permezz tal-Mekkaniżmu: | permezz tal-Mekkaniżmu ***fir-rigward ta'***: |
| (a) ***modalitajiet biex jappoġġjaw l-Istati*** Membri fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni *li huma jew mhumiex fi kwantitajiet suffiċjenti, disponibbli mill-Kapaċità* Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. | (a) ***l-appoġġ għall-Istati*** Membri fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni li *mhumiex disponibbli jew disponibbli biżżejjed, fil-qafas tal-Kapaċità* Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. |
| (b) ***modalitajiet dwar*** l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni fuq livell tal-Unjoni li għandhom iservu bħala lqugħ komuni kontra riskji kondiviżi; | (b) l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni fuq livell tal-Unjoni li għandhom iservu bħala lqugħ komuni kontra riskji kondiviżi; |
| (c) ***modalitajiet fuq*** il-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-kapaċitajiet imsemmija taħt il-punti (a) u (b); | (c) il-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-kapaċitajiet imsemmija taħt il-punti (a) u (b); |
| (d) ***modalitajiet dwar*** kif il-kapaċitajiet imsemmija f'punti (a) u (b) isiru disponibbli lill-Istati Membri kollha permezz tal-Mekkaniżmu; | (d) kif il-kapaċitajiet imsemmija f'punti (a) u (b) isiru disponibbli lill-Istati Membri kollha permezz tal-Mekkaniżmu; |
| ***8. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni twettaq il-kompiti li ġejjin fil-qasam tat-taħriġ, it-tagħlimiet miksuba u t-tixrid tal-għarfien: | 1. Il-Kummissjoni***, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri,*** *għandha* twettaq il-kompiti li ġejjin fil-qasam tat-taħriġ, ***l-eżerċizzji,*** it-tagħlimiet miksuba u t-tixrid tal-għarfien: |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġi żgurat li: 1: ikun hemm kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri f'din il-kwistjoni, u 2: huwa importanti li jiġu inklużi wkoll l-eżercizzji, billi dan jgħin biex jitjiebu l-kapaċitajiet ta' reazzjoni għal diżastri tal-Istati Membri.*

**Emenda 70**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) *It-twaqqif* ta' programm tat-taħriġ u netwerk tat-taħriġ għall-protezzjoni ċivili u persunal ieħor ta' ġestjoni għall-emerġenza fuq prevenzjoni ta' diżastri, tħejjija u reazzjoni, bil-għan li titjieb il-koordinazzjoni, il-kompatibilità u l-komplementarjetà bejn il-moduli u l-kapaċitajiet oħrajn li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 8, 9 u 11, u bit-titjib tal-kompetenza tal-esperti li hemm referenza għalihom fil-punt (d) tal-Artikolu 7. Il-programm għandu jinkludi korsijiet, eżerċizzji u sistema ta' skambju ta' esperti, li biha individwi jistgħu jiġu ssekondati *mat-timijiet* fi Stati Membri oħra; | (a) *it-twaqqif **u l-iżgurar tal-funzjonament*** ta' programm tat-taħriġ u netwerk tat-taħriġ għall-protezzjoni ċivili ***lokali u reġjonali*** u persunal ieħor ta' ġestjoni għall-emerġenza fuq prevenzjoni ta' diżastri, tħejjija u reazzjoni, bil-għan li titjieb il-koordinazzjoni, il-kompatibilità u l-komplementarjetà bejn il-moduli u l-kapaċitajiet oħrajn li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 8, 9 u 11, u bit-titjib tal-kompetenza tal-esperti li hemm referenza għalihom fil-punt (d) tal-Artikolu 7. Il-programm għandu jinkludi korsijiet, eżerċizzji u sistema ta' skambju ta' esperti, li biha individwi jistgħu jiġu ssekondati *ma'* Stati Membri oħra; |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun involuta mhux biss fil-ħolqien ta' programm ta' taħriġ u ta' netwerk ta' taħriġ, iżda anke fil-funzjonament tagħhom.*

**Emenda 71**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-iżvilupp ta' gwida fuq it-taħriġ tal-protezzjoni ċivili tal-Unjoni u internazzjonali, inkluż taħriġ fuq il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni; | (b) l-iżvilupp ta' gwida fuq it-taħriġ tal-protezzjoni ċivili tal-Unjoni u internazzjonali, ***bl-użu tal-esperjenzi preċedenti tal-Istati Membri,*** inkluż taħriġ fuq il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni; |

**Emenda 72**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) it-twaqqif ta' programm ta' tagħlimiet miksuba mill-interventi, l-eżerċizzji u t-taħriġ imwettqa fi ħdan il-qafas tal-mekkanizmu, inklużi l-aspetti ta' prevenzjoni, tħejjija u reazzjoni, bit-tixrid u l-implimentazzjoni tagħhom kif xieraq; | (d) it-twaqqif ta' programm ta' tagħlimiet miksuba mill-interventi, l-eżerċizzji u t-taħriġ imwettqa fi ħdan il-qafas tal-mekkanizmu, inklużi l-aspetti ta' prevenzjoni, tħejjija u reazzjoni, bit-tixrid u l-implimentazzjoni tagħhom kif xieraq. ***Dak il-programm għandu jinkudi wkoll, fejn xieraq, it-tagħlimiet meħuda mill-interventi barra l-Unjoni fir-rigward tal-isfruttar tar-rabtiet u s-sinerġiji fost l-assistenza prrovduta skont il-Mekkaniżmu u r-reazzjoni umanitarja***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-valutazzjoni konġunta ta' wara d-diżastri mill-esperti tal-protezzjoni ċivili u l-assistenza umanitarja tista' ttejjeb il-koerenza u l-effikaċja ta' reazzjoni umanitarja tal-UE.*

**Emenda 73**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fit-twettiq tal-kompiti stipulati fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari l-ħtieġa u l-interess ta' Stati Membri mill-istess reġjun li jaffaċċjaw riskji ta' diżastru ta' natura simili.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun hemm enfasi aktar b'saħħitha fuq l-aspett reġjonali tal-Mekkaniżmu peress li l-Istati Membri mill-istess reġjun huma suxxettibbli għal riskji ta' diżastru simili.*

**Emenda 74**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a sabiex tispeċifika l-għan, il-kontenut, l-organizzazzjoni, u l-grupp fil-mira tal-programm ta' taħriġ u n-netwerk ta' taħriġ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-ripożizzjonament u l-emendar tal-Artikolu 30, paragrafu 1, punt h tal-proposta. Il-qafas ġenerali tal-programmi ta' taħriġ mhux speċifiku għal diżastru individwali speċifiku; dawn id-dispożizzjonijiet, barra minn hekk, mhumiex relatati mal-implementazzjoni tal-att bażiku mill-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissupplementaw l-att bażiku; għandhom, għalhekk, jiġu adottati permezz ta' atti delegati.*

**Emenda 75**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-każ ta' diżastru kbar fi ħdan l-Unjoni, jew l-imminenza tiegħu, li jikkawża jew jista' jikkawża effetti transkonfinali, l-Istat Membru fejn iseħħ id-diżastru jew fejn x'aktarx iseħħ, mingħajr dewmien, jinnotifika l-Kummissjoni *rigward Stati* Membri potenzjalment affettwati. | 1. Fil-każ ta' diżastru kbar fi ħdan l-Unjoni, jew l-imminenza tiegħu, li jikkawża jew jista' jikkawża effetti transkonfinali, l-Istat Membru fejn iseħħ id-diżastru jew fejn x'aktarx iseħħ, *għandu* mingħajr dewmien, jinnotifika l-Kummissjoni***, permezz tal-ERC,*** *u l-Istati* Membri potenzjalment affettwati. |

**Emenda 76**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fejn iseħħ diżastru kbir fi ħdan l-Unjoni, jew l-imminenza tiegħu, ***Stat Membru jista' jitlob*** għall-għajnuna permezz tal-ERC. It-talba tkun speċifika kemm jista' jkun. | 1. Fejn iseħħ diżastru kbir fi ħdan l-Unjoni, jew l-imminenza tiegħu, ***Stati Membri affettwati jistgħu jitolbu*** għall-għajnuna permezz tal-ERC. It-talba *għandha* tkun speċifika kemm jista' jkun. |

**Emenda 77**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tipproponi pjan ta' reazzjoni bbażat fuq il-ħtiġijiet fuq il-post u l-pjanijiet ta' kontinġenza żviluppati minn qabel, u tistieden lill-Istati Membri biex jiskjeraw kapaċitajiet speċifiċi mill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi skont il-pjan; | (c) ***flimkien mal-Istat Membru jew l-Istati Membri li jagħmlu t-talba,*** tipproponi pjan ta' reazzjoni bbażat fuq il-ħtiġijiet fuq il-post u l-pjanijiet ta' kontinġenza żviluppati minn qabel, u tistieden lill-Istati Membri biex jiskjeraw kapaċitajiet speċifiċi mill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi skont il-pjan; |

**Emenda 78**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tiffaċilita ***l-mobilizzazzjoni*** ta' timijiet, esperti, moduli u appoġġ għal intervent apparti dik mill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi; | (d) tiffaċilita ***u tħeġġeġ il-mobilizzazzjoni rapida*** ta' timijiet, esperti, moduli u appoġġ għal intervent apparti dik mill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi; |

**Emenda 79**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 15 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29a biex tispeċifika l-proċedura li għandha tiġi segwita fir-reazzjoni għal diżastri kbar ġewwa l-Unjoni fl-ambitu tal-qafas stipulat fil-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ripożizzjonament u emendar tal-Artikolu 30, paragrafu 1, punt (i) tal-proposta. Id-dettalji tal-proċess għar-reazzjoni għal diżastru kbir jiffurmaw qafas ġenerali u mhumiex speċifiċi għal diżastru individwali partikolari. barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex relatati mal-implementazzjoni tal-att bażiku mill-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissupplementaw l-att bażiku; għandhom jiġu adottati, għalhekk, permezz ta' atti delegati.*

**Emenda 80**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-koordinament mal-pajjiż terz milqut dwar dettalji tekniċi bħall-ħtiġijiet preċiżi għall-għajnuna, l-aċċettazzjoni ta' offerti u l-arranġamenti prattiċi biex l-għajnuna tintlaqa' u titqassam lokalment; | (c) il-koordinament mal-pajjiż terz milqut ***u l-Istati Membri*** dwar dettalji tekniċi bħall-ħtiġijiet preċiżi għall-għajnuna, l-aċċettazzjoni ta' offerti u l-arranġamenti prattiċi biex l-għajnuna tintlaqa' u titqassam lokalment; |

**Emenda 81**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| e) il-koordinament mal-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari fil-fażi ta' għeluq tal-intervent ta' għajnuna taħt il- | e) il-koordinament mal-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari fil-fażi ta' għeluq tal-intervent ta' għajnuna taħt il- |

| | |
|---|---|
| Mekkaniżmu, biex jiffaċilita trasferiment bla xkiel; | Mekkaniżmu, biex jiffaċilita trasferiment bla xkiel; ***kontribut għar-rinfurzar tal-konnessjoni bejn l-emerġenza, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp mal-atturi umanitarji u dawk tal-iżvilupp;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ħafna drabi, teżisti lakuna bejn il-fażi umanitarja u dik tal-iżvilupp u nuqqas ta' koordinament u kumplementarjetà. Il-protezzjoni ċivili, li tintervjeni fil-fażi tal-emerġenza, tista' tikkontribwixxi għar-rinfurzar ta' din il-konnessjoni (LRRD) u l-azzjonijiet tagħha jistgħu jantiċipaw il-fażi tal-iżvilupp.*

**Emenda 82**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 16 – paragrafu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. *Jitfittxu* sinerġiji ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, u b'mod partikolari, ma' azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96. | 11. *Wieħed għandu jfittex li jkun hemm* sinerġiji ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, u b'mod partikolari, ma' azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96. ***L-azzjonijiet li jistgħu jkunu eliġibbli għall-iffinanzjar skont din id-Deċiżjoni m'għandhomx jirċievu ffinanzjar skont ir-Regolament (KE) Nru 1257/96.*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 16 – paragrafu 13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 29a biex tispeċifika l-proċedura li għandha tiġi segwita fir-reazzjoni għal diżastri kbar barra l-Unjoni fl-ambitu tal-qafas stipulat fil-paragrafi 1 sa 13 ta' dan l-Artikolu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ripożizzjonament u emendar tal-Artikolu 30, paragrafu 1, punt (i) tal-proposta. Id-dettalji tal-proċess għar-reazzjoni għal diżastri kbar mhumiex speċifiċi għal diżastru individwali partikolari. barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex relatati mal-implementazzjoni tal-att bażiku mill-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissupplementaw l-att bażiku; għandhom jiġu adottati, għalhekk, permezz ta' atti delegati.*

**Emenda 84**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 17 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a biex tispeċifika l-funzjonament tat-timijiet ta' esperti, u l-kundizzjonijiet tal-għażla, l-assenjazzjoni u l-waqfien ta' tim ta' esperti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ripożizzjonament u emendar tal-Artikolu 30, paragrafu 1, punt (c) tal-proposta. Il-modus operandi tat-timijiet ta' esperti jifforma qafas ġenerali u mhux speċifiku għal diżastru individwali partikolari. dawn id-dispożizzjonijiet, barra minn hekk, mhumiex relatati mal-implementazzjoni tal-att bażiku mill-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissuplementaw l-att bażiku; għandhom, għalhekk, jiġu adottati permezz ta' atti delegati.*

**Emenda 85**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a biex tispeċifika l-livell ta' dettall ta' informazzjoni pprovduta u kondiviża skont il-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu, u biex tispeċifika l-proċeduri għall-identifikazzjoni tat-tagħmir u r-riżorsi tat-trasport skont il-paragrafu 1(b)*** |

| | |
|---|---|
| | ***u (c) ta' dan l-Artikolu, u għall-provvista ta' riżorsi tat-trasport addizzjonali mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ripożizzjonament u emendar tal-*Artikolu 30, paragrafu 1, punt j) *tal-proposta. Il-miżuri dettaljati dwar it-trasport jiffurmaw qafas ġenerali u mhumiex speċifiċi għal diżastru individwali partikolari. dawn id-dispożizzjonijiet, barra minn hekk, mhumiex relatati mal-implementazzjoni tal-att bażiku mill-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissuplementaw l-att bażiku; għandhom jiġu adottati, għalhekk, permezz ta' atti delegati.*

**Emenda 86**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perijodu 2014 sa 2020 *huwa* ta' ***EUR 513 000 000*** fi prezzijiet attwali. | 1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perijodu 2014 sa 2020 *għandu jkun* ta' ***[...]*** fi prezzijiet attwali. |
| ***EUR 276 000 000 fi prezzijiet attwali jittieħdu*** *minn intestatura 3* "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju u ***EUR 237 000 000 fi prezzijiet attwali*** mill-intestatura 4 "Ewropa Globali.*"* | ***70 % ta' dak l-ammont għandu jittieħed*** *mill-intestatura 3* "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju u ***30 % ta' dak l-ammont*** mill-intestatura 4 "Ewropa Globali*"*. |

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li n-negozjati dwar l-MFF għadhom għaddejjin, għadu kmieni wisq biex tiġi inkluża kwalunkwe ċifra tal-baġit ġenerali fl-abbozz ta' rapport f'dan l-istadju. Il-Mekkaniżmu għandu jiffoka fuq azzjonijiet fl-UE u dan għandu jiġi rifless fl-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji. Qed ikun propost, għalhekk, li l-azzjonijiet ġewwa l-UE (iffinanzjati minn intestatura 3) jirċievu 70 % tal-baġit filwaqt li l-azzjonijiet barra l-UE (iffinanzjati minn intestatura 4) jirċievu 30 %.*

**Emenda 87**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mill-pakkett finanzjarju ġenerali msemmi fl-ewwel subparagrafu, tal-anqas 20 % għandhom ikunu allokati għal azzjonijiet ġenerali skont l-Artikolu 20.*** |

**Emenda 88**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-awtorità baġitarja*** *għandha* ***tawtorizza l-approprjazzjonijiet annwali disponibbli mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament [li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas****-snin* ***bejn l-2014 u l-2020] u l-Ftehim Interistituzzjonali ta' xxx/201z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba****.* |

**Emenda 89**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 20 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-azzjonijiet ġenerali li ġejjin huma eliġibbli għal għajnuna finanzjarja: | L-azzjonijiet ġenerali li ġejjin ***għat-tisħiħ tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni effikaċi*** *għandhom ikunu* eliġibbli għal għajnuna finanzjarja: |

**Emenda 90**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 20 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (d) informazzjoni pubblika, edukazzjoni u tqajjim tal-kuxjenza pubblika u azzjonijiet assoċjati ta' tixrid, sabiex ***jiġu minimizzati l-effetti*** ta' *emerġenzi* ***fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni*** u biex tingħata għajnuna liċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex jipproteġu lilhom infushom b'mod aktar effettiv; | (d) informazzjoni pubblika, edukazzjoni u tqajjim tal-kuxjenza pubblika u azzjonijiet assoċjati ta' tixrid, sabiex ***jiġu involuti ċ-ċittadini fil-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-effetti*** ta' *diżastri* ***fl-Unjoni*** u biex tingħata għajnuna liċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex jipproteġu lilhom infushom b'mod aktar effettiv ***u sostenibbli***; |

**Emenda 91**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 21 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) tħejjija ta' pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju u *analżi* tar-riskji mal-Unjoni kollha; | (a) tħejjija***, aġġornament u implimentazzjoni*** ta' pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju u *analiżi* tar-riskji mal-Unjoni kollha; |

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-koerenza mal-Artikolu 5 u biex jinkisbu l-objettivi tal-prevenzjoni, il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri tul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskji.*

**Emenda 92**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 21 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ea) kollaborazzjoni mal-Unjoni Ewropea dwar il-ħolqien ta' strateġiji integrati ta' rkupru li jqisu l-kollaborazzjoni interistituzzjonali u l-gestjoni kkoordinata tar-riżorsi tekniċi u ekonomiċi;*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 21 – punt g – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal azzjonijiet skont dan il-punt se tieħu l-forma ta' spejjeż ta' unità determinati skont it-tip ta' kapaċità u mhux se tkun ta' iktar minn ***25%*** tal-ispejjeż eliġibbli totali. | Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal azzjonijiet skont dan il-punt *għandha* tieħu l-forma ta' spejjeż ta' unità determinati skont it-tip ta' kapaċità u *m'għandhiex* tkun ta' iktar minn ***40 %*** tal-ispejjeż eliġibbli totali. |

**Emenda 94**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 21 – punt h – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Azzjonijiet meħuda skont dan il-punt ikunu bbażati fuq analiżi fil-fond tal-ħtiġijiet u tal-bilanċ bejn in-nefqa u l-benefiċċju skont it-tip ta' kapaċità, billi jiġu kkunsidrati ***l-probabilità*** u l-impatt tar-riskji rilevanti. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-azzjonijiet taħt dan il-punt ma jistgħux ikunu iktar minn 85% tal-ispejjeż eliġibbli totali; | Azzjonijiet meħuda skont dan il-punt *għandhom* ikunu bbażati fuq analiżi fil-fond tal-ħtiġijiet u tal-bilanċ bejn in-nefqa u l-benefiċċju skont it-tip ta' kapaċità, billi jiġu kkunsidrati ***n-natura orizzontali tagħha u l-benefiċċju possibbli tagħha f'sitwazzjonijiet differenti ta' diżastru, in-natura speċjalizzata ferm u l-kost tagħha, u l-probabilità*** u l-impatt tar-riskji rilevanti. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-azzjonijiet taħt dan il-punt ma jistgħux ikunu iktar minn 85 % tal-ispejjeż eliġibbli totali; |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li jissaħħaħ l-ambitu għall-kofinanzjament tal-UE biex jiġu indirizzati tipi differenti ta' distakki fir-rigward tal-kapaċità.*

**Emenda 95**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 21 – punt k (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(k) appoġġ ta' programm ta' taħriġ u netwerk ta' taħriġ tal-UE fir-rigward tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri fl-Istati Membri,bil-parteċipazzjoni tal-persunal ta' skejjel u ta' ċentri tat-taħriġ tal-protezzjoni ċivili, kif ukoll ta' persunal ieħor tal-ġestjoni tal-emerġenzi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 13, jinħtieġ appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE.*

**Emenda 96**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 23 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***5a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a sabiex tispeċifika dettalji ulterjuri, skont dan l-Artikolu, tal-proċedura biex tintalab u tittieħed deċiżjoni dwar l-għoti ta' appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għat-trasport;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ripożizzjonament u emendar tal-Artikolu 30, paragrafu 1, punt j) tal-proposta. Il-miżuri dettaljati dwar l-ispejjeż tat-trasport jiffurmaw qafas ġenerali u mhumiex speċifiċi għal diżastru individwali partikolari. barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex relatati mal-implementazzjoni tal-att bażiku mill-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u jissupplementaw l-att bażiku; għandhom, għalhekk, jiġu adottati permezz ta' atti delegati.*

**Emenda 97**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 25 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Sabiex timplimenta din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni ***tadotta programmi*** ta' ħidma annwali skont il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 31(2), ħlief għal azzjonijiet li jaqgħu taħt ir-reazzjoni għall-emerġenzi tal-Kapitolu IV, li jistgħu ma jkunx previsti. Dawn jistabbilixxu l-għanijiet li jiġu segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Huma ikunu jinkludu deskrizzjoni fil-qosor tal-azzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammonti allokati għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' implimentazzjoni. Rigward l-għotjiet, dawn ikunu jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' evalwazzjoni u r-rata massima ta' kofinanzjar. | 3. Sabiex timplimenta din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni *għandha* ***tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a dwar l-adozzjoni tal-programmi*** ta' ħidma annwali, ħlief għal azzjonijiet li jaqgħu taħt ir-reazzjoni għall-emerġenzi tal-Kapitolu IV, li jistgħu ma jkunx previsti. Dawn jistabbilixxu l-għanijiet li jiġu segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Huma ikunu jinkludu deskrizzjoni fil-qosor tal-azzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammonti allokati għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' implimentazzjoni. Rigward l-għotjiet, dawn ikunu jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' evalwazzjoni u r-rata massima ta' kofinanzjar. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-programmi ta' ħidma annwali jirrelataw mal-implementazzjoni tal-Mekkaniżmu mill-Kummissjoni mhux mill-Istati Membri u għalhekk, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 291 mhux issodisfati. Il-programmi ta' ħidma, għalhekk, għandhom jiġu adottati b'atti delegati.*

**Emenda 98**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitfittxu sinerġiji u kumplimentarità ma' strumenti oħra tal-Unjoni. Fil-każ ta' reazzjoni f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tiżgura l-kumplimentarità u l-koerenza ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni u azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96. | 2. *Wieħed għandu jfittex li jkun hemm* sinerġiji u kumplimentarità ma' strumenti oħra tal-Unjoni. Fil-każ ta' reazzjoni f'pajjiżi terzi, ***biex tiġi affaċċjata kriżi umanitarja,*** il-Kummissjoni ***għandha*** tiżgura l-komplementarjetà u l-koerenza ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni u azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96. |

**Emenda 99**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 26 – paragrafu 3**

| *Texte proposé par la Commission* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta assistenza taħt il-Mekkaniżmu tikkontribwixxi għal reazzjoni umanitarja tal-Unjoni ***usa'***, azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni jkunu konsistenti mal-prinċipji humanitarji msemmija fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja. | 3. Meta assistenza taħt il-Mekkaniżmu tikkontribwixxi għal reazzjoni umanitarja tal-Unjoni, ***b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza kumplessi,*** azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni *għandhom ikunu* konsistenti mal-prinċipji humanitarji msemmija fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja. ***L-użu tar-riżorsi tal-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi għandu jkun ibbażat fuq il-bżonnijiet identifikati u għandu jikkonforma mal-prinċipji dwar l-użu tal-protezzjoni ċivili u tar-riżorsi u l-apparat militari bħal dawk ifformulati fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rispett tal-prinċipji umanitarji (newtralità, imparzjalità, indipendenza u umanità) kif ukoll l-intervent ibbażat fuq evalwazzjoni tal-bżonnijiet iridu jiggwidaw l-azzjonijiet umanitarji u tal-protezzjoni ċivili. Huwa aktar u aktar il-każ matul is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza kumplessi fejn huwa possibbli li jkun hemm konfużjoni bejn l-atturi differenti, li jagħmel diffiċli wkoll it-twassil tal-għajnuna u l-aċċess għall-popolazzjonijiet.*

**Emenda 100**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-programmi ta' appoġġ rispettivi tagħhom bil-għan li jżidu l-effikaċja u l-effiċjenza rigward l-għoti tal-appoġġ u d-djalogu politiku skont il-prinċipji stabbiliti għat-tisħiħ tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***koordinament operattiv, u għall-armonizzazzjoni tal-politiki u tal-proċeduri. Il-koordinament għandu jinvolvi konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni rilevanti u l-aħjar prattiki tul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' appoġġ.*** |

**Emenda 101**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. *Assistenza Finanzjarja* msemmija fl-Artikoli 20 u l-Artikolu 21 (a) sa (f) tista' tingħata lil pajjiżi li jaqgħu taħt il-Politika Ewropea ***tal-Viċinat kif ukoll pajjiżi kandidati potenzjali li ma jipparteċipawx fil-Mekkaniżmu***. | 2. L-assistenza finanzjarja msemmija fl-Artikoli 20 u l-Artikolu 21(a) sa (f) tista' tingħata ***lil pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali li ma jipparteċipawx fil-Mekkaniżmu u lil pajjiżi*** li jaqgħu taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat***, sakemm tikkumplimenta l-finanzjament skont l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI)***. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-iffinanzjar fl-ambitu tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni għandu jikkumplimenta l-finanzjament minn sorsi oħra, bħall-IPA u l-ENPI, billi dan jiżgura finanzjament akbar għall-attivitajiet ta' protezzjoni ċivili għall-pajjiżi kandidati u għall-pajjiżi kandidati potenzjali u għall-pajjiżi tal-Politika tal-Viċinat.*

**Emenda 102**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 28 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-iffinanzjar minn pajjiżi terzi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami*** |

*msemmija fl-Artikolu 31(2).*

**Emenda 103**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 29a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 29a*** |
| | ***Eżerċizzju tad-delega*** |
| | ***1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija konferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** |
| | ***2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(1a) u (1b), l-Artikolu 8(3a), l-Artikolu 9(8a), l-Artikolu 11(4a), l-Artikolu 12(7), l-Artikolu 13(1b), l-Artikolu 15(6a), l-Artikolu 16(13a), l-Artikolu 17(5a), l-Artikolu 18(2a), l-Artikolu 23(5a) u l-Artikolu 25(3) għandha tkun konferita fuq il-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020.*** |
| | ***3. Id-delega tas-setgħa imsemmija fl-Artikolu 7(1a) u (1b), l-Artikolu 8(3a), l-Artikolu 9(8a), l-Artikolu 11(4a), l-Artikolu 12(7), l-Artikolu 13(1b), l-Artikolu 15(6a), l-Artikolu 16(13a), l-Artikolu 17(5a), l-Artikolu 18(2a), l-Artikolu 23(5a) u l-Artikolu 25(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ.*** |
| | ***4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Kunsill.*** |
| | ***5. Att delegat skont l-Artikolu 7(1a) u (1b), l-Artikolu 8(3a), l-Artikolu 9(8a), l-Artikolu 11(4a), l-Artikolu 12(7), l-Artikolu 13(1b), l-Artikolu 15(6a), l-Artikolu 16(13a), l-Artikolu 17(5a), l-Artikolu 18(2a), l-Artikolu 23(5a) u l-Artikolu 25(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssirx oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel it-tmien ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma joġġezzjonawx. Dan il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Bl-introduzzjoni ta' atti delegati, il-kundizzjonijiet, l-ambitu u t-terminu tad-delega għandhom jiġu definiti wkoll fl-att bażiku. Barra minn hekk, l-att bażiku għandu jistipula l-kundizzjonijiet ta' revoka ta' setgħa ddelegata, in-notifika tal-att delegat u l-proċedura għal oġġezzjoni. It-test hu konformi mal-"fehim komuni" bejn l-Istituzzjonijiet dwar atti delegati.*

**Emenda 104**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Il-Kummissjoni tadotta atti implimentattivi dwar il-materji li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) il-funzjonament tal-ERC, kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 7;*** | |
| ***(b) il-funzjonament tas-CECIS, kif previst fil-punt (b) tal-Artikolu 7;*** | |
| ***(c) il-modalitajiet għal timijiet ta' esperti, kif previst fl-Artikolu 17, inklużi l-kundizzjonijiet għall-għażla ta' esperti;*** | |
| ***(d) kondizzjonijiet għall-identifikazzjoni tal-moduli, kif jipprovdi l-Artikolu 8;*** | |

***(e) kundizzjonoijiet għar-riżorsi disponibbli għall-intervent ta' għajnuna, kif jipprovdi l-Artikolu 9;***

***(f) il-funzjonament tal-Kapaċità ta' Reazzjoni ta' Emerġenza fil-forma ta' konsorzjament volontarju, kif jipprovdi l-Artikolu 11;***

***(g) il-modalitajiet dwar l-identifikazzjoni u l-mili tal-lakuni fil-Kapaċità ta' Reazzjoni għall-Emerġenza Ewropea, kif jipprovdi l-Artikolu 12;***

***(h) il-modalitajiet għall-programm tat-taħriġ, kif jipprovdi l-Artikolu 13;***

***(i) il-modalitajiet applikabbli għal interventi fl-Unjoni, kif previst fl-Artikolu 15 kif ukoll għall-interventi barra l-Unjoni, kif jipprovdi l-Artikolu 16;***

***(j) il-modalitajiet dwar it-trasport, kif jipprovdu l-Artikoli 18 u 23.***

***2. Dawn l-atti implimentattivi jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2).***

*Ġustifikazzjoni*

*Atti delegati u ta' implementazzjoni qed jissemmew fil-post rispettiv tagħhom fit-test, u għalhekk l-Artikolu 30 tal-proposta jsir superfluwu.*

**Emenda 105**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta l-kumitat ma jagħtix opinjoni, il-Kummissjoni *ma tadottax* l-abbozz tal-att implimentattiv u jiġi applikat it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. | 2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, *għandu* japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta *l-Kumitat* ma jagħtix opinjoni, ***inkluż dwar kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali,*** il-Kummissjoni *m'għandhiex tadotta* l-abbozz tal-att implimentattiv u jiġi applikat it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. |

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-protezzjoni ċivili fl-Unjoni attwalment hija rregolat b'żewġ strumenti legali: wieħed dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, u wieħed dwar l-Istrument Finanzjarju relatat li jkopri l-perjodu 2013 – 2020. Il-preparazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona jippreżentaw mument tajjeb biex jiġi revedut il-qafas legali eżistenti.

Apparti l-bidliet għall-qafas istituzzjonali u baġitarju, ir-realtà titlob ukoll reviżjoni tas-sistema attwali. L-għadd u l-gravità u s-serjetà tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem żdiedu b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar snin; u t-tibdil fil-klima mistenni jagħti bidu għal diżastri futuri ħafna iktar estremi.

Ta' min wieħed jinnota li filwaqt li t-Trattat ta' Lisbona jintroduċi bażi legali ġdida għall-protezzjoni ċivili fl-Artikolu 196 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-idea ta' protezzjoni ċivili la hi definita mit-Trattat u lanqas mill-proposta leġiżlattiva. It-Trattat jipprovdi definizzjoni impliċita biss meta jirreferi għall-"prevenzjoni u l-protezzjoni kontra d-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem". L-idea ta' protezzjoni ċivili hija interpretata b'mod differenti fi Stati Membri differenti fid-dawl tal-iżviluppi nazzjonali u storiċi; u l-ambitu tagħha wkoll qed jevolvi maż-żmien. Dan, madankollu, ma jirrikjedix armonizzazzjoni fil-livell Ewropew peress li l-leġiżlazzjoni preżenti tindirizza l-protezzjoni ċivili biss għall-iskopijiet ta' kooperazzjoni fi ħdan il-qafas propost; ma għandhiex (u ma jistax ikollha) fil-mira tagħha l-armonizzazzjoni ulterjuri tal-attivitajiet ta' protezzjoni ċivili tal-Istati Membri. Ir-raġuni għal dan hija li l-protezzjoni tas-soċjetà ċivili għadha primarjament ir-responsabilità tal-Istati Membri u l-iskop ta' leġiżlazzjoni Ewropea ma jistax imur oltre l-appoġġ u l-kumplementarjetà tal-azzjonijiet tal-Istati Membri, u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-konsistenza.

Dan huwa l-isfond li fih qed tiġi ppreżentata l-proposta leġiżlattiva. Ir-rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar it-twaqqif ta' Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili bħala bażi tajba ħafna għal ħidma ulterjuri; u tipproponi sett ta' emendi biex il-proposta tkompli tissaħħaħ fuq il-linji li ġejjin:

- Abbażi tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri diġà qed jaħdmu flimkien u qed jiżviluppaw strateġiji fuq kwistjonijiet varji. Minkejja li dawk il-linji gwida mhumiex ta' natura vinkolanti, l-użu tagħhom huwa mħeġġeġ bil-qawwa għall-funzjonament aħjar tal-Mekkaniżmu. Ir-rapporteur tixtieq tkompli tippromwovi dawk il-linji gwida eżistenti dwar il-valutazzjoni tar-riskju u l-immappjar tar-riskju, kif ukoll dwar l-appoġġ tal-istat ospitanti; sabiex ikun hemm referenza iktar ċara għal-linji gwida futuri ppreżentati biex titjieb il-komparabilità tal-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju tal-Istati Membri; u biex id-definizzjoni ta' stat ospitanti tiġi allinjata ma' dik użata mil-linji gwida tal-UE.

- L-Istati Membri mill-istess reġjuni huma suxxettibbli għal diżastri ta' natura simili. Minkejja li jeżistu diġà ftehimiet bilaterali u reġjonali, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jippromwovi wkoll kooperazzjoni reġjonali ulterjuri fil-qasam tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-aħjar prattiki, u fil-programmi ta' taħriġ.

- Ir-riżorsi ffinanzjati mill-UE u t-twaqqif tal-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi (EERC) fil-forma ta' konsorzjament volontarju huma passi kbar lejn sistema Ewropea ta' reazzjoni għal diżastri aħjar u aktar affidabbli.

  Għall-funzjonament aħjar tal-konsorzjament, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi mhux biss il-kriterji ta' kwalità iżda anke l-kriterji tal-interoperabilità.

  Barra minn hekk, jidher ċar li r-riżorsi ffinanzjati mill-UE, li l-iżvilupp tagħhom jista' jiġi ffinanzjat sa 85 % mill-Unjoni, għandhom dejjem jibqgħu disponibbli għall-użu mill-EERC. Tista' ssir eċċezzjoni biss meta l-Istat Membru li jkun qed jiġġestixxi din ir-riżorsa jkun qed jaffaċċa diżastru kbir. F'tali każ, ir-responsabilità tal-Istat Membru effettwat li jipproteġi n-nies u t-territorju tiegħu billi juża r-riżorsa partikolari għandu jkollha prijorità fuq l-obbligu li jagħmel ir-riżorsa disponibbli. Fi kliem ieħor, f'tali każ, l-Istat Membru effettwat jista' jirreferi għal raġuni serja u jirtira r-riżorsa mill-konsorzjament.

- Xi elementi tal-proposta tal-Kummissjoni jeħtieġ jiġu ċċarati jew enfasizzati ulterjorment bħan-natura volontarja tal-iżviluppi tal-moduli, u l-użu tal-assi militari bħala l-aħħar rimedju.

- Bidla importanti introdotta mit-Trattat ta' Lisbona hija s-sostituzzjoni tas-sitema l-qadima ta' "komitoloġija" b'atti delegati u atti ta' implementazzjoni. Fl-Artikoli 290 u 291 tiegħu, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħmilha ċara li dawk l-atti qed jindirizzaw ħtiġijiet differenti u għalhekk mhumiex intersostitwibbli.

  Ir-rapporteur tinnota li l-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi biss atti ta' implementazzjoni. Għalhekk tipproponi li l-atti ta' implementazzjoni jiġu sostitwiti b'atti delegati f'għadd ta' postijiet fejn il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 290 huma ssodisfati. Dawn l-emendi għandhom l-għan li mhux biss jissalvagwardjaw id-drittijiet istituzzjonali tal-Parlament Ewropew, iżda wkoll li jiżguraw il-legalità u l-validità ta' dawk l-atti sekondarji.

Ir-rapporteur hija fiduċjuża li l-emendi proposti se jwittu t-triq għat-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' protezzjoni ċivili iktar affidabbli għall-Unjoni.

19.9.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili
(COM(2011)0934 – C7-0519/2011 – 2011/0461(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Michèle Striffler

(*) Kumitat assoċjat - Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Minħabba ż-żieda sinifikanti ***fin-numri u s-severità ta' diżastri*** naturali u kkawżati mill-bniedem fl-aħħar snin u f'sitwazzjoni fejn diżastri fil-futur x'aktarx se jkunu aktar estremi u kumplessi b'konsegwenzi kbar u fuq żmien itwal, li jirriżultaw b'mod partikolari, minn tibdil fil-klima u interazzjoni potenzjali bejn bosta perikli naturali u teknoloġiċi, approċċ integrat għall-ġestjoni tad-diżastri kull ma jmur qed isir aktar importanti. L-Unjoni għandha tappoġġja, tikkoordina u tissupplimenta azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili bil-għan li jkun hemm | (1) Minħabba ż-żieda sinifikanti ***fid-diżastri*** naturali u kkawżati mill-bniedem fl-aħħar snin u f'sitwazzjoni fejn diżastri fil-futur x'aktarx se jkunu aktar estremi u kumplessi b'konsegwenzi kbar u fuq żmien itwal, li jirriżultaw b'mod partikolari, minn tibdil fil-klima***, li jolqot b'mod sproporzjonat il-pajjiżi li qed jiżviluppaw*** u interazzjoni potenzjali bejn bosta perikli naturali u teknoloġiċi, approċċ integrat għall-ġestjoni tad-diżastri kull ma jmur qed isir aktar importanti. L-Unjoni għandha tappoġġja, tikkoordina u tissupplimenta azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal- |

| | |
|---|---|
| titjib fl-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. | protezzjoni ċivili bil-għan li jkun hemm titjib fl-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9 bis) Jeħtieġ li jiġu żviluppati l-kapaċitajiet ta' pożizzjonament minn qabel tas-servizzi tas-sokkors bil-għan li tittejjeb ir-rapidità tal-intervent tal-Unjoni f'każ ta' katastrofi. Għalhekk, li jinżamm għaddej is-sostenn finanzjarju tal-Unjoni huwa indispensabbli għall-iżvilupp tad-depożiti/pjattaformi li jiggarantixxu l-effikaċja f'dawk li huma rapidità, kwalità u l-effikaċja mqabbda man-nefqa. F'dan is-sens, l-Unjoni tkun qed tirbaħ meta tutilizza r-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej tal-Unjoni, mingħajr esklussività, bħala punti ta' appoġġ biex ikun jista' jsir il-pożizzjonament minn qabel tal-prodotti essenzjali u tal-loġistika u b'hekk tiġi ffaċilitata l-previżjoni ta' mezzi umani u materjali Ewropej, f'każ ta' intervent umanitarju ta' urġenza barra mill-Unjoni.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) B'rispett għall-interventi ta' għajnuna bħala reazzjoni għal diżastri 'l barra mill-Unjoni, il-Mekkaniżmu għandu jiffaċilita u jappoġġja azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri u l-Unjoni bħala entità sħiħa sabiex tiġi promossa l-konsistenza f'ħidma | (15) B'rispett għall-interventi ta' għajnuna bħala reazzjoni għal diżastri 'l barra mill-Unjoni, il-Mekkaniżmu għandu jiffaċilita u jappoġġja azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri u l-Unjoni bħala entità sħiħa sabiex tiġi promossa l-konsistenza f'ħidma |

internazzjonali tal-protezzjoni ċivili. In-Nazzjonijiet Uniti, fejn tkun preżenti, għandha rwol ta’ koordinament komprensiv għall-operazzjonijiet ta’ għajnuna fil-pajjiżi terzi. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili pprovduta skont il-Mekkaniżmu għandha tiġi kkoordinata man-Nazzjonijiet Uniti u partijiet oħra internazzjonali rilevanti biex kemm jista' jkun tkabbar l-użu tar-riżorsi disponibbli u tevita kwalunkwe duplikazzjoni inutli tal-isforzi. Il-koordinazzjoni mtejba tal-għajnuna tal-protezzjoni ċivili permezz tal-Mekkaniżmu hija prerekwiżit għall-appoġġ tal-isforz tal-koordinazzjoni globali u l-iżgurar ta’ kontribut komprensiv tal-Unjoni għall-isforz globali ta’ għajnuna. F'diżastri ewlenin fejn l-għajnuna tingħata sew taħt il-Mekkaniżmu kif ukoll taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta’ Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-effikaċja, il-koerenza u l-komplementarjetà tar-reazzjoni komprensiva tal-Unjoni, b'rispett għall-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja.

internazzjonali tal-protezzjoni ċivili. ***Il-maġġoranza tal-interventi tal-mekkaniżmu tal-protezzjoni ċivili tal-Unjoni saru barra mill-Unjoni, prinċipalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.*** In-Nazzjonijiet Uniti, fejn tkun preżenti, għandha rwol ta’ koordinament komprensiv għall-operazzjonijiet ta’ għajnuna fil-pajjiżi terzi. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili pprovduta skont il-Mekkaniżmu għandha tiġi kkoordinata man-Nazzjonijiet Uniti u partijiet oħra internazzjonali rilevanti biex kemm jista' jkun tkabbar l-użu tar-riżorsi disponibbli u tevita kwalunkwe duplikazzjoni inutli tal-isforzi. Il-koordinazzjoni mtejba tal-għajnuna tal-protezzjoni ċivili permezz tal-Mekkaniżmu hija prerekwiżit għall-appoġġ tal-isforz tal-koordinazzjoni globali u l-iżgurar ta’ kontribut komprensiv tal-Unjoni għall-isforz globali ta’ għajnuna. F'diżastri ewlenin fejn l-għajnuna tingħata sew taħt il-Mekkaniżmu kif ukoll taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta’ Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-effikaċja, il-koerenza u l-komplementarjetà tar-reazzjoni komprensiva tal-Unjoni, b'rispett għall-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja.

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Meta l-użu ta’ kapaċitajiet militari jitqies xieraq għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili, il-kooperazzjoni mal-persunal militari ***għandha ssegwi*** l-modalitajiet, il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill jew mill-korpi kompetenti tiegħu biex l-assi u l-kapaċitajiet militari rilevanti għall-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili jkunu disponibbli għall-Mekkaniżmu. | (19) ***L-użu ta' riżorsi militari jista' jikkostitwixxi appoġġ essenzjali għall-operazzjonijiet umanitarji bħala rispons għad-diżastri naturali.*** Meta l-użu ta’ kapaċitajiet militari ***- fejn ma jistax isir mod ieħor -*** jitqies xieraq għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili, il-kooperazzjoni mal-persunal militari ***trid issegwi*** l-modalitajiet, il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill jew mill-korpi kompetenti tiegħu biex l-assi u l-kapaċitajiet militari rilevanti għall-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili jkunu disponibbli għall-Mekkaniżmu***, kif ukoll għad-"Direttivi dwar l-użu tar-riżorsi militari u tal-protezzjoni ċivili barranin fil-qafas tal-operazzjonijiet ta' salvataġġ f'każ ta' diżastru" (id-Direttivi ta' Oslo, rev.1.1. tal-2007) u għad-"Direttivi dwar l-użu tar-riżorsi militari u tal-protezzjoni ċivili fil-qafas tas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza kumplessi" (MCDA, rev.1 tal-2006).*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. "diżastru" tfisser kwalunkwe sitwazzjoni li jkollha jew li jista' jkollha impatt negattiv fuq persuni, l-ambjent jew il-proprjetà; | 1. "diżastru" tfisser kwalunkwe sitwazzjoni ***- ikkawżata mill-bniedem jew marbuta ma' fenomeni naturali -*** li jkollha jew li jista' jkollha impatt negattiv fuq persuni, l-ambjent jew il-proprjetà; |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jkun hemm distinzjoni bejn id-diżastri kkwawżati mill-bniedem (inkwiet*

*politiku, kunflitti armati) minn dawk marbuta ma' fenomeni naturali, għax il-problemi u r-regoli ta' intervent ta' salvataġġ (umanitarji u protezzjoni ċivili) jvarjaw skont il-kuntest.*

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jidentifikaw u *jiżguraw sinerġiji* bejn iffinanzjar għal għajnuna materjali u għajnuna umanitarja pprovduti mill-Unjoni u l-Istati Membri fl-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni barra l-Unjoni. | 2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jidentifikaw u *jisfruttaw is-sinerġiji eżistenti* bejn iffinanzjar għal għajnuna materjali u għajnuna umanitarja pprovduti mill-Unjoni u l-Istati Membri fl-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni barra l-Unjoni ***u biex tkun affaċċjata kriżi umanitarja***. |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw viżibilità xierqa tal-interventi tal-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. | 8. ***L-UE turi b'mod ċar il-preżenza u l-azzjonijiet tagħha;*** L-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw viżibilità xierqa tal-interventi tal-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi ***kemm fuq il-persuni kif ukoll fuq il-vetturi, b'mod partikolari billi jinġarru l-emblema nazzjonali u dik Ewropea***. . |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| d) it-twaqqif ta' programm ta' tagħlimiet miksuba mill-interventi, l-eżerċizzji u t-taħriġ imwettqa fi ħdan il-qafas tal-mekkaniżmu, inklużi l-aspetti ta' prevenzjoni, tħejjija u reazzjoni, bit-tixrid u l-implimentazzjoni tagħhom kif xieraq; | d) it-twaqqif ta' programm ta' tagħlimiet miksuba mill-interventi, ***inklużi dawk barra mill-Unjoni,*** l-eżerċizzji u t-taħriġ imwettqa fi ħdan il-qafas tal-mekkaniżmu, inklużi l-aspetti ta' prevenzjoni, tħejjija u reazzjoni, bit-tixrid u l-implimentazzjoni tagħhom kif xieraq; |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| e) il-koordinament mal-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari fil-fażi ta' għeluq tal-intervent ta' għajnuna taħt il-Mekkaniżmu, biex jiffaċilita trasferiment bla xkiel; | e) il-koordinament mal-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari fil-fażi ta' għeluq tal-intervent ta' għajnuna taħt il-Mekkaniżmu, biex jiffaċilita trasferiment bla xkiel; ***kontribut għar-rinfurzar tal-konnessjoni bejn l-emerġenza, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp mal-atturi umanitarji u dawk tal-iżvilupp;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ħafna drabi, teżisti lakuna bejn il-fażi umanitarja u dik tal-iżvilupp u nuqqas ta' koordinament u kumplementarjetà. Il-protezzjoni ċivili, li tintervjeni fil-fażi tal-emerġenza, tista' tikkontribwixxi għar-rinfurzar ta' din il-konnessjoni (LRRD) u l-azzjonijiet tagħha jistgħu jantiċipaw il-fażi tal-iżvilupp.*

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 16 – paragrafu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jitfittxu sinerġiji ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, u b'mod partikolari, ma' azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96. | 11. Jitfittxu sinerġiji ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, u b'mod partikolari, ma' azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96 ***tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja. L-azzjonijiet relevanti tar-regolament preżenti u li huma eliġibbli għal finanzjament skont id-deċiżjoni preżenti ma jibbenefikawx minn finanzjament għal għajnuna umanitarja skont l-imsemmi regolament.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perijodu 2014 sa 2020 huwa ta' ***EUR 513 000 000*** fi prezzijiet attwali. | 1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perijodu 2014 sa 2020 huwa ta' ***[...]*** fi prezzijiet attwali. |
| ***EUR 276 000 000 fi prezzijiet attwali jittieħdu*** minn ***intestatura 3*** "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju u ***EUR 237 000 000 fi prezzijiet attwali*** mill-intestatura 4 "Ewropa Globali." | ***50% ta' dan l-ammont jittieħed*** minn ***intestatura 3*** "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju u ***50%*** mill-intestatura 4 "Ewropa Globali." |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ispejjeż totali tal-interventi barra mill-Unjoni se jiżdiedu matul il-perjodu 2014-2020 bħala riżultat ta':*

*(1) ir-rata ogħla ta' kofinanzjar tal-ispejjeż tat-trasport u tal-loġistika prevista fl-Artikolu 23 ta' din id-deċiżjoni,*

*(2) ir-rinfurzar tal-azzjonijiet fl-oqsma tal-prevenzjoni u tal-preparazzjoni,*

*(3) l-estensjoni tal-azzjonijiet previsti fl-Artikoli 20, 21(a) sa (f) għall-pajjiżi relevanti tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, għall-pajjiżi kandidati potenzjali li mhux qed jipparteċipaw fil-mekkaniżmu, kif ukoll, kif propost mir-rapporteur, bħala każ b'każ, għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw l-anqas avvanzati.*

*Barra minn hekk, f'dawn l-aħħar snin, il-maġġoranza tal-interventi tal-protezzjoni ċivili tal-UE saru barra mill-Unjoni, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-pakketti finanzjarji għall-perjodu 2014-2020 iridu jirriflettu din ir-realtà.*

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitfittxu sinerġiji u kumplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni. Fil-każ ta' reazzjoni f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-komplementarjetà u l- | 2. Jitfittxu sinerġiji u kumplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni. Fil-każ ta' reazzjoni f'pajjiżi terzi, ***biex taffaċċja kriżi umanitarja,*** il-Kummissjoni għandha |

| | |
|---|---|
| koerenza ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni u azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96. | tiżgura l-komplementarjetà u l-koerenza ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni u azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96. |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 26 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta assistenza taħt il-Mekkaniżmu tikkontribwixxi għal reazzjoni umanitarja tal-Unjoni ***usa***', azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni jkunu konsistenti mal-prinċipji humanitarji msemmija fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja. | 3. Meta assistenza taħt il-Mekkaniżmu tikkontribwixxi għal reazzjoni umanitarja tal-Unjoni***, b'mod partikolari fis-sitwazzjonijiet ta' emerġenza kumplessi***, azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni jkunu konsistenti mal-prinċipji humanitarji msemmija fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja. ***L-użu tar-riżorsi tal-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi jrid ikun ibbażat fuq il-bżonnijiet identifikati u jikkonforma mal-prinċipji dwar l-użu tal-protezzjoni ċivili u tar-riżorsi u l-apparat militari bħal dawk ifformulati fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rispett tal-prinċipji umanitarji (newtralità, imparzjalità, indipendenza u umanità) kif ukoll l-intervent ibbażat fuq evalwazzjoni tal-bżonnijiet iridu jiggwidaw l-azzjonijiet tal-umanitarji u tal-protezzjoni ċivili. Huwa aktar u aktar il-każ matul is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza kumplessi fejn huwa possibbli li jkun hemm konfużjoni bejn l-atturi differenti, li jagħmel diffiċli wkoll it-twassil tal-għajnuna u l-aċċess għall-popolazzjonijiet.*

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Assistenza Finanzjarja msemmija fl-Artikoli 20 u l-Artikolu 21 (a) sa (f) tista' | 2. Assistenza Finanzjarja msemmija fl-Artikoli 20 u l-Artikolu 21 (a) sa (f) tista' tingħata lil pajjiżi li jaqgħu taħt il-Politika |

tingħata lil pajjiżi li jaqgħu taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat ***kif ukoll*** pajjiżi kandidati potenzjali li ma jipparteċipawx fil-Mekkaniżmu.

Ewropea tal-Viċinat, pajjiżi kandidati potenzjali li ma jipparteċipawx fil-Mekkaniżmu***, kif ukoll pajjiżi li qed jiżviluppaw l-anqas avvanzati, li jkunu każ b'każ u konformi mal-istrateġija ta' appoġġ għat-tnaqqis tar-riskji tad-diżastri fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw***[1].

***[1] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: L-istrateġija tal-UE ta' sostenn għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, 23.2.2009. COM(2009) 0084 finali.***

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deċiżjoni trid tagħti l-possibilità li tiffinanzja l-azzjonijiet ta' prevenzjoni u ta' preparazzjoni fil-pajjiżi l-anqas żviluppati, u f'każijiet partikolari, bħal f'Ħaiti, fil-pajjiżi li jgħaddu regolarment minn diżastri naturali.*

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili |
| **Referenzi** | (COM(2011)0934 – C7-0519/2011 – 2011/0461(COD)) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>19.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>19.1.2012 |
| **Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 14.6.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Michèle Striffler<br>25.1.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 27.3.2012 10.7.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 18.9.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Michael Cashman, Véronique De Keyser, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Maurice Ponga, Jean Roatta, Birgit Schnieber-Jastram, Alf Svensson, Keith Taylor, Eleni Theocharous, Patrice Tirolien, Ivo Vajgl, Anna Záborská |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Isabella Lövin |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | María Irigoyen Pérez, Helmut Scholz |

22.10.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili
(COM(2011)0934 – C7-0519/2011 – 2011/0461(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Oldřich Vlasák

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Din il-proposta għal deċiżjoni dwar il-**Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili** hi dokument ta' kwalità għolja li jikkunsidra r-rekwiżiti tal-prevenzjoni u r-reazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam. Ir-rapporteur jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tgħaqqad il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili mal-Istrument Finanzjarju f'dokument uniku, inkluża l-implimentazzjoni tiegħu, li tressaq bħala proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill. B'mod partikolari jilqa' għadd ta' bidliet proposti li jintroduċu regoli u proċeduri li jissemplifikaw l-attivazzjoni tal-Mekkaniżmu, biex b'hekk tissaħħaħ l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tar-reazzjoni tal-UE għad-diżastri.

Mill-pożizzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali l-emendi primarjament jiffukaw fuq il-bżonn ta' involviment aktar mill-qrib tar-reġjuni, il-bliet u l-komunitajiet lokali minħabba li dawn l-awtoritajiet indipendenti għandhom rwol ewlieni kemm fil-prevenzjoni tal-emerġenzi kif ukoll fir-reazzjoni għall-emerġenzi u ma jistgħux jiġu injorati. Għal darb'oħra jissemma li l-prinċipju bażiku tal-protezzzjoni ċivili għandu jkun li jindirizza l-problemi fl-aktar livell baxx possibbli. Il-bżonnijiet tar-reġjuni tal-fruntiera huma enfasizzati wkoll, fejn b'mod partikolari fil-fażi ta' reazzjoni hemm potenzjal kbir għall-implimentazzjoni ta' reazzjoni konġunta msaħħa għall-emerġenzi li tippermetti koordinazzjoni bejn ir-reġjuni transkonfinali. Għal raġunijiet simili l-opinjoni tal-Kumitat REGI tinkludi wkoll referenzi għal sitwazzjoni speċifika ta' reġjuni ultraperifiċi, baċir tal-baħar, gżira, reġjuni muntanjużi, lokazzjonijiet iżolati jew inaċċessibbli. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni fil-fruntieri esterni tal-UE u r-reġjuni ultraperiferiċi, minħabba ż-żieda fir-riskju tad-diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem u l-fatt li hemmhekk l-intervent ikun aktar diffiċli milli f'reġjuni oħrajn, filwaqt li spiss tkun meħtieġa l-assistenza ta' pajjiżi terzi.

Hemm bżonn li jiġi kkunsidrat ukoll il-bżonn li tkun ipprovduta assistenza rapida u flessibbli

f'każ ta' diżastri li jmorru lil hinn mill-kapaċità ta' reazzjoni tal-Istat Membru affettwat jew tal-awtoritajiet amministrattivi reġjonali jew lokali tiegħu. Għaldaqstant, b'referenza għall-fondi tal-UE, qed isir appell ukoll għal rabta aktar effikaċi tal-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili u l-Fond ta' Solidarjetà, fejn attwalment qed jiġi innutat nuqqas ta' flessibilità fl-applikazzjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Minħabba ż-żieda sinifikanti fin-numri u s-severità ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem fl-aħħar snin u f'sitwazzjoni fejn diżastri fil-futur x'aktarx se jkunu aktar estremi u kumplessi b'konsegwenzi kbar u fuq żmien itwal, li jirriżultaw b'mod partikolari, minn tibdil fil-klima u interazzjoni potenzjali bejn bosta perikli naturali u teknoloġiċi, approċċ integrat għall-ġestjoni tad-diżastri kull ma jmur qed isir aktar importanti. L-Unjoni għandha tappoġġja, tikkoordina u tissupplimenta azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili bil-għan li jkun hemm titjib fl-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. | (1) Minħabba ż-żieda sinifikanti fin-numri u s-severità ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem fl-aħħar snin u f'sitwazzjoni fejn diżastri fil-futur x'aktarx se jkunu aktar estremi u kumplessi b'konsegwenzi kbar u fuq żmien itwal, li jirriżultaw b'mod partikolari, minn tibdil fil-klima u interazzjoni potenzjali bejn bosta perikli naturali u teknoloġiċi, approċċ integrat għall-ġestjoni tad-diżastri kull ma jmur qed isir aktar importanti. L-Unjoni għandha tappoġġja, tikkoordina u tissupplimenta azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili bil-għan li jkun hemm titjib fl-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. ***Jista' jkun meħtieġ approċċ integrat għal kull baċir tal-baħar.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-protezzjoni li għandha tiġi assigurata taħt il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni għandha primarjament tkopri persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull diżastru naturali u kkawżat mill-bniedem, inklużi atti ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġis tal-baħar u emerġenzi akuti tas-saħħa, li jseħħu fi ħdan jew barra l-Unjoni. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili u kwalunkwe għajnuna oħra f'emerġenza tista' tkun meħtieġa f'dawn id-diżastri kollha biex tikkomplementa l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-pajjiż affettwat. | Il-protezzjoni li għandha tiġi assigurata taħt il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni għandha primarjament tkopri persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull diżastru naturali u kkawżat mill-bniedem, inklużi atti ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġis tal-baħar u emerġenzi akuti tas-saħħa, li jseħħu fi ħdan jew barra l-Unjoni. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili u kwalunkwe għajnuna oħra f'emerġenza tista' tkun meħtieġa f'dawn id-diżastri kollha biex tikkomplementa l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-pajjiż affettwat ***u tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tiegħu,inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali, li huma l-aktar qrib biex jindirizzaw il-problemi.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili jikkostitwixxi espressjoni viżibbli ta' solidarjetà Ewropea billi jiżgura kontribuzzjoni prattika u f'waqtha għall-prevenzjoni u għat-tħejjija għal diżastri u r-reazzjoni għal diżastri ewlenin u l-imminenza tagħhom. Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-Istati Membri fit-trattati bilaterali jew multilaterali, li jirreferu għall-materji koperti b'din id-Deċiżjoni, u lanqas ir-responsabbiltà tal-Istati Membri biex | (4) Il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili jikkostitwixxi espressjoni viżibbli ta' solidarjetà Ewropea billi jiżgura kontribuzzjoni prattika u f'waqtha għall-prevenzjoni ***konsistenti*** u għat-tħejjija għal diżastri u r-reazzjoni għal diżastri ewlenin u l-imminenza tagħhom. Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-Istati Membri fit-trattati bilaterali jew multilaterali, li jirreferu għall-materji koperti b'din id-Deċiżjoni, u lanqas ir-responsabbiltà tal-Istati Membri biex |

| | |
|---|---|
| jipproteġu persuni, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom. | jipproteġu persuni, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom. |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali ta' politika għal azzjonijiet tal-Unjoni rigward il-prevenzjoni tar-riskju tad-diżastri mmirati għall-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni u reżiljenza kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom u bit-trawwim ta' kultura ta' prevenzjoni. Pjanijiet għall-ġestjoni tar-riskju huma essenzjali biex jiżguraw approċċ integrat għal ġestjoni ta' diżastri, bir-rabta bejn azzjonijiet ta' prevenzjoni tar-riskju, ta' tħejjija u ta' reazzjoni. Għaldaqstant, il-Mekkaniżmu ***għandu*** jinkludi qafas ġenerali għall-komunikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom. | (6) Il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali ta' politika għal azzjonijiet tal-Unjoni rigward il-prevenzjoni tar-riskju tad-diżastri mmirati għall-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni u reżiljenza kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom u bit-trawwim ta' kultura ta' prevenzjoni. Pjanijiet għall-ġestjoni tar-riskju huma essenzjali biex jiżguraw approċċ integrat għal ġestjoni ta' diżastri, bir-rabta bejn azzjonijiet ta' prevenzjoni tar-riskju, ta' tħejjija u ta' reazzjoni. Għaldaqstant, il-Mekkaniżmu jinkludi qafas ġenerali għall-komunikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom. ***Il-Mekkaniżmu għandu jiżviluppa linji gwida sabiex tinkiseb il-koerenza u l-komparabilità tal-pjanijiet differenti ta' ġestjoni tar-riskju tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Billi tagħti kontribut għal żvilupp ulterjuri ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija, l-Unjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ ta' reazzjoni għad-diżastri u jwissu liċ-ċittadini tal-UE. Dawn is-sistemi għandhom iqisu u jibnu fuq is-sorsi u s-sistemi eżistenti u futuri tal-informazzjoni. | (9) Billi tagħti kontribut għal żvilupp ulterjuri ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija, l-Unjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ ta' reazzjoni għad-diżastri u jwissu liċ-ċittadini tal-UE. Dawn is-sistemi għandhom iqisu u jibnu fuq is-sorsi u s-sistemi eżistenti u futuri tal-informazzjoni. ***jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***aktar mill-qrib bejn id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili u s-servizzi nazzjonali tal-protezzjoni ċivili.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali ta' politika mmirat biex kontinwament itejjeb il-livell ta' tħejjija tas-sistemi ta' protezzjoni ċivili, il-persunal u ċ-ċittadini fi ħdan l-Unjoni. Dan jinkludi programmi u netwerk ta' taħriġ, *fuq livell* tal-Unjoni ***u*** tal-Istat Membru, rigward il-prevenzjoni tad-diżastri, it-tħejjija, u r-reazzjoni kif mitlub fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2008 fuq arranġamenti Ewropej ta' taħriġ għall-ġestjoni tad-diżastri. | (10) Il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali ta' politika mmirat biex kontinwament itejjeb il-livell ta' tħejjija tas-sistemi ta' protezzjoni ċivili, il-persunal u ċ-ċittadini fi ħdan l-Unjoni. Dan jinkludi programmi u netwerk ta' taħriġ, *fil-livell* tal-Unjoni ***iżda primarjament fil-livell*** tal-Istat Membru, rigward il-prevenzjoni tad-diżastri ***lokali***, it-tħejjija, u r-reazzjoni kif mitlub fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2008 fuq arranġamenti Ewropej ta' taħriġ għall-ġestjoni tad-diżastri. |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Miżuri oħra ta' tħejjija jinkludu l-ġbir u t-tqegħid flimkien tat-tagħrif li jkollu x'jaqsam mar-riżorsi mediċi meħtieġa u l-istimulu tal-użu ta' teknoloġiji ġodda. Skont ***l-Artikolu 346*** tat-Trattat, l-ebda Stat Membru m'hu obbligat jagħti tagħrif li l-iżvelar tiegħu jkun jikkunsidrah li jmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu. | Miżuri oħra ta' tħejjija jinkludu l-ġbir u t-tqegħid flimkien tat-tagħrif li jkollu x'jaqsam mar-riżorsi mediċi meħtieġa u l-istimulu tal-użu ta' teknoloġiji ġodda. Skont ***l-Artikolu 346 (1)(a)*** tat-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***, l-ebda Stat Membru m'hu obbligat jagħti tagħrif li l-iżvelar tiegħu jkun jikkunsidrah li jmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu. |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-iżvilupp ta' moduli addizzjonali tal-għajnuna tal-protezzjoni ċivili, li jkunu magħmulin mir-riżorsi ta' Stat Membru wieħed jew aktar, li jimmiraw li jkunu kompletament interoperabbli, huwa segwit fuq livell tal-Unjoni sabiex jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' reazzjoni rapida tal-protezzjoni ċivili. Il-moduli għandhom ikunu organizzati fil-livell tal-Istati Membri u soġġetti għad-direzzjoni u l-kmand tagħhom. | L-iżvilupp ta' moduli addizzjonali tal-għajnuna tal-protezzjoni ċivili, li jkunu magħmulin mir-riżorsi ta' Stat Membru wieħed jew aktar, li jimmiraw li jkunu kompletament interoperabbli, huwa segwit fuq livell tal-Unjoni sabiex jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' reazzjoni rapida tal-protezzjoni ċivili. Il-moduli għandhom ikunu organizzati fil-livell tal-Istati Membri u soġġetti għad-direzzjoni u l-kmand tagħhom. ***Għandha tingħata attenzjoni speċjali f'dan ir-rigward lill-kapaċitajiet ta' protezzjoni ċivili fiż-żoni konfini tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-iżvilupp ta' moduli addizzjonali tal-għajnuna tal-protezzjoni ċivili, li jkunu magħmulin mir-riżorsi ta' Stat Membru wieħed jew aktar, li jimmiraw li jkunu kompletament interoperabbli, huwa segwit fuq livell tal-Unjoni sabiex jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' reazzjoni rapida tal-protezzjoni ċivili. Il-moduli għandhom ikunu organizzati fil-livell tal-Istati Membri u soġġetti għad-direzzjoni u l-kmand tagħhom. | (12) L-iżvilupp ta' moduli addizzjonali tal-għajnuna tal-protezzjoni ċivili ***fuq bażi volontarja***, li jkunu magħmulin mir-riżorsi ta' Stat Membru wieħed jew aktar, li jimmiraw li jkunu kompletament interoperabbli, huwa segwit fuq livell tal-Unjoni sabiex jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' reazzjoni rapida tal-protezzjoni ċivili. Il-moduli għandhom ikunu organizzati fil-livell tal-Istati Membri u soġġetti għad-direzzjoni u l-kmand tagħhom. |

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi, kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall-emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta' lezzjonijiet miksuba mill-interventi. | (13) Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi, kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall-emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta' lezzjonijiet miksuba mill-interventi ***billi tippromwovi eżempji ta' prattika tajba***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi, kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall-emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta' lezzjonijiet miksuba mill-interventi. | (13) Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi, kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall-emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, ***għall-istandardizzazzjoni tas-sistemi ta' twissija tal-Istati Membri*** u għall-qsim ta' lezzjonijiet miksuba mill- |

interventi.

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-Mekkaniżmu għandu jagħmel possibbli l-mobilizzazzjoni u l-faċilitazzjoni għall-koordinazzjoni ta' interventi ta' għajnuna. Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi, kapaċità Ewropea ta’ reazzjoni għall-emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta’ dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta’ lezzjonijiet miksuba mill-interventi. | (13) Il-Mekkaniżmu għandu jagħmel possibbli l-mobilizzazzjoni u l-faċilitazzjoni għall-koordinazzjoni ta' interventi ta' għajnuna. Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi ***koordinat ma’ strutturi nazzjonali, reġjonali u lokali eżistenti***, kapaċità Ewropea ta’ reazzjoni għall-emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta’ dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta’ lezzjonijiet miksuba mill-interventi. |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Sabiex ikun hemm titjib fl-ippjanar ta' operazzjoni għar-reazzjoni tad-diżastri u biex tiġi żgurata d-disponibilità ta' kapaċitajiet ewlenin, hemm bżonn li jiġu żviluppati xenarji ta' referenza għat-tipi ewlenin ta' diżastri, it-tfassil ta' kapaċitajiet ewlenin eżistenti disponibbli fl-Istati Membri, jiġu żviluppat pjanijiet ta' | (14) Sabiex ikun hemm titjib fl-ippjanar ta' operazzjoni għar-reazzjoni tad-diżastri u biex tiġi żgurata d-disponibilità ta' kapaċitajiet ewlenin, hemm bżonn li jiġu żviluppati xenarji ta' referenza għat-tipi ewlenin ta' diżastri, it-tfassil ta' kapaċitajiet ewlenin eżistenti disponibbli fl-Istati Membri, jiġu żviluppat pjanijiet ta' |

| | |
|---|---|
| kontinġenza għall-użu tal-kapaċitajiet u tiġi żviluppata l-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet impenjati minn qabel tal-Istati Membri. L-eżerċizzju ta' ppjanar ta' kontinġenza għandu jintuża wkoll biex jiddetermina jekk hemmx nuqqasijiet fil-kapaċitajiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi disponibbli fl-Istati Membri li jistgħu jimtlew b'kapaċitajiet li jridu jiġu żviluppati b'appoġġ tal-Unjoni, li jiġu kondiviżi madwar l-Unjoni. | kontinġenza għall-użu tal-kapaċitajiet u tiġi żviluppata l-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet impenjati minn qabel tal-Istati Membri. L-eżerċizzju ta' ppjanar ta' kontinġenza għandu jintuża wkoll biex jiddetermina jekk hemmx nuqqasijiet fil-kapaċitajiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi disponibbli fl-Istati Membri ***rigward il-koordinazzjoni bejn ir-reġjuni transkonfinali*** li jistgħu jimtlew b'kapaċitajiet li jridu jiġu żviluppati b'appoġġ tal-Unjoni, li jiġu kondiviżi madwar l-Unjoni. |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni fil-fruntieri esterni tal-UE u r-reġjuni ultraperiferiċi, minħabba ż-żieda fir-riskju ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem u l-fatt li hemmhekk l-intervent ikun aktar diffiċli milli f'reġjuni oħrajn, filwaqt li spiss tkun meħtieġa l-assistenza ta' pajjiżi terzi.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Id-disponibilità ta' mezzi adegwati ta' *ħtiġijiet għat-trasport* ***teħtieġ titjieb biex tappoġġja*** l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tappoġġja u tissuplimenta l-isforzi tal-Istati Membri billi tiffaċilita konsorzjonament tar-riżorsi tat-trasport tal-Istati Membri u tikkontribwixxi, fejn | (16) Id-disponibilità ***u l-veloċità*** ta' mezzi adegwati ta' *trasport* ***jeħtieġ li jitjiebu biex jappoġġaw*** l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tappoġġja u tissuplimenta l-isforzi tal-Istati Membri billi tiffaċilita konsorzjonament tar-riżorsi tat-trasport tal-Istati Membri u tikkontribwixxi, fejn |

| | |
|---|---|
| neċessarju, għall-iffinanzjar ta' mezzi addizzjonali ta' trasport suġġetti għal ċerti kriterji. | neċessarju, għall-iffinanzjar ta' mezzi addizzjonali ta' trasport suġġetti għal ċerti kriterji. |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) ***Id-disponibilità*** ta' mezzi adegwati *ta' ħtiġijiet għat-trasport* ***teħtieġ titjieb*** *biex* **tappoġġja** l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tappoġġja u tissuplimenta l-isforzi tal-Istati Membri billi tiffaċilita konsorzjonament tar-riżorsi tat-trasport tal-Istati Membri u tikkontribwixxi, fejn neċessarju, għall-iffinanzjar ta' mezzi addizzjonali ta' trasport suġġetti għal ċerti kriterji. | (16) ***L-aċċessibilità tat-trasport fir-reġjuni kollha tal-UE u d-disponibilità*** ta' mezzi adegwati ta' *trasport* ***jeħtieġ li jitjiebu*** biex ***jappoġġaw*** l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tappoġġja u tissuplimenta l-isforzi tal-Istati Membri billi tiffaċilita konsorzjonament tar-riżorsi tat-trasport tal-Istati Membri u tikkontribwixxi, fejn neċessarju, għall-iffinanzjar ta' mezzi addizzjonali ta' trasport suġġetti għal ċerti kriterji. |

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Interventi ta' għajnuna għandhom ikunu suġġetti għal koordinazzjoni sħiħa in situ sabiex jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-effikaċja u jiżguraw l-aċċess għal popolazzjonijiet li qed isofru. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ loġistiku xieraq għat-timijiet ta' esperti mibgħuta. | (17) Interventi ta' għajnuna għandhom ikunu suġġetti għal koordinazzjoni sħiħa in situ sabiex jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-effikaċja u jiżguraw l-aċċess għal popolazzjonijiet li qed isofru. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ loġistiku xieraq għat-timijiet ta' esperti mibgħuta ***u għall-istazzjonar loġistiku ta' timijiet ta' voluntiera b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza f'postijiet iżolati jew inaċċessibbli***. |

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) L-assistenza u l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-prevenzjoni, ir-riabilitazzjoni u r-reazzjoni fir-rigward tad-diżastri huma ta' importanza partikolari f'reġjuni iżolati jew ultraperiferiċi, li jaffaċċjaw diffikultajiet permanenti fir-rigward tal-aċċessibilità u tar-riżorsi umani u materjali disponibbli, u li huma aktar esposti għar-riskju ta' diżastri naturali u fejn l-effetti ta' tali diżastri jkollhom impatt akbar, bħal fil-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) B' riżultat tas-sitwazzjonijiet ġeostrateġiċi tagħhom, kif stipulat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2004 intitolata 'Stronger Partnership for the ORs' (Sħubija Msaħħa għar-Reġjuni l-Aktar Periferiċi) u r-rapport ta' Jannar 2006 ta' Michel Barnier intitolat 'EuropeAid', ir-reġjuni l-aktar periferiċi għandhom jidhru b'mod ċar fil-pjanijiet tal-ġestjoni tar-riskju tal-Istati Membri u għandhom jibbenefikaw mill-implimentazzjoni prijoritarja tal-moduli bil-għan tat-tħejjija u l-koordinazzjoni tal-intervenzjonijiet fl-ambjent ġeografiku tagħhom.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Hemm bżonn li jiġi kkunsidrat ukoll il-bżonn li tkun ipprovduta assistenza rapida u flessibbli f'każ ta' diżastri li jmorru lil hinn mill-kapaċità ta' reazzjoni tal-Istat Membru affettwat jew tal-awtoritajiet amministrattivi reġjonali jew lokali tiegħu. F'dan ir-rigward, għandu jkun hemm enfasi fuq il-possibilità tal-ġbir ta' riżorsi finanzjarji mill-Fond ta' Solidarjetà, li l-assistenza tiegħu hi maħsuba għall-Istati Membri u l-pajjiżi aderenti li jkunu affettwati minn diżastri naturali kbar u li l-implimentazzjoni tiegħu għandha tkun marbuta b'mod aktar effikaċi mal-operazzjoni tal-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-objettiv ta' din id-Deċiżjoni ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u b'hekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, b'kunsiderazzjoni tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-operazzjoni tal-Mekkaniżmu f'termini ta' tnaqqis f'telf ta' ħajja umana u danni, jista' jinkiseb aħjar f'livell tal-Unjoni. Jekk il-kapaċitajiet ta' reazzjoni ta' Stat Membru affettwat ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' emerġenza ewlenija, dan l-Istat għandu jkun jista' jagħmel appell għall-Mekkaniżmu biex jissupplimenta r-riżorsi tiegħu tal-protezzjoni ċivili u ta' riżorsi oħra ta' reazzjoni għall-emerġenzi. B'hekk l-Unjoni | ***Il-prinċipju bażiku tal-protezzjoni ċivili għandu jkun li jindirizza l-problemi fl-aktar livell baxx possibbli. Fil-każ ta' operazzjonijiet fuq skala ikbar,*** l-objettiv ta' din id-Deċiżjoni ma jistax, ***madankollu,*** jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u b'hekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, b'kunsiderazzjoni tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-operazzjoni tal-Mekkaniżmu f'termini ta' tnaqqis f'telf ta' ħajja umana u danni, jista' jinkiseb aħjar f'livell tal-Unjoni. Jekk il-kapaċitajiet ta' reazzjoni ta' Stat Membru affettwat ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' emerġenza ewlenija, dan l-Istat għandu jkun jista' |

| | |
|---|---|
| tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan. | jagħmel appell għall-Mekkaniżmu biex jissupplimenta r-riżorsi tiegħu tal-protezzjoni ċivili u ta' riżorsi oħra ta' reazzjoni għall-emerġenzi. B'hekk l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan. |

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili (minn issa 'l quddiem 'il-Mekkaniżmu') għandu jappoġġja, jikkoordina u jissupplimenta azzjonijiet ***ta' Stati*** Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili bil-għan li jkun hemm titjib fl-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u dawk kkawżati mill-bniedem. | 1. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili (minn issa 'l quddiem 'il-Mekkaniżmu') għandu jappoġġja, jikkoordina u jissupplimenta azzjonijiet ***fl-Istati*** Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili bil-għan li jkun hemm titjib fl-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u dawk kkawżati mill-bniedem. |

**Emenda 23**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-protezzjoni li għandha tiġi assigurata taħt il-Mekkaniżmu għandha primarjament tkopri l-persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull diżastru naturali u kkawżat mill-bniedem, inklużi ***atti*** ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġis tal-baħar u emerġenzi akuti tas-saħħa, li jseħħu fi ħdan jew barra | 2. Il-protezzjoni li għandha tiġi żgurata mill-Mekkaniżmu għandha primarjament tkopri l-persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull diżastru naturali u kkawżat mill-bniedem, inklużi ***l-konsegwenzi ta' atti*** ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġis tal-baħar u emerġenzi akuti tas-saħħa, li jseħħu fi ħdan |

| | |
|---|---|
| l-Unjoni. | jew barra l-Unjoni. |

**Emenda 24**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Mekkaniżmu mhux se jaffettwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri biex iħarsu l-persuni, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom kontra diżastri u l-addottar tas-sistemi tagħhom ta' ġestjoni għall-emerġenzi b'kapaċitajiet suffiċjenti biex jippermettuhom ilaħħqu b'mod adegwat ma' diżastri ta' skala u natura li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija u mħejjija għalihom. | 5. Il-Mekkaniżmu mhux se jaffettwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri biex iħarsu l-persuni, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom kontra diżastri u l-addottar tas-sistemi tagħhom ta' ġestjoni għall-emerġenzi b'kapaċitajiet ***u riżorsi*** suffiċjenti biex jippermettuhom ilaħħqu b'mod adegwat ***u konsistenti*** ma' diżastri ta' skala u natura li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija u mħejjija għalihom. |

**Emenda 25**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Mekkaniżmu mhux se jaffettwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri biex iħarsu l-persuni, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom kontra diżastri u l-addottar tas-sistemi tagħhom ta' ġestjoni għall-emerġenzi b'kapaċitajiet suffiċjenti biex jippermettuhom ilaħħqu b'mod adegwat ma' diżastri ta' skala u natura li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija u mħejjija għalihom. | 5. Il-Mekkaniżmu mhux se jaffettwa r-responsabbiltà ***primarja*** tal-Istati Membri biex iħarsu l-persuni, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom kontra diżastri u l-addottar tas-sistemi tagħhom ta' ġestjoni għall-emerġenzi b'kapaċitajiet suffiċjenti biex jippermettuhom ilaħħqu b'mod adegwat ma' diżastri ta' skala u natura li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija u mħejjija għalihom. |

**Emenda 26**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Din id-Deċiżjoni mhux se tapplika għall-azzjonijiet imwettqa skont ir-[Regolament (KE) Nru 1717/2006; ir-Regolament (KE) Nru 1257/96; Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 [u leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tikkonċerna programmi ta' azzjoni fl-oqsma tas-saħħa, tal-affarijiet interni u tal-ġustizzja]. | 7. Din id-Deċiżjoni mhux se tapplika għall-azzjonijiet imwettqa skont ir-[Regolament (KE) Nru 1717/2006; ir-Regolament (KE) Nru 1257/96; Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 [u leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tikkonċerna programmi ta' azzjoni fl-oqsma tas-saħħa, tal-affarijiet interni u tal-ġustizzja] ***u leġiżlazzjoni oħra mhux relatata tal-Unjoni***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Din id-Deċiżjoni tikkunsidra l-ħtiġijiet speċjali tar-reġjuni jew gżejjer iżolati, *l-aktar periferiċi* u oħrajn tal-Unjoni fil-każ ta' diżastru. | 3. Din id-Deċiżjoni tikkunsidra l-ħtiġijiet speċjali tar-reġjuni jew gżejjer iżolati, *ultraperiferiċi**, transkonfinali*** u oħrajn tal-Unjoni fil-każ ta' diżastru. ***Jista' jkun meħtieġ approċċ integrat għal kull baċir tal-baħar f'dawn ir-reġjuni sabiex jiġu żgurati l-aħjar sinerġiji possibbli.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom ***u*** billi titħaddan kultura ta' prevenzjoni; | (a) li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom, billi titħaddan kultura ta' prevenzjoni ***u billi titjieb il-kooperazzjoni bejn il-protezzjoni ċivili u s-servizzi kompetenti l-oħrajn***; |

**Emenda 29**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-progress fit-titjib tar-reazzjoni għal diżastri mkejjla bil-ħeffa u l-iskala ta' koordinazzjoni ta' interventi skont il-Mekkaniżmu u l-adegwatezza tal-għajnuna pprovduta għall-ħtiġijiet fuq l-art. | (c) il-progress fit-titjib tar-reazzjoni għal diżastri mkejjla bil-ħeffa u l-iskala ta' koordinazzjoni ta' interventi ***u servizzi*** skont il-Mekkaniżmu u l-adegwatezza tal-għajnuna pprovduta għall-ħtiġijiet fuq l-art. |

**Emenda 30**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. "diżastru ewlieni" tfisser ***kwalunkwe sitwazzjoni li għandha jew jista' jkollha impatt avvers fuq il-persuni, l-ambjent jew il-proprjetà u li tista' tirriżulta*** f'sejħa għall-għajnuna taħt dan il-Mekkaniżmu; | 2. 'diżastru ewlieni' tfisser ***avveniment elementari li, minħabba d-daqs mhux tas-soltu tiegħu, ikun diġà pperikola l-ħajja u l-proprjetà jew ikun se jagħmel dan fil-futur immedjat, fejn ir-riżorsi tal-Istat Membru affettwat mhumiex biżżejjed biex jindirizzawh u li jista' jirriżulta*** f'sejħa għall-għajnuna taħt dan il-Mekkaniżmu; |

**Emenda 31**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. "pjan ta' ġestjoni f'każ ta' riskju" tfisser strument ta' ippjanar imħejji minn Stat Membru biex jipprevedi r-riskji, jistma l-impatti tagħhom, u għall-iżvilupp, l-għażla u l-implimentazzjoni ta' mizuri li ***jnaqqsu***, jadattaw u jnaqqsu r-riskji u l-impatti tagħhom b'mod kosteffettiv, kif ukoll għat-twaqqif tal-qafas għall-integrazzjoni ta' setturi differenti jew strumenti ta' ġestjoni għal riskji speċifiċi ta' periklu f'pjan | 9. "pjan ta' ġestjoni f'każ ta' riskju" tfisser strument ta' ippjanar imħejji minn Stat Membru biex jipprevedi r-riskji, jistma l-impatti tagħhom, u għall-iżvilupp, l-għażla u l-implimentazzjoni ta' mizuri ***sostenibbli***, li jadattaw u jnaqqsu r-riskji u l-impatti tagħhom b'mod kosteffettiv, kif ukoll għat-twaqqif tal-qafas għall-integrazzjoni ta' setturi differenti jew strumenti ta' ġestjoni għal riskji speċifiċi ta' periklu f'pjan |

| | |
|---|---|
| ġenerali komuni; | ġenerali komuni; |

**Emenda 32**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tieħu azzjoni għat-titjib tal-bażi ta' għarfien fuq riskji ta' diżastru u tiffaċilita l-qsim ta' għarfien, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni; | (a) tieħu azzjoni għat-titjib tal-bażi ta' għarfien fuq riskji ta' diżastru u tiffaċilita ***l-kooperazzjoni u*** l-qsim ta' għarfien, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni; |

**Emenda 33**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tieħu azzjoni għat-titjib tal-bażi ta' għarfien fuq riskji ta' diżastru u tiffaċilita l-qsim ta' għarfien, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni; | (a) tieħu azzjoni għat-titjib tal-bażi ta' għarfien fuq riskji ta' diżastru u tiffaċilita l-qsim ta' għarfien, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni***, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fost l-Istati Membri fil-livell makroreġjonali jew subreġjonali, fejn it-territorji jaffaċċjaw riskji ta' diżastru simili***; |

**Emenda 34**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tippromwovi u tappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju tal-Istati Membri inklużi linji gwida dwar il-kontenut tagħhom u tipprovdi, fejn meħtieġ, inċentivi adegwati; | (d) tippromwovi u tappoġġja l-iżvilupp, ***il-koordinazzjoni bejn l-istati Membri*** u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju tal-Istati Membri inklużi linji gwida dwar il-kontenut tagħhom u tipprovdi, fejn meħtieġ, inċentivi adegwati; |

**Emenda 35**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tippromwovi u tappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju tal-Istati Membri inklużi linji gwida dwar il-kontenut tagħhom u tipprovdi, fejn meħtieġ, inċentivi adegwati; | (d) tippromwovi u tappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju tal-Istati Membri inklużi linji gwida dwar il-kontenut tagħhom ***biex tiffaċilita l-koerenza u l-komparabilità tagħhom*** u tipprovdi, fejn meħtieġ, inċentivi adegwati; |

**Emenda 36**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-prevenzjoni ta' riskji u tappoġġja l-Istati Membri fit-tqajjim ta' informazzjoni pubblika, edukazzjoni u *għarfien*; | (e) tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-prevenzjoni ta' riskji u tappoġġja l-Istati Membri ***u l-awtoritajiet reġjonali u lokali*** fit-tqajjim ta' informazzjoni pubblika, edukazzjoni u *sensibilizzazzjoni*; |

**Emenda 37**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-prevenzjoni ta' riskji u tappoġġja l-Istati Membri fit-tqajjim ta' informazzjoni pubblika, edukazzjoni u *għarfien*; | (e) tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-prevenzjoni ta' riskji u tappoġġja l-Istati Membri fit-tqajjim ta' informazzjoni pubblika, edukazzjoni u ***sensittività u*** *sensibilizzazzjoni*; |

**Emenda 38**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(f a) tippromwovi l-użu tal-fondi tal-Unjoni għall-prevenzjoni sostenibbli ta' diżastri u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri u r-reġjuni jisfruttaw dawn l-opportunitajiet ta' ffinanzjar;*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ga) tieħu nota tal-vulnerabilità partikolari tar-reġjuni abbażi tal-Artikolu 349 tat-Trattat.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva fi ħdan il-Mekkaniżmu, l-Istati Membri se jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet tagħhom tal-ġesjtoni f'każ ta' riskju. | 1. Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva fi ħdan il-Mekkaniżmu, l-Istati Membri***, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tagħhom, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali,*** se jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju. ***Għandu tiġi enfasizzata wkoll l-assistenza li għandha tingħata lil reġjuni ultraperifiċi, gżejjer, reġjuni transkonfinali u muntanjużi, li spiss huma nieqsa mir-riżorsi adegwati li permezz tagħhom jirreaġixxu malajr għad-diżastri.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju se jikkunsidraw ***il-valutazzjonijiet*** nazzjonali ***ta' riskju*** u ***valutazzjoni oħra*** rilevanti ***ta' riskju*** u *se jkunu* koerenti ma' pjanijiet rilevanti oħrajn ***fis-seħħ f'dak l-Istat*** Membru. | 2. Il-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju se jikkunsidraw ***ir-riskji ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem li ġew analizzati fil-valutazzjonijiet*** nazzjonali ***tar-riskju*** u ***riskju*** rilevanti ***ieħor fil-livell nazzjonali jew subnazzjonali adegwat*** u *għandhom ikunu* koerenti ma' pjanijiet rilevanti oħrajn ***fl-Istat*** Membru. |

**Emenda 42**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju se jikkunsidraw il-valutazzjonijiet nazzjonali ta' riskju u valutazzjoni oħra rilevanti ta' riskju u se jkunu koerenti ma' pjanijiet rilevanti oħrajn fis-seħħ f'dak l-Istat Membru. | 2. Il-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju se jikkunsidraw il-valutazzjonijiet nazzjonali ta' riskju u valutazzjoni oħra rilevanti ta' riskju u se jkunu koerenti ma' pjanijiet rilevanti oħrajn fis-seħħ f'dak l-Istat Membru. ***L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw strateġija għall-koordinazzjoni tal-ippjanar ta' ġestjoni tar-riskju fir-reġjuni transkonfinali.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-Istati Membri se jassiguraw li sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-2016 li l-pjanijiet tagħhom tal-ġestjoni f'każ ta' riskju jkunu lesti u kkomunikati lill-Kummissjoni fil-forma l-aktar aġġornata.*** | ***Imħassar*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) twaqqaf u timmaniġġa ċ-Ċentru Ewropew *ta'* Rispons *għall-Emerġenza* (ERC), li jiżgura kapaċità operattiva 24/7, u jservi lill-Istati Membri u l-Kummissjoni għar-raġunijiet tal-Mekkaniżmu; | a) twaqqaf u timmaniġġa ċ-Ċentru Ewropew *għal* Rispons *ta' Emerġenza* (ERC)***, b'koordinazzjoni mal-korpi nazzjonali u reġjonali eżistenti***, li jiżgura kapaċità operattiva 24/7, u jservi lill-Istati Membri u l-Kummissjoni għar-raġunijiet tal-Mekkaniżmu; |

**Emenda 45**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistemi ta' individwazzjoni, ta' avviż minn qabel u ta' allert għad-diżastri sabiex ikun hemm reazzjoni rapida, u għall-promozzjoni tal-interkonnessjoni u l-konnessjoni tagħhom mal-ERC u mas-CECIS. Dawk is-sistemi jikkunsidraw u jibnu fuq informazzjoni, sorsi ta' monitoraġġ u individwazzjoni eżistenti u tal-futur; | (c) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistemi ta' individwazzjoni, ta' avviż minn qabel u ta' allert għad-diżastri ***u standardizzazzjoni ta' kodiċi ta' allert*** sabiex ikun hemm reazzjoni rapida, u għall-promozzjoni tal-interkonnessjoni u l-konnessjoni tagħhom mal-ERC u mas-CECIS. Dawk is-sistemi jikkunsidraw u jibnu fuq informazzjoni, sorsi ta' monitoraġġ u individwazzjoni eżistenti u tal-futur; |

**Emenda 46**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| jivvalutaw il-ħtiġijiet fi stat li qed jitlob għall-għajnuna, | jivvalutaw il-ħtiġijiet fi stat ***jew reġjun*** li qed jitlob għall-għajnuna, |

**Emenda 47**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| jiffaċilitaw, meta jkun meħtieġ, il-koordinament tal-operazzjonijiet tal-għajnuna għall-emerġenzi fuq il-post u jikkoordinaw, meta jkun meħtieġ u xieraq, mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat li qed jitlob l-għajnuna, | jiffaċilitaw, meta jkun meħtieġ, il-koordinament tal-operazzjonijiet tal-għajnuna għall-emerġenzi fuq il-post u jikkoordinaw, meta jkun meħtieġ u xieraq, mal-awtoritajiet ***nazzjonali jew reġjonali*** kompetenti tal-Istat li qed jitlob l-għajnuna, |

**Emenda 48**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) iwaqqfu u jżommu kapaċitià għall-provvediment ta' appoġġ loġistiku u għajnuna għal timijiet ta' esperti, moduli u kapaċitajiet oħrajn ta' reazzjoni użati taħt il-Mekkaniżmu, kif ukoll għal atturi oħrajn fil-post; | (e) iwaqqfu u jżommu kapaċità għall-provvediment ta' appoġġ loġistiku u għajnuna għal timijiet ta' esperti, moduli u kapaċitajiet oħrajn ta' reazzjoni użati taħt il-Mekkaniżmu, kif ukoll għal atturi oħrajn fil-post ***u gruppi ta' voluntieri f'żoni iżolati jew inaċċessibbli***; |

**Emenda 49**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-Istati Membri jidentifikaw u jelenkaw kapaċitajiet eżistenti ewlenin li jistgħu jkunu disponibbli għar-reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu għal dawn ix-xenarji u jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih; | (b) l-Istati Membri, ***b'kooperazzjoni mar-reġjuni tagħhom,*** *għandhom* jidentifikaw u jelenkaw kapaċitajiet eżistenti ewlenin li jistgħu jkunu disponibbli għar-reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu għal dawn ix-xenarji u jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih; |

**Emenda 50**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jidentifikaw u jiżguraw sinerġiji bejn iffinanzjar għal għajnuna materjali u għajnuna umanitarja pprovduti mill-Unjoni u l-Istati Membri fl-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni barra l-Unjoni. | 2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri *għandhom* jidentifikaw u jiżguraw sinerġiji bejn iffinanzjar għal għajnuna materjali u għajnuna umanitarja pprovduti mill-Unjoni u l-Istati Membri fl-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni barra l-Unjoni ***u għandhom jiżguraw l-integrazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi meta tali pjanijiet ikunu jinvolvu t-territorju tagħhom***. |

**Emenda 51**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Fil-każ ta' skjerament, il-kapaċitajiet jibqgħu taħt il-kmand u d-direzzjoni tal-Istati Membri. Il-koordinazzjoni fost il-kapaċitajiet differenti tkun żgurata mill-Kummissjoni permezz tal-ERC.*** Il-kapaċitajiet jibqgħu disponibbli għar-raġunijiet nazzjonali tal-Istati Membri ***meta ma jintużawx f'operazzjonijiet taħt il-Mekkaniżmu***. | 7. Il-kapaċitajiet ***ta' reazzjoni li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi għandhom*** jibqgħu disponibbli ***f'kull ħin*** għar-raġunijiet nazzjonali tal-Istati Membri. |

**Emenda 52**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) tagħti assistenza lill-Istati Membri għat-titjib tal-aċċessibilità fir-reġjuni bl-akbar riskju ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) *It-twaqqif* ta' programm tat-taħriġ u netwerk tat-taħriġ għall-protezzjoni ċivili u persunal ieħor ta' ġestjoni għall-emerġenza fuq prevenzjoni ta' diżastri, tħejjija u reazzjoni, bil-għan li titjieb il-koordinazzjoni, il-kompatibilità u l-komplementarjetà bejn il-moduli u l-kapaċitajiet oħrajn li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 8, 9 u 11, u bit-titjib tal-kompetenza tal-esperti li hemm referenza għalihom fil-punt (d) tal-Artikolu 7. Il-programm għandu jinkludi korsijiet, eżerċizzji u sistema ta' skambju ta' esperti, li biha individwi jistgħu jiġu ssekondati mat-timijiet fi Stati Membri oħra; | (a) *it-twaqqif* ta' programm tat-taħriġ u netwerk tat-taħriġ għall-protezzjoni ċivili ***lokali u reġjonali*** u persunal ieħor ta' ġestjoni għall-emerġenza fuq prevenzjoni ta' diżastri, tħejjija u reazzjoni, bil-għan li titjieb il-koordinazzjoni, il-kompatibilità u l-komplementarjetà bejn il-moduli u l-kapaċitajiet oħrajn li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 8, 9 u 11, u bit-titjib tal-kompetenza tal-esperti li hemm referenza għalihom fil-punt (d) tal-Artikolu 7. Il-programm għandu jinkludi korsijiet, eżerċizzji u sistema ta' skambju ta' esperti, li biha individwi jistgħu jiġu ssekondati mat-timijiet fi Stati Membri oħra; |

**Emenda 54**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) it-twaqqif ta' programm ta' tagħlimiet miksuba mill-interventi, l-eżerċizzji u t-taħriġ imwettqa fi ħdan il-qafas tal-mekkaniżmu, inklużi l-aspetti ta' prevenzjoni, tħejjija u reazzjoni, bit-tixrid u l-implimentazzjoni tagħhom kif xieraq; | (d) it-twaqqif ta' programm ta' tagħlimiet miksuba mill-interventi ***kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni,*** l-eżerċizzji u t-taħriġ imwettqa fi ħdan il-qafas tal-mekkaniżmu, inklużi l-aspetti ta' prevenzjoni, tħejjija u reazzjoni, bit-tixrid u l-implimentazzjoni tagħhom kif xieraq; |

**Emenda 55**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perijodu 2014 sa 2020 *huwa ta'* ***EUR 513 000 000*** fi prezzijiet attwali. | L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perijodu 2014 sa 2020 *għandu jkun* ***EUR 400 000 000*** fi prezzijiet attwali. |

**Emenda 56**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perijodu 2014 sa 2020 huwa ta' EUR 513 000 000 fi prezzijiet attwali. | L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perijodu 2014 sa 2020 huwa ta' EUR 513 000 000 fi prezzijiet attwali. ***Fi ħdan dan il-qafas, il-mezzi baġitarji għal operazzjonijiet kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE se jiġu determinati/stipulati skont il-ħtiġijiet li jirriżultaw.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***EUR 276 000 000*** fi prezzijiet attwali jittieħdu minn intestatura 3 "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju u ***EUR 237 000 000*** fi prezzijiet attwali mill-intestatura 4 "Ewropa Globali." | ***EUR 200 000 000*** fi prezzijiet attwali *għandhom* jittieħdu *mill-intestatura 3* "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju u ***EUR 200 000 000*** fi prezzijiet attwali mill-intestatura 4 "Ewropa Globali." |

**Emenda 58**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) informazzjoni pubblika, edukazzjoni u tqajjim tal-kuxjenza pubblika u azzjonijiet assoċjati ta' tixrid, sabiex jiġu minimizzati l-effetti ta' emerġenzi fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni u biex tingħata għajnuna liċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex jipproteġu lilhom infushom b'mod aktar effettiv; | (d) informazzjoni pubblika, edukazzjoni u tqajjim tal-kuxjenza pubblika u azzjonijiet assoċjati ta' tixrid, sabiex jiġu minimizzati l-effetti ta' emerġenzi fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni u biex tingħata għajnuna liċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex jipproteġu lilhom infushom b'mod aktar effettiv ***u sostenibbli***; |

**Emenda 59**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni ma jirċievux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. | L-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni ma jirċievux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, ***minbarra fil-każ ta' azzjonijiet ta' għajnuna f'każ ta' diżastru fir-reġjuni ultraperiferiċi u f'dawk b'limiti ġeografiċi jew demografiċi, bħalma huma l-gżejjer, u r-reġjuni muntanjużi jew li ma tantx huma popolati***. |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili |
| **Referenzi** | COM(2011)0934 – C7-0519/2011 – 2011/0461(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>19.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>19.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Oldřich Vlasák<br>26.1.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 10.10.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 34<br>–: 2 |

| | |
|---|---|
| | 0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Jean-Jacob Bicep, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Vladimír Maňka, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Ana Miranda, Jan Olbrycht, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Ewald Stadler, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Karin Kadenbach, Czesław Adam Siekierski, Giommaria Uggias |

22.11.2012

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili
(COM(2011)0934 – C7-0519/2011 – 2011/0461(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Ioan Mircea Paşcu

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament u lill-Kunsill proposta għal deċiżjoni fuq Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili li timmira lejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni Ewropea biex tipprevjeni d-diżastri u tirreaġixxi għalihom, kemm fit-territorju tal-UE kif ukoll barra minnu.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin isostni fil-wisa' l-approċċ ġenerali tal-proposta li jikkonsisti fit-trasformazzjoni tas-sistema ad hoc attwali f'ġestjoni ppjanata minn qabel tad-diżastri, filwaqt li tirrispetta r-rwol ta' tmexxija u r-responsabilità primarja tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili.

Barra minn hekk, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fl-attenzjoni fuq il-prevenzjoni u t-tħejjija u jenfasizza l-importanza tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-ippjanar ta' kontinġenza kondiviżi. Jisħaq fuq il-bżonn ta' garanzija ta' koerenza mal-implimentazzjoni imminenti tal-Klawsola ta' Solidarjetà.

Fl-aħħar, il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li jintlaħaq bilanċ adegwat bejn l-eżiġenza ta' reazzjoni rapida minn naħa, u l-koerenza mar-relazzjonijiet esterni tal-UE mill-oħra.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Il-Mekkaniżmu għandu jiżvolġi rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi jqiegħed għad-dispożizzjoni r-riżorsi u l-kapaċitajiet tiegħu kif ikun neċessarju.*** |

**Emenda 2**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Billi tagħti kontribut għal żvilupp ulterjuri ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija, l-Unjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ ta' reazzjoni għad-diżastri u jwissu liċ-ċittadini tal-UE. Dawn is-sistemi għandhom iqisu u jibnu fuq is-sorsi u s-sistemi eżistenti u futuri tal-informazzjoni. | (9) Billi tagħti kontribut għal żvilupp ulterjuri ***u ta' integrazzjoni aħjar*** ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija, l-Unjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ ta' reazzjoni għad-diżastri u jwissu liċ-ċittadini tal-UE. Dawn is-sistemi għandhom iqisu u jibnu fuq is-sorsi u s-sistemi eżistenti u futuri tal-informazzjoni. |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali ta' politika mmirat biex kontinwament itejjeb il-livell ta' tħejjija tas-sistemi ta' protezzjoni ċivili, ***il-persunal u ċ-ċittadini*** fi ħdan l-Unjoni. Dan jinkludi programmi u netwerk ta' taħriġ, fuq livell tal-Unjoni ***u*** tal-Istat Membru, rigward il-prevenzjoni tad-diżastri, it-tħejjija, u r-reazzjoni kif mitlub fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2008 fuq arranġamenti | (10) Il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali ta' politika mmirat biex kontinwament itejjeb il-livell ta' tħejjija tas-sistemi ta' protezzjoni ċivili, ***taċ-ċittadini*** fi ħdan l-Unjoni. Dan jinkludi programmi u netwerk ta' taħriġ, ***kemm*** fuq livell tal-Unjoni ***kif ukoll*** tal-Istat Membru, rigward il-prevenzjoni tad-diżastri, it-tħejjija, u r-reazzjoni kif mitlub fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2008 fuq arranġamenti |

| | |
|---|---|
| Ewropej ta' taħriġ għall-ġestjoni tad-diżastri. | Ewropej ta' taħriġ għall-ġestjoni tad-diżastri. |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Meta l-użu ta' kapaċitajiet militari jitqies xieraq għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili, il-kooperazzjoni mal-persunal militari għandha ssegwi l-modalitajiet, il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill jew mill-korpi kompetenti tiegħu biex l-assi u l-kapaċitajiet militari rilevanti għall-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili jkunu disponibbli għall-Mekkaniżmu. | (19) Meta l-użu ta' kapaċitajiet militari jitqies xieraq għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili, il-kooperazzjoni mal-persunal militari għandha ssegwi l-modalitajiet, il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill jew mill-korpi kompetenti tiegħu biex l-assi u l-kapaċitajiet militari rilevanti għall-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili jkunu disponibbli għall-Mekkaniżmu***, u partikolarment tkun konformi mal-Linji Gwida dwar l-użu tal-mezzi militari u tal-protezzjoni ċivili fl-ambitu ta' interventi internazzjonali f'każ ta' katastrofi (Linji Gwida ta' Oslo) u l-Linji Gwida dwar l-użu tal-mezzi militari u tal-protezzjoni ċivili bħala sostenn tal-attivitajiet umanitarji tan-Nazzjonijiet Uniti fl-emerġenzi kumplessi (Linji Gwida MCDA). Il-ktajjen ta' kmand ċivili u militari għandhom jinżammu separati.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Rigward id-diżastri kkawżati minn azzjoni terroristika, jew minn inċidenti nukleari jew radjoloġiċi, il-Mekkaniżmu għandu jkopri biss l-azzjonijiet ta' tħejjija u ta' reazzjoni fi ħdan il-mandat tal-protezzjoni ċivili. | (26) Rigward id-diżastri kkawżati minn azzjoni terroristika, jew minn inċidenti nukleari jew radjoloġiċi, il-Mekkaniżmu għandu jkopri biss l-azzjonijiet ta' tħejjija u ta' reazzjoni fi ħdan il-mandat tal-protezzjoni ċivili. ***L-inizjattivi f'dan ir-rigward huma kkoordinati mal-azzjonijiet,*** |

| | |
|---|---|
| | ***kif anki jikkomplementawhom, adottati għall-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari fl-Unjoni Ewropea - Pjan 2ta' Azzjoni CBRN tal-UE[1].*** |
| | ***[1] Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Novembru 2009, 15505/1/09 REV.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-intervent tal-Unjoni jsaħħaħ il-kapaċità għall-prevenzjoni, għat-tħejjija u għar-reazzjoni tal-Istati Membri biex jiffaċċjaw diżastri ewlenin u jnaqqas it-telf uman ***u*** materjali. L-għan ta' din id-Deċiżjoni ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti minn Stati Membri li joperaw waħedhom u jista' jinkiseb aħjar fuq livell tal-Unjoni fid-dawl tal-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta. | (3) L-intervent tal-Unjoni jsaħħaħ il-kapaċità għall-prevenzjoni, għat-tħejjija u għar-reazzjoni tal-Istati Membri biex jiffaċċjaw diżastri ewlenin u jnaqqas ***speċjalment*** it-telf uman ***kif anki dak*** materjali. L-għan ta' din id-Deċiżjoni ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti minn Stati Membri li joperaw waħedhom u jista' jinkiseb aħjar fuq livell tal-Unjoni fid-dawl tal-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta***, fir-rispett totali tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità***. |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Il-Mekkaniżmu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – test introduttiv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Progress lejn il-ksib tal-għanijiet speċifiċi kif imniżżla fil-paragrafu 1 se jkun ivvalutat permezz ta' indikaturi li jkopru fost oħrajn: | Progress lejn il-ksib tal-għanijiet speċifiċi kif imniżżla fil-paragrafu 1 se jkun ivvalutat permezz ta' indikaturi***, filwaqt*** li ***fejn neċessarju jiġi eżaminat jekk l-indikaturi humiex adatti sabiex jivvalutaw il-progress tal-kisba tal-objettivi rispettivi; l-indikaturi*** jkopru fost oħrajn: |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' prevenzjoni tad-diżastri li hu mkejjel bin-numru tal-Istati Membri li għandhom pjanijiet ta' ġestjoni ta' ***diżastri*** kif imniżżel fl-Artikolu 4; | (a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' prevenzjoni tad-diżastri li hu mkejjel bin-numru tal-Istati Membri li għandhom pjanijiet ta' ġestjoni ta' ***riskji*** kif imniżżel fl-Artikolu 4; |

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva fi ħdan il-Mekkaniżmu, l-Istati Membri se jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet tagħhom tal-ġesjtoni f'każ ta' riskju. | (1) Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva fi ħdan il-Mekkaniżmu, l-Istati Membri se jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet tagħhom tal-ġesjtoni f'każ ta' riskju. ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jaċċertaw ruħhom li l-informazzjoni u d-data klassifikati jkunu protetti kif xieraq.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) twaqqaf u timmaniġġa ċ-Ċentru Ewropew *ta' Rispons għall-Emerġenza* (ERC), li jiżgura kapaċità operattiva 24/7, u jservi lill-Istati Membri u l-Kummissjoni għar-raġunijiet tal-Mekkaniżmu; | (a) twaqqaf u timmaniġġa ċ-Ċentru Ewropew *għal Rispons ta' Emerġenza* (ERC), ***f'koordinament mal-istrutturi nazzjonali u reġjonali eżistenti,*** li jiżgura kapaċità operattiva 24/7, u jservi lill-Istati Membri u l-Kummissjoni għar-raġunijiet tal-Mekkaniżmu; |

**Emenda 12**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) timmaniġġa Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni dwar l-Emerġenzi (CECIS) biex tippermetti l-komunikazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni bejn l-ERC u l-punti ta' kuntatt operattivi tal-Istati Membri; | (b) timmaniġġa Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni dwar l-Emerġenzi (CECIS) biex tippermetti l-komunikazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni bejn l-ERC u l-punti ta' kuntatt operattivi tal-Istati Membri ***u tippromwovi l-konnessjoni tagħha mal-pjattaformi ta' koordinament ta' kriżijiet li jeżistu fil-Kummissjoni u l-Kunsill***; |

**Emenda 13**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistemi ta' individwazzjoni, ta' avviż minn qabel u ta' allert għad-diżastri sabiex ikun hemm reazzjoni rapida, u għall-promozzjoni ***tal-interkonnessjoni u l-konnessjoni*** tagħhom mal-ERC u mas-CECIS. Dawk is-sistemi jikkunsidraw u jibnu fuq informazzjoni, sorsi ta' monitoraġġ u individwazzjoni eżistenti u tal-futur; | (c) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ***u għall-integrazzjoni aħjar*** ta' sistemi ta' individwazzjoni, ta' avviż minn qabel u ta' allert għad-diżastri sabiex ikun hemm reazzjoni rapida, u għall-promozzjoni ***tal-konnessjoni*** tagħhom mal-ERC u mas-CECIS. Dawk is-sistemi jikkunsidraw u jibnu fuq informazzjoni, sorsi ta' monitoraġġ u individwazzjoni eżistenti u tal-futur; |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jiffaċilitaw, meta jkun meħtieġ, il-koordinament tal-operazzjonijiet tal-għajnuna għall-emerġenzi fuq il-post u jikkoordinaw***, meta jkun meħtieġ u xieraq,*** mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat li qed jitlob l-għajnuna, | – jiffaċilitaw, meta jkun meħtieġ, il-koordinament tal-operazzjonijiet tal-għajnuna għall-emerġenzi fuq il-post u jikkoordinaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat li qed jitlob l-għajnuna, |

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni tiddefinixxi ħtiġijiet ta' kwalità għall-kapaċitajiet li ***jkunu se*** jiġu impenjati lill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. L-Istati Membri jkunu responsabbli biex jiżguraw il-kwalità tagħhom. | 3. Il-Kummissjoni***, bi qbil mal-Istati Membri,*** tiddefinixxi ħtiġijiet ta' kwalità għall-kapaċitajiet li ***jistgħu*** jiġu impenjati lill-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. L-Istati Membri jkunu responsabbli biex jiżguraw il-kwalità tagħhom. |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni tistabilixxi u timmaniġġa proċess għaċ-ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' kapaċitajiet li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli għall-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. | 4. Il-Kummissjoni tistabilixxi u timmaniġġa proċess għaċ-ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' kapaċitajiet li l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħmlu disponibbli għall-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. |

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-kapaċitajiet reġistrati fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi jkunu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi taħt il-Mekkaniżmu fuq it-talba tal-Kummissjoni permezz tal-ERC. L-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr dwar raġunijiet serji li jistgħu jwaqqfuhom milli dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli f'emerġenza speċifika. | 6. Il-kapaċitajiet reġistrati fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi jkunu***, fil-prinċipju,*** disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi taħt il-Mekkaniżmu fuq it-talba tal-Kummissjoni permezz tal-ERC. L-Istati Membri ***jżommu d-deċiżjoni aħħarija rigward l-użu tagħhom u*** jinfurmaw lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr dwar ***l-emerġenzi nazzjonali jew*** raġunijiet serji li jistgħu jwaqqfuhom milli dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli f'emerġenza speċifika. |

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni timmonitorja l-progress lejn l-iskopijiet ta' kapaċità u, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tidentifika nuqqasijiet fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. | 1. ***Fir-rispett totali tan-natura volontarja tal-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi kif definit fl-Artikolu 11,*** Il-Kummissjoni timmonitorja l-progress lejn l-iskopijiet ta' kapaċità u, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tidentifika nuqqasijiet fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. |

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – test introduttiv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni tappoġġja l-Istati Membri fl-indirizzar tan-nuqqasijiet tal-kapaċità u biex jagħmlu tajjeb għal dawn in-nuqqasijiet bl-aktar mod xieraq u | 2. Il-Kummissjoni tappoġġja l-Istati Membri ***interessati*** fl-indirizzar tan-nuqqasijiet tal-kapaċità u biex jagħmlu tajjeb għal dawn in-nuqqasijiet***, meta l-*** |

| | |
|---|---|
| kosteffettiv, inkluż: | ***Istati Membri jaċċettaw li dan isir*** bl-aktar mod xieraq u kosteffettiv, inkluż: |

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistabbilixxu flimkien il-kriterji ta' valutazzjoni, li skonthom ikun xieraq u kosteffiċjenti li tali nuqqasijiet fil-kapaċità jiġu rranġati.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Kwalunkwe kapaċitajiet żviluppati skont dan l-Artikolu jkunu kkontrollati u ġestiti mill-Istati Membri interessati***. Il-Kummissjoni tiżviluppa mudelli għal*** ftehimiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri involuti. L-Istat Membru li jkun qed jiġġestixxi l-kapaċitajiet ikun responsabbli għar-reġistrazzjoni tagħhom skont il-proċeduri nazzjonali. | (3) Kwalunkwe kapaċitajiet żviluppati skont dan l-Artikolu jkunu kkontrollati u ġestiti mill-Istati Membri interessati ***abbażi ta'*** ftehimiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri involuti. L-Istat Membru li jkun qed jiġġestixxi l-kapaċitajiet ikun responsabbli għar-reġistrazzjoni tagħhom skont il-proċeduri nazzjonali. |

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Dawn il-kapaċitajiet ikunu parti ***mill-Kapaċità*** Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. Dawn ikunu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi skont il-Mekkaniżmu u fuq it- | 4. Dawn il-kapaċitajiet ikunu parti ***mill-konsorzjament volontarju tal-Kapaċità*** Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. Dawn ikunu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni għall- |

| | |
|---|---|
| talba tal-Kummissjoni permezz tal-ERC. Meta ma jintużawx skont il-Mekkaniżmu, dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli għar-raġunijiet nazzjonali tal-Istati Membri li qed jimmaniġġawhom. | emerġenzi skont il-Mekkaniżmu u fuq it-talba tal-Kummissjoni permezz tal-ERC. Meta ma jintużawx skont il-Mekkaniżmu, dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli għar-raġunijiet nazzjonali tal-Istati Membri li qed jimmaniġġawhom. |

**Emenda 23**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw viżibilità xierqa għall-kapaċitajiet żviluppati skont dan l-Artikolu. | (5) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw viżibilità xierqa għall-kapaċitajiet żviluppati skont dan l-Artikolu***, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri***. |

**Emenda 24**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn fuq il-progress li jkun sar rigward il-ksib tal-miri tal-kapaċità ***fil-Kapaċità*** Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. | 6. Il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn fuq il-progress li jkun sar rigward il-ksib tal-miri tal-kapaċità *u n-nuqqasijiet li jkun fadal* ***fil-konsorzjament volontarju tal-Kapaċità*** Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. |

**Emenda 25**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) modalitajiet biex jappoġġjaw l-Istati Membri fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni li huma jew mhumiex fi kwantitajiet suffiċjenti, disponibbli ***mill-Kapaċità*** Ewropea ta' Reazzjoni għall- | (a) modalitajiet biex jappoġġjaw l-Istati Membri fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni li huma jew mhumiex fi kwantitajiet suffiċjenti, disponibbli ***mill-konsorzjament volontarju tal-Kapaċità*** |

| | |
|---|---|
| Emerġenzi. | Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. |

**Emenda 26**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 7 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) modalitajiet dwar l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni fuq livell tal-Unjoni li għandhom iservu bħala lqugħ komuni kontra riskji kondiviżi;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 7 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) modalitajiet fuq il-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-kapaċitajiet ***imsemmija*** taħt il-punti (a) u (b); | (c) modalitajiet fuq il-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-kapaċitajiet ***irreġistrati fil-konsorzjament volontarju tal-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi u msemmija*** taħt il-punti (a) u (b); |

**Emenda 28**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-iżvilupp ta' gwida fuq it-taħriġ tal-protezzjoni ċivili tal-Unjoni u internazzjonali, inkluż taħriġ fuq il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni; | (b) l-iżvilupp ta' gwida fuq it-taħriġ tal-protezzjoni ċivili tal-Unjoni u internazzjonali, ***bl-użu tal-esperjenzi preċedenti tal-Istati Membri,*** inkluż taħriġ fuq il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni; |

**Emenda 29**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (c) il-koordinament mal-pajjiż terz milqut dwar dettalji tekniċi bħall-ħtiġijiet preċiżi għall-għajnuna, l-aċċettazzjoni ta' offerti u l-arranġamenti prattiċi biex l-għajnuna tintlaqa' u titqassam lokalment; | (c) il-koordinament mal-pajjiż terz milqut ***u mal-Istati Membri*** dwar dettalji tekniċi bħall-ħtiġijiet preċiżi għall-għajnuna, l-aċċettazzjoni ta' offerti u l-arranġamenti prattiċi biex l-għajnuna tintlaqa' u titqassam lokalment; |

**Emenda 30**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 16 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kummissjoni, kif definit fil-paragrafu 2, u b'rispett għall-eżiġenza ta' reazzjoni operazzjonali immedjata permezz tal-Mekkaniżmu, malli ssir l-attivazzjoni l-Kummissjoni tinforma lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex ikun hemm konsistenza bejn l-operazzjoni tal-protezzjoni ċivili u r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż affettwat. | 3. Mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kummissjoni, kif definit fil-paragrafu 2, u b'rispett għall-eżiġenza ta' reazzjoni operazzjonali immedjata permezz tal-Mekkaniżmu, malli ssir l-attivazzjoni l-Kummissjoni tinforma lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex ikun hemm konsistenza bejn l-operazzjoni tal-protezzjoni ċivili u r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż affettwat. ***Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jiskambjaw regolarment informazzjoni bil-għan li jiftiehmu flimkien l-attivitajiet rispettivi tagħhom biex jiggarantixxu l-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Huma jirrapportaw lill-Parlament Ewropew dwar tali kwistjoni f'intervalli regolari.*** |

**Emenda 31**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 16 – paragrafu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 11. Jitfittxu sinerġiji ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, u b'mod partikolari, ma' | 11. Jitfittxu sinerġiji ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, u b'mod partikolari, ma' |

| | |
|---|---|
| azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96. | azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96 ***u mal-azzjonijiet żviluppati fl-ambitu tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni***. |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili |
| **Referenzi** | COM(2011)0934 – C7-0519/2011 – 2011/0461(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>19.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>19.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Ioan Mircea Paşcu<br>18.6.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 9.10.2012 12.11.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 22.11.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 47<br>–: 3<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pino Arlacchi, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Tarja Cronberg, Arnaud Danjean, Mário David, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäätteenmäki, Ioannis Kasoulides, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Alexander Graf Lambsdorff, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Mario Mauro, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñiz De Urquiza, Norica Nicolai, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, Werner Schulz, Adrian Severin, Marek Siwiec, Charles Tannock, Geoffrey Van Orden, Boris Zala, Karim Zéribi |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Nikolaos Chountis, Marije Cornelissen, Véronique De Keyser, Kinga Gál, Elisabeth Jeggle, Barbara Lochbihler, Emilio Menéndez del Valle, Marietje Schaake, Ivo Vajgl |

16.11.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili
(COM(2011)0934 – C7-0519/2012 – 2011/0461(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Georgios Stavrakakis

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

**Kuntest**

Il-proposta għal deċiżjoni tal-Kummissjoni tipprevedi l-ħolqien ta' Mekkaniżmu ġdid għall-Protezzjoni Ċivili għall-Unjoni biex jappoġġa, jikkoordina u jissupplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili billi tittejjeb l-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u diżastri kkaġunati mill-bniedem ta' kull tip fl-Unjoni u barra minnha. L-idea hija li jiġi previst approċċ integrat għall-ġestjoni tad-diżastri. Ir-Rapporteur jilqa' dan l-approċċ ġenerali, speċjalment l-enfasi fuq l-appoġġ tal-attivitajiet ta' trasport fl-ambitu tal-għajnuna f'każ ta' diżastru.

**Baġit**
Din il-proposta tipprevedi impenji baġitarji għall-politka tal-UE dwar il-protezzjoni ċivili ta' **EUR 513-il miljun** (fi prezzijiet attwali), kif ġej: EUR 276 miljun fl-Unjoni u EUR 237 miljun għal operazzjonijiet barra l-Unjoni. L-azzjonijiet eliġibbli jaqgħu fi ħdan l-erba' oqsma li ġejjin: azzjonijiet ġenerali, prevenzjoni u tħejjija, reazzjoni, u trasport. Skont ir-Rapporteur, l-allokazzjoni finanzjarja ppjanata għall-perjodu ta' 7 snin mhijiex kbira, u tippermetti biss intervent u effett limitati tal-UE.

**Objettivi**
L-objettivi speċifiċi tal-proposta huma (1) li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom u billi titħaddan kultura ta' prevenzjoni; (2) li jittejjeb l-istat ta' tħejjija tal-Unjoni biex tirrispondi għad-diżastri; u (3) li jiġu ffaċilitati interventi rapidi u effiċjenti ta' reazzjoni għall-emerġenzi fil-każ ta' diżastri ewlenin.

**Prevenzjoni**

Kull euro minfuq fuq il-prevenzjoni jikkontribwixxi biex jiġu ffrankati ħafna aktar wara li jseħħu diżastri naturali u li jintilfu riżorsi materjali u umani sinifikanti. Il-proposta, f'dan il-kuntest, għandha l-għan li (1) ittejjeb il-bażi tal-għarfien dwar ir-riskji tad-diżastri u l-faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni tal-għarfien, l-iskambju tal-aħjar prassi u tal-informazzjoni u l-iżgurar ta' kooperazzjoni effikaċi fi ħdan il-Mekkaniżmu; (2) tappoġġa u tippromwovi l-valutazzjoni u l-immappjar tar-riskji tal-Istati Membri billi tesiġi li sa tmiem l-2016 l-Istati Membri jikkomunikaw il-pjanijiet tagħhom ta' ġestjoni tar-riskji; (3) tipprovdi inventarju tar-riskji naturali u tar-riskji kkaġunati mill-bniedem li l-Unjoni tista' taffaċċja billi jitqies, inter alia, l-impatt futur tat-tibdil fil-klima; u (4) iżżid is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-prevenzjoni tar-riskji u tal-appoġġ lill-Istati Membri fl-oqsma tal-informazzjoni pubblika, l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, eċċ. Fl-emendi tiegħu, ir-Rapporteur biħsiebu jsaħħaħ id-dimensjoni tal-prevenzjoni tal-protezzjoni ċivili.

**Sinerġiji**
L-allokazzjoni proviżorja ta' EUR 513-il miljun, imqabbla mal-kostijiet għoljin tal-għajnuna attwali f'każ ta' diżastru, qisha qatra fl-oċean. Dan jidher ċarament mill-fatt li matul l-aħħar deċennju, huwa stmat li l-għajnuna totali mogħtija mill-UE għall-għajnuna f'każ ta' diżastru, **fl-Unjoni biss**, hija madwar **EUR 2 500 miljun**.

Ir-Rapporteur biħsiebu jenumera s-sinerġiji baġitarji possibbli ma' strumenti oħra ta' azzjoni interna u esterna, bħall-Fondi koperti mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (FEŻR, FSE, FK, FAEŻR, FEMS) u l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Fir-rigward tal-Fond ta' Solidarjetà, kien hemm każijiet meta l-mobilizzazzjoni tiegħu ma kinitx rapida biżżejjed. F'dan ir-rigward, ikun tajjeb li jiġu rieżaminati l-proposti li jittrattaw il-ħeffa tal-mobilizzazzjoni tiegħu, biex dan l-istrument jista' jiġi implimentat fil-ħin, sabiex jiġu indirizzati b'mod effikaċi l-urġenzi maħluqa wara li jseħħu diżastri.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. Jindika li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġiżlattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġiżlattiva u dan ma jistax ikun iffissat sakemm jintlaħaq qbil fuq il-proposta għal regolament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-*** |

| | |
|---|---|
| | ***2020;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċifri fil-bażijiet legali tematiċi ma jistgħux jitqiesu bħala finali, waqt li jkunu għadhom għaddejjin in-negozjati dwar il-QFP, skont il-prinċipju "xejn mhu deċiż, sakemm jiġi deċiż kollox".*

**Emenda 2**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva"[1]; itenni li jinħtieġu biżżejjed riżorsi addizzjonali fil-QFP li jmiss sabiex l-Unjoni tkun tista' tilħaq il-prijoritajiet eżistenti tal-politika tagħha u twettaq il-kompiti l-ġodda previsti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll sabiex tindirizza sitwazzjonijiet mhux mistennija; iħeġġeġ lill-Kunsill, f'każ li ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet politiċi jew mill-proġetti tiegħu jistgħu jiġu abbandunati totalment, minkejja l-garanzija ta' valur miżjud Ewropew tagħhom; jindika li anke b'żieda ta' 5 % fil-livell tar-riżorsi għall-QFP li jmiss meta mqabbel mal-livell tal-2013, tkun tista' ssir biss kontribuzzjoni limitata għall-ilħuq tal-objettivi u l-impenji miftiehma tal-Unjoni u għall-prinċipju tas-solidarjetà tal-Unjoni;*** <br>__________________ <br>***[1] Testi adottati, P7_TA(2011)0266.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk il-Kunsill inqaqqas l-ammonti tal-QFP, il-PE jħeġġu jidentifika "prijoritajiet negattivi"*

*minkejja l-valur miżjud ippruvat tagħhom u l-kompiti ġodda li l-Unjoni trid twettaq wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.*

**Emenda 3**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Ifakkar li fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 bit-titolu "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva[1], il-Parlament Ewropew identifika l-protezzjoni ċivili (Artikolu 196 TFUE) bħala wieħed mill-oqsma fejn id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona ta lill-Unjoni prerogattivi ġodda sinifikanti u jfakkar f'dan il-kuntest fl-Artikolu 311 TFUE li jesiġi li l-Unjoni taħseb biex ikollha l-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha;*** |

***[1] Testi adottati, P7_TA(2011)0266.***

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili jikkostitwixxi espressjoni viżibbli ta' solidarjetà Ewropea billi jiżgura kontribuzzjoni prattika u f'waqtha għall-prevenzjoni u għat-tħejjija għal diżastri u r-reazzjoni għal diżastri ewlenin u l-imminenza tagħhom. Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-Istati Membri fit-trattati bilaterali jew multilaterali, li jirreferu għall-materji | (4) Il-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili jikkostitwixxi espressjoni viżibbli***, konkreta u importanti*** ta' solidarjetà Ewropea billi jiżgura kontribuzzjoni prattika u f'waqtha għall-prevenzjoni u għat-tħejjija għal diżastri u r-reazzjoni għal diżastri ewlenin u l-imminenza tagħhom. Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-Istati Membri fit-trattati bilaterali jew multilaterali, li jirreferu għall-materji |

| | |
|---|---|
| koperti b'din id-Deċiżjoni, u lanqas ir-responsabbiltà tal-Istati Membri biex jipproteġu persuni, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom. | koperti b'din id-Deċiżjoni, u lanqas ir-responsabbiltà tal-Istati Membri biex jipproteġu persuni, l-ambjent u l-proprjetà fit-territorju tagħhom. |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-Mekkaniżmu għandu jikkunsidra b'mod xieraq il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali, u jagħmel l-aħjar użu ta' sinerġiji permezz ta' inizjattivi rilevanti tal-Unjoni, bħall-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), il-Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u l-Ambjent Komuni għall-Iskambju tal-Informazzjoni (CISE). | (5) Il-Mekkaniżmu għandu jikkunsidra b'mod xieraq il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali, u jagħmel l-aħjar użu ta' sinerġiji permezz ta' inizjattivi rilevanti tal-Unjoni, bħall-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), il-Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u l-Ambjent Komuni għall-Iskambju tal-Informazzjoni (CISE)***, kif ukoll il-Fondi koperti mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (FEŻR, FSE, FK, FAEŻR, FEMS) u l-istrumenti għall-azzjoni esterna***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali ta' politika għal azzjonijiet tal-Unjoni rigward il-prevenzjoni tar-riskju tad-diżastri mmirati għall-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni u reżiljenza kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom u bit-trawwim ta' kultura ta' prevenzjoni. Pjanijiet għall-ġestjoni tar-riskju huma essenzjali biex jiżguraw approċċ integrat għal ġestjoni ta' diżastri, bir-rabta bejn azzjonijiet ta' prevenzjoni tar-riskju, ta' tħejjija u ta' reazzjoni. | (6) Il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali ta' politika għal azzjonijiet tal-Unjoni rigward il-prevenzjoni tar-riskju tad-diżastri mmirati għall-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni u reżiljenza kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom u bit-trawwim ta' kultura ta' prevenzjoni. Pjanijiet għall-ġestjoni tar-riskju huma essenzjali biex jiżguraw approċċ integrat għal ġestjoni ta' diżastri, bir-rabta bejn azzjonijiet ta' prevenzjoni tar-riskju, ta' tħejjija u ta' reazzjoni. ***Il-*** |

Għaldaqstant, il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali għall-komunikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom. | ***pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskji jridu jkunu bbażati fuq evidenza xjentifika standardizzata dwar il-probabbiltà u l-potenzjal ta' riskji.*** Għaldaqstant, il-Mekkaniżmu għandu jinkludi qafas ġenerali għall-komunikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom.

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-prevenzjoni hija ta' importanza kruċjali għall-protezzjoni kontra d-diżastri u teħtieġ aktar azzjoni kif mitluba fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 u fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Settembru 2010 fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem". | (7) Il-prevenzjoni hija ta' importanza kruċjali għall-protezzjoni kontra d-diżastri u teħtieġ aktar azzjoni kif mitluba fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 u fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Settembru 2010 fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem". ***Il-prevenzjoni hija kosteffikaċi fuq perjodu twil ta' żmien u hija fundamentali għal protezzjoni ċivili li tirnexxi kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. L-ammont allokat għall-Mekkaniżmu għandu jippermetti li l-appoġġ finanzjarju jingħata għal attivitajiet inklużi fl-aspetti differenti kollha taċ-ċiklu ta' ġestjoni tad-diżastri. Jeħtieġ li jkun ġestit flessibbilment sabiex jippermetti skop għal żidiet kull meta ċ-ċirkustanzi*** |

| | |
|---|---|
| | ***jirrikjeduhom.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Billi tagħti kontribut għal żvilupp ulterjuri ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija, l-Unjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ ta' reazzjoni għad-diżastri u jwissu liċ-ċittadini tal-UE. Dawn is-sistemi għandhom iqisu u jibnu fuq is-sorsi u s-sistemi eżistenti ***u futuri*** tal-informazzjoni. | (9) Billi tagħti kontribut għal żvilupp ulterjuri ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija, l-Unjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ ta' reazzjoni għad-diżastri u jwissu liċ-ċittadini tal-UE. Dawn is-sistemi għandhom iqisu u jibnu fuq is-sorsi u s-sistemi eżistenti tal-informazzjoni ***u għandhom jinkoraġġixxu approċċi innovattivi***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-Mekkaniżmu għandu jagħmel possibbli l-mobilizzazzjoni u l-faċilitazzjoni għall-koordinazzjoni ta' interventi ta' għajnuna. Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi, kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall-emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' ***kapaċitajiet*** identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta' lezzjonijiet miksuba mill- | (13) Il-Mekkaniżmu għandu jagħmel possibbli l-mobilizzazzjoni u l-faċilitazzjoni għall-koordinazzjoni ta' interventi ta' għajnuna. Il-kooperazzjoni rinfurzata għandha tkun ibbażata fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti minn ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi, kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall-emerġenzi fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' ***riżorsi*** identifikati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, sistema komuni ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif għall-emerġenzi ġestita mill-Kummissjoni u b'punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Din għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata tal-emerġenza, għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta' lezzjonijiet miksuba mill- |

| | |
|---|---|
| interventi. | interventi ***bl-inqas dewmien possibbli***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. L-istabbiliment kemm taċ-Ċentru ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi b'funzjonijiet imsaħħa ta' ppjanar u koordinazzjoni, kif ukoll tal-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi, għandu l-għan li jiġġenera ffrankar fil-livell tal-Istati Membri li għandu jkun ogħla mill-kostijiet tal-baġit tal-UE, għalkemm il-benefiċċji ta' reazzjoni rapida u effettiva għad-diżastri f'termini tal-ħajjiet umani salvati ma jistgħux jitkejlu f'termini purament finanzjarji.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Id-disponibilità ta' mezzi adegwati ta' ħtiġijiet għat-trasport teħtieġ titjieb biex tappoġġja l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tappoġġja u *tissuplimenta* l-isforzi tal-Istati Membri billi tiffaċilita ***konsorzjonament*** tar-riżorsi tat-trasport tal-Istati Membri u tikkontribwixxi, fejn neċessarju, għall-iffinanzjar ta' mezzi addizzjonali ta' trasport suġġetti għal ċerti kriterji. | (16) Id-disponibilità ta' mezzi adegwati ta' ħtiġijiet għat-trasport teħtieġ titjieb biex tappoġġja l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tappoġġja u *tissupplimenta* l-isforzi tal-Istati Membri billi tiffaċilita ***l-koordinament u l-konsorzjament*** tar-riżorsi tat-trasport tal-Istati Membri u tikkontribwixxi, fejn neċessarju, għall-iffinanzjar ta' mezzi addizzjonali ta' trasport suġġetti għal ċerti kriterji. |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) L-objettiv ta' din id-Deċiżjoni ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u b'hekk, minħabba l-iskala jew ***l-effetti*** tal-azzjoni proposta, b'kunsiderazzjoni tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-operazzjoni tal-Mekkaniżmu f'termini ta' tnaqqis f'telf ta' ħajja umana u danni, jista' jinkiseb aħjar f'livell tal-Unjoni. Jekk il-kapaċitajiet ta' reazzjoni ta' Stat Membru affettwat ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' emerġenza ***ewlenija***, dan l-Istat għandu jkun jista' jagħmel appell għall-Mekkaniżmu biex jissupplimenta r-riżorsi tiegħu tal-protezzjoni ċivili u ta' riżorsi oħra ta' reazzjoni għall-emerġenzi. B'hekk l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan. | (22) L-objettiv ta' din id-Deċiżjoni ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri ***waħedhom***, u b'hekk, minħabba l-iskala jew ***l-impatti*** tal-azzjoni proposta, b'kunsiderazzjoni tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-operazzjoni tal-Mekkaniżmu f'termini ta' tnaqqis f'telf ta' ħajja umana u danni, jista' jinkiseb aħjar f'livell tal-Unjoni. Jekk il-kapaċitajiet ta' reazzjoni ta' Stat Membru affettwat ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' emerġenza ***serja***, dan l-Istat għandu jkun jista' jagħmel appell għall-Mekkaniżmu biex jissupplimenta r-riżorsi tiegħu tal-protezzjoni ċivili u ta' riżorsi oħra ta' reazzjoni għall-emerġenzi. B'hekk l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan. |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) għaż-żieda tas-sensibilizzazzjoni u t-tħejjija tal-pubbliku għal diżastri kbar.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-istħarriġ speċjali 383 tal-Ewrobarometru dwar il-Protezzjoni Ċivili li sar fi Frar-Marzu 2012 sab li ċ-ċittadini tal-UE ġeneralment jesprimu livell għoli ta' preokkupazzjoni dwar id-diżastri naturali u d-diżastri kkaġunati mill-bniedem, iżda għandhom livell baxx ta' għarfien dwar l-azzjonijiet tal-UE f'dan il-qasam. 75 % qalu li huma preokkupati dwar it-tixrid ta' żejt u l-inċidenti nukleari, u 67 % dwar l-għargħar u t-terremoti. 38% biss fl-UE27 kienu jafu dwar ir-rwol ta' koordinament tal-UE ta' azzjonijiet tal-protezzjoni ċivili fl-UE u barra minnha.*

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) tappoġġja lill-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, kif riferut fl-Artikolu 28, fil-prevenzjoni ta' diżastri ewlenin; | (f) tappoġġja lill-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, kif riferut fl-Artikolu 28, fil-prevenzjoni ta' diżastri ewlenin***, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp sostenibbli, l-ekonomija ekoloġika u l-prevenzjoni tat-tibdil fil-klima***; |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju ***se jikkunsidraw il-valutazzjonijiet*** nazzjonali ta' riskju u valutazzjoni oħra rilevanti ta' riskju u se jkunu koerenti ma' pjanijiet rilevanti oħrajn fis-seħħ f'dak l-Istat Membru. | (2) Il-pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju ***jinkludu l-valutazzjonijiet*** nazzjonali ta' riskju u valutazzjoni oħra rilevanti ta' riskju u jkunu koerenti ma' pjanijiet rilevanti oħrajn fis-seħħ f'dak l-Istat Membru. ***Dawn ikunu bbażati fuq dejta xjentifika.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-istabbiliment ta' kontenut ċar għall-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskji jtejjeb il-koerenza bejn il-pjanijiet differenti tal-Istati Membri.*

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskji jiġu aġġornati regolarment kull tliet snin mill-Istati Membri sabiex tkun żgurata kopertura sħiħa tan-natura, l-istruttura u*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-intensità li qed jiżviluppaw tar-riskji. Il-pjanijiet aġġornati ta' ġestjoni tar-riskji jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Meta jitqies li l-istruttura, il-frekwenza u l-intensità tar-riskji qed jinbidlu b'mod permanenti maż-żmien, il-ġestjoni tar-riskji għandha tiġi aġġornata bl-istess mod, biex b'hekk l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jġestixxu dawn ir-riskji kif xieraq.*

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 11 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-kapaċitajiet reġistrati fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi jkunu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi taħt il-Mekkaniżmu fuq it-talba tal-Kummissjoni permezz tal-ERC. L-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr dwar raġunijiet serji li jistgħu jwaqqfuhom milli dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli f'emerġenza speċifika. | (6) Il-kapaċitajiet reġistrati fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi jkunu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi taħt il-Mekkaniżmu fuq it-talba tal-Kummissjoni permezz tal-ERC. L-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr dwar raġunijiet serji li jistgħu jwaqqfuhom milli dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli f'emerġenza speċifika. ***Sabiex jinstabu soluzzjonijiet f'każ li Stat Membru ma jitħalliex jagħmel il-kapaċitajiet tiegħu disponibbli u sabiex tiġi garantita reazzjoni rapida u suffiċjenti, il-konsorzjonament volontarju jinkludi numru adegwat ta' mezzi ta' kull tip.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tiżviluppa *ta'* kapaċitajiet ta' reazzjoni fuq livell tal-Unjoni, fejn huwa iktar kosteffettiv, li jista' jservi bħala bafer komuni kontra riskji kondiviżi. | (b) tiżviluppa kapaċitajiet ta' reazzjoni fuq livell tal-Unjoni, fejn huwa iktar kosteffettiv, ***inter alia l-kapaċitajiet orizzontali tal-mezzi, il-loġistika, il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***valutazzjoni u l-koordinament,*** li jista' jservi bħala bafer komuni kontra riskji kondiviżi. |

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm oqsma fejn il-finanzjament tal-UE jista' jkun aktar xieraq.*

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) It-twaqqif ta' programm tat-taħriġ u netwerk tat-taħriġ għall-protezzjoni ċivili u persunal ieħor ta' ġestjoni għall-emerġenza fuq prevenzjoni ta' diżastri, tħejjija u reazzjoni, bil-għan li titjieb il-koordinazzjoni, il-kompatibilità u l-komplementarjetà bejn il-moduli u l-kapaċitajiet oħrajn li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 8, 9 u 11, u bit-titjib tal-kompetenza tal-esperti li hemm referenza għalihom fil-punt (d) tal-Artikolu 7. Il-programm għandu jinkludi korsijiet, eżerċizzji u sistema ta’ skambju ta' esperti, li biha individwi jistgħu jiġu ssekondati mat-timijiet fi Stati Membri oħra; | (a) It-twaqqif ***u l-iżgurar tal-funzjonament*** ta' programm tat-taħriġ u netwerk tat-taħriġ għall-protezzjoni ċivili u persunal ieħor ta' ġestjoni għall-emerġenza fuq prevenzjoni ta' di¿astri, tħejjija u reazzjoni, bil-għan li titjieb il-koordinazzjoni, il-kompatibilità u l-komplementarjetà bejn il-moduli u l-kapaċitajiet oħrajn li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 8, 9 u 11, u bit-titjib tal-kompetenza tal-esperti li hemm referenza għalihom fil-punt (d) tal-Artikolu 7. Il-programm għandu jinkludi korsijiet, eżerċizzji u sistema ta’ skambju ta' esperti, li biha individwi jistgħu jiġu ssekondati mat-timijiet fi Stati Membri oħra; |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun involuta mhux biss fil-ħolqien ta' programm ta' taħriġ u ta' netwerk ta' taħriġ, iżda anke fil-funzjonament tagħhom.*

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammont ***finanzjarju*** ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni | 1. ***Skont it-tifsira tal-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' .../.... bejn il-*** |

| | |
|---|---|
| għall-perijodu 2014 sa 2020 huwa ta' ***EUR 513 000 000*** fi prezzijiet ***attwali***. | ***Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba,*** l-ammont ta' referenza ***ewlieni għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali*** għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perijodu 2014 sa 2020, huwa ta' ***EUR XXX XXX XXX*** fi prezzijiet ***tal-2011***. |
| ***EUR 276 000 000*** fi prezzijiet ***attwali*** jittieħdu minn intestatura 3 "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju u ***EUR 237 000 000*** fi prezzijiet ***attwali*** mill-intestatura 4 "Ewropa Globali." | ***EUR XXX XXX XXX*** fi prezzijiet ***tal-2011*** jittieħdu minn intestatura 3 "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju u ***EUR XXX XXX XXX*** fi prezzijiet ***tal-2011*** mill-intestatura 4 "Ewropa Globali." |

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-awtorità baġitarja tawtorizza l-approprjazzjonijiet annwali li huma disponibbli mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin bejn l-2014 u l-2020 u l-Ftehim Interistituzzjonali ta' xxx/201z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 21 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tħejjija ta' pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju u analżi tar-riskji mal-Unjoni kollha; | (a) tħejjija ***u implimentazzjoni*** ta' pjanijiet ta' ġestjoni f'każ ta' riskju u analżi tar-riskji |

| | |
|---|---|
| | mal-Unjoni kollha; |

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-koerenza mal-Artikolu 5 u biex jintlaħqu l-objettivi tal-prevenzjoni, il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri tul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskji.*

**Emenda 24**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 21 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) ħolqien u manutenzjoni tal-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi, kif imsemmi fl-Artikolu 11. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal azzjonijiet skont dan il-punt se tieħu l-forma ta' spejjeż ta' unità determinati skont it-tip ta' kapaċità u mhux se tkun ta' iktar minn ***25%*** tal-ispejjeż eliġibbli totali. | (g) ħolqien u manutenzjoni tal-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi, kif imsemmi fl-Artikolu 11. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal azzjonijiet skont dan il-punt se tieħu l-forma ta' spejjeż ta' unità determinati skont it-tip ta' kapaċità u mhux se tkun ta' iktar minn ***50%*** tal-ispejjeż eliġibbli totali. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi stabbilit konsorzjonament kbir biżżejjed biex ikun iggarantit li mezzi fundamentali jkunu disponibbli f'kull sitwazzjoni ta' diżastru, qed tiġi proposta rata ta' kofinanzjament tal-UE ta' mill-inqas 50 %.*

**Emenda 25**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 21 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) identifikazzjoni u indirizzar tan-nuqqasijiet fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi skont l-Artikolu 12. Azzjonijiet meħuda skont dan il-punt ikunu bbażati fuq analiżi fil-fond tal-ħtiġijiet u tal-bilanċ bejn in-nefqa u l-benefiċċju skont it-tip ta' kapaċità, billi jiġu kkunsidrati ***l-probabilità*** u l-impatt tar-riskji rilevanti. Il-kontribuzzjoni finanzjarja | (h) identifikazzjoni u indirizzar tan-nuqqasijiet fil-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi skont l-Artikolu 12. Azzjonijiet meħuda skont dan il-punt ikunu bbażati fuq analiżi fil-fond tal-ħtiġijiet u tal-bilanċ bejn in-nefqa u l-benefiċċju skont it-tip ta' kapaċità, billi jiġu kkunsidrati ***n-natura orizzontali tagħha u l-benefiċċju possibbli tagħha*** |

| | |
|---|---|
| tal-Unjoni għall-azzjonijiet taħt dan il-punt ma jistgħux ikunu iktar minn 85% tal-ispejjeż eliġibbli totali; | ***f'sitwazzjonijiet differenti ta' diżastru, in-natura speċjalizzata ferm u l-kost tagħha, jew il-probabilità*** u l-impatt tar-riskji rilevanti. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-azzjonijiet taħt dan il-punt ma jistgħux ikunu iktar minn 85% tal-ispejjeż eliġibbli totali; |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li jissaħħaħ l-ambitu għall-kofinanzjament tal-UE biex jiġu indirizzati tipi differenti ta' distakki fir-rigward tal-kapaċità.*

**Emenda 26**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 21 – punt k (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(k) appoġġ ta' programm ta' taħriġ u netwerk ta' taħriġ tal-UE, bl-involviment ta' skejjel tal-protezzjoni ċivili, ċentri tat-taħriġ u ta' persunal ieħor ta' ġestjoni tal-emerġenzi dwar il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija u r-reazzjoni għalihom fl-Istati Membri.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 13, jinħtieġ appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE.*

**Emenda 27**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jitfittxu sinerġiji u kumplimentarità ma' strumenti oħra tal-Unjoni. Fil-każ ta' reazzjoni f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tiżgura l-kumplimentarità u l-koerenza ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni u azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament | 2. Jitfittxu sinerġiji u kumplimentarità ma' strumenti oħra tal-Unjoni***, inter alia, mal-Fondi koperti mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (FEŻR, FSE, FK, FAEŻR, FEMS)***. Fil-każ ta' reazzjoni f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tiżgura l- |

| | |
|---|---|
| (KE) Nru 1257/96. | kumplimentarità u l-koerenza ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni u azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96. ***Fil-qasam tal-azzjoni esterna ta' prevenzjoni, għandhom jiġu sfruttati s-sinerġiji mar-Regolament Nru .... li jistabbilixxi l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari u r-Regolament Nru .... li jistabbilixxi l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp. F'termini ta' azzjoni ta' wara kriżi, għandha tiġi żgurata komplementarjetà mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja, il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Unjoni u l-Istati Membri jikkoordinaw il-programmi ta' appoġġ rispettivi tagħhom bil-għan li jżidu l-effikaċja u l-effiċjenza rigward l-għoti tal-appoġġ u d-djalogu politiku skont il-prinċipji stabbiliti għat-tisħiħ tal-koordinament operattiv, u għall-armonizzazzjoni tal-politika u l-proċeduri. Il-koordinament jinvolvi konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni relevanti u tal-aħjar prassi tul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' appoġġ.*** |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili |
| **Referenzi** | COM(2011)0934 – C7-0519/2011 – 2011/0461(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>19.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>19.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Georgios Stavrakakis<br>6.2.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 15.11.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 27<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Marta Andreasen, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Barbara Matera, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, Derek Vaughan |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Jürgen Klute, Jaroslav Paška, Peter Šťastný, Georgios Stavrakakis, Nils Torvalds |

## PROĊEDURA

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Titolu** | Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili | | | |
| **Referenzi** | COM(2011)0934 – C7-0519/2011 – 2011/0461(COD) | | | |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 20.12.2011 | | | |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>19.1.2012 | | | |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>19.1.2012 | DEVE<br>19.1.2012 | BUDG<br>19.1.2012 | REGI<br>19.1.2012 |
| **Kumitat(i) assoċjat(i)**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>14.6.2012 | | | |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Elisabetta Gardini | | | |

| | |
|---|---|
| | 7.2.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 26.4.2012 19.9.2012 5.11.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 28.11.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 52<br>–: 5<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Sergio Berlato, Lajos Bokros, Nessa Childers, Yves Cochet, Chris Davies, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Elisabetta Gardini, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Jo Leinen, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Vladko Todorov Panayotov, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Salvatore Tatarella, Thomas Ulmer, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Nikos Chrysogelos, Vicky Ford, Julie Girling, Georgios Koumoutsakos, Judith A. Merkies, Miroslav Mikolášik, Britta Reimers, Birgit Schnieber-Jastram, Renate Sommer, Alda Sousa, Rebecca Taylor, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Andrea Zanoni |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Ashley Fox, Emma McClarkin |
| **Data tat-tressiq** | 8.1.2013 |